ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

**Ħarġa Speċjali ***
**28 ta' Novembru 2006**

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Tagħrif*

**Kunsill**

Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 19/2006 ta' l-24 ta' Lulju 2006 adottata mill-Kunsill, bi qbil mal-proċedura msemmija f'Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, bil-ħsieb li jadotta Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-passiġġieri fuq il-ferroviji internazzjonali ........ 1

Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 20/2006 ta' l-24 ta' Lulju 2006 adottata mill-Kunsill, bi qbil mal-proċedura msemmija f'Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, bil-ħsieb li jadotta Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-ferroviji Komunitarji u d-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni ta' infrastruttura għall-kapaċità tal-ferroviji u l-intaxxar tal-ħlasijiet għall-użu ta' l-infrastruttura tal-ferroviji ........ 30

Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 21/2006 ta' l-14 ta' Settembru 2006 adottata mill-Kunsill, bi qbil mal-proċedura msemmija f'Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, bil-ħsieb li jadotta Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċertifikazzjoni tax-xufiera tal-ferroviji li qed joperaw il-ferroviji u l-lokomotivi fuq il-linji tal-ferroviji fil-Komunità ........ 42

Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 22/2006 tal-25 ta' Settembru 2006 adottata mill-Kunsill, bi qbil mal-proċedura msemmija f'Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, bil-ħsieb li jodotta Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liġi applikabbli fuq obbligazzjonijiet non-kontrattwali ("ROME II") ........ 68

MT

* Din il-Ħarġa Speċjali bil-Malti hija ppubblikata bil-lingwi uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fil-ĠU C 289 E.

I

*(Tagħrif)*

# KUNSILL

## POŻIZZJONI KOMUNI (KE) Nru 19/2006

**adottata mill-Kunsill fl-24 ta' Lulju 2006**

**bil-ħsieb li tadotta Regolament (KE) Nru…/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'… dwar id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-passiġġieri fuq il-ferroviji internazzjonali**

(2006/C 289 E/01)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1])

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Fil-qafas tal-politika komuni għat-trasport, huwa importanti li jiġu mħarsa d-drittijiet ta' l-utenti għall-passiġġieri internazzjonali tal-ferroviji li jivjaġġaw bejn l-Istati Membri u li jittejbu l-kwalità u l-effettività tas-servizzi għall-passiġġieri internazzjonali tal-ferroviji bejn l-Istati Membri sabiex jiġi megħjun it-tkabbir tas-sehem tat-trasport bil-ferrovija meta mqabbel ma' mezzi oħra ta' trasport.

(2) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Istrateġija dwar il-Politika tal-Konsumatur għall-2002-2006" ([4]) tistabilixxi l-għan li jinkiseb livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur fil-qasam tat-trasport, kif jitlob l-Artikolu 153(2) tat-Trattat.

(3) Ġialadarba l-passiġġier tal-ferroviji huwa l-parti d-dgħajfa fil-kuntratt tat-trasport, għandhom jiġu mħarsa d-drittijiet tal-passiġġier f'dan ir-rigward.

(4) Id-drittijiet ta' l-utenti għas-servizzi ferrovjarji jinkludu li jirċievu informazzjoni rigward is-servizz ta' qabel u matul il-vjaġġ. Kull meta hu possibbli, impriżi ferrovjarji u bejjiegħa tal-biljetti għandhom jipprovdu din l-informazzjoni minn qabel u mill-iktar fis possibbli.

(5) Ħtiġiet aktar dettaljati rigward l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar se jitniżżlu fl-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà (TSI) msemmija fid-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali ([5]).

(6) It-tisħiħ tad-drittijiet ta' passiġġieri internazzjonali tal-ferroviji għandu jinbena fuq is-sistema eżistenti tal-liġi internazzjonali dwar dan is-suġġett li tinsab fl-Appendiċi A — Regoli uniformi dwar il-Kuntratt għat-Trasport Internazzjonali ta' Passiġġieri u Bagalji bil-Ferrovija (CIV) għall-Konvenzjoni dwar Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif modifikata bil-Protokoll għall-modifika tal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija tat-3 ta' Ġunju 1999 (Protokoll 1999).

(7) L-impriżi ferrovjarji għandhom jikkoperaw sabiex jiġi ffaċilitat it-trasferiment ta' passiġġieri internazzjonali tal-ferroviji minn operatur għal ieħor bid-disposizzjoni ta' biljeti globali, fejn huwa possibbli.

(8) Id-disposizzjoni ta' l-informazzjoni u l-biljetti għal passiġġieri internazzjonali tal-ferroviji għandha tkun faċilitata bl-adattament ta' sistemi kompjuterizzati għal speċifikazzjoni komuni.

([1]) ĠU C 221, 8.9.2005, p. 8.
([2]) ĠU C 71, 22.3.2005, p. 26.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-28 ta' Settembru 2005 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Posizzjoni Komuni tal-Kunsill tal-24 ta' Lulju 2006 u Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-… (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) ĠU C 137, 8.6.2005, p. 2.
([5]) ĠU L 110, 20.4.2001, p. 1. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2004/50/KE (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 114).

(9) L-implimentazzjoni ulterjuri tas-sistemi ta' informazzjoni dwar l-ivjaġġar u riservazzjoni għandha tiġi esegwita skond it-TSIs.

(10) Is-servizzi tal-passiġġieri ferrovjarji internazzjonali għandhom ikunu ta' benefiċċju għaċ-ċittadini b'mod ġenerali. Għaldaqstant persuni b'mobbiltà mnaqqsa, kemm jekk ikkawżata minn diżabilità, età jew fattur ieħor, għandhom ikollhom opportunitajiet għall-ivvjaġ-ġar bil-ferrovija li jistgħu jitqabblu ma' dawk ta' ċittadini oħra. Persuni b'diżabilità u persuni b'mobbiltà mnaqqsa għandhom l-istess dritt bħaċ-ċittadini l-oħra kollha għall-moviment liberu, libertà ta' l-għażla u non-diskriminazzjoni. Fost oħrajn, għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-għoti ta' informazzjoni lil persuni b'mobbiltà mnaqqsa rigward l-aċċessibbiltà tas-servizzi ferrovjarji, l-aċċess għal kondizzjonijiet ta' vetturi tar-roti u l-faċilitajiet abbord. Sabiex tkun mogħtija l-aħjar informazzjoni dwar dewmien lil passiġġieri b'indeboliment sensorju, għandhom jintużaw, kif jixraq, sistemi viżivi u awditivi. Persuni b'mobbiltà mnaqqsa għandhom ikollhom il-possibbiltà li jixtru l-biljetti abbord il-ferrovija mingħajr ħlasijiet żejda.

(11) L-impriżi ferrovjarji għandhom ikunu obbligati li jkunu assigurati, jew li jagħmlu arranġamenti ekwivalenti, għar-responsabbiltà tagħhom lejn passiġġieri internazzjonali tal-ferroviji fil-każ ta' aċċidenti. L-inqas ammont ta' assigurazzjoni għal impriżi tal-ferroviji għandu jkun issuġġett għal reviżjoni fil-futur.

(12) Id-drittijiet imsaħħin ta' kumpens u ta' assistenza fil-każ ta' dewmien, konnessjoni mitlufa jew kanċellazzjoni tas-servizz internazzjonali għandhom iwasslu għal inċentivi akbar għas-suq tal-passiġġieri internazzjonali tal-ferrovoiji, għall-benefiċċju tal-passiġġieri.

(13) Huwa mixtieq li dan ir-Regolament għandu joħloq sistema ta' kumpens għall-passiġġieri fil-każ ta' dewmien, li hija marbuta mar-responsabbiltà ta' l-impriża tal-ferrovija, fuq l-istess bażi bħas-sistema internazzjonali pprovduta mill-COTIF u b'mod partikolari l-appendiċi CIV għalih dwar id-drittijiet tal-passiġġieri.

(14) Hija ħaġa mixtieqa wkoll li l-vittmi ta' inċidenti u dawk li jiddependu fuqhom ikunu meħlusa minn preokkupazzjonijiet finanzjarji għaż-żmien qasir fil-perjodu eżatt wara l-inċident.

(15) Huwa fl-interessi tal-passiġġieri ferrovjarji internazzjonali li jittieħdu miżuri adegwati, bi qbil ma' l-awtoritajiet pubbliċi, biex tkun żgurara s-sigurtà personali tagħhom fi stazzjonijiet kif ukoll abbord ta' ferrovija.

(16) Passiġġieri internazjonali tal-ferroviji għandhom ikunu jistgħu jagħmlu lment lil kull impriża tal-ferroviji jew bejjiegħ tal-biljetti involut fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi mogħtijin b'dan ir-Regolament, u jkunu intitolati li jirċievu risposta f'perijodu ta' żmien raġonevoli .

(17) L-impriżi tal-ferroviji għandhom jiddefinixxu, jamministraw u jimmonitoraw standards ta' kwalità tas-servizz għal servizzi ta' passiġġieri internazzjonali tal-ferroviji.

(18) Il-kontenut ta' dan ir-Regolament għandu jkun rivedut fir-rigward ta' l-aġġustament ta' ammonti finanzjarji għall-inflazzjoni u l-informazzjoni u l-ħtiġiet ta' kwalità tas-servizz fid-dawl ta' żviluppi fis-suq kif ukoll fid-dawl ta' l-effetti ta' dan ir-Regolament fuq il-kwalità tas-servizz.

(19) Dan ir-Regolament għandu jkun bla ħsara għad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru, 1995, dwar il-ħarsien ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' informazzjoni personali u dwar il-moviment ħieles ta' informazzjoni bħal din ([1]).

(20) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn il-penali jiġu applikati. Il-penali, li jistgħu jinkludu l-ħlas ta' kumpens lill-persuna in kwistjoni, iridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(21) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-iżvilupp tal-ferroviji Komunitarji u l-introduzzjoni tad-drittijiet tal-passiġġieri fit-traffiku ferrovjarju internazzjonali, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri waħedhom fid-dawl tad-dimensjonijiet internazzjonali sinifikanti u tal-ħtieġa ta' koordinament fil-vjaġġi internazzjonali tal-passiġġieri, u għalhekk jistgħu jintlaħqu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(22) Huwa mira ta' dan ir-Regolament li tiġi appoġġata l-integrazzjoni transkonfinali f'żoni fejn iċ-ċittadini ta' żewġ Stati Membri ġirien jew aktar jaħdmu u jirresjedu — sa punt sostanzjali- fl-Istat Membru l-ieħor. Għalhekk, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li b'mod temporanju jagħtu eżenzjonijiet għal servizzi transkonfinali individwali. Dawn is-servizzi jista' jkun li jipprovdu trasport f'konurbazzjoni jew reġjun li jinsab f'żewġ Stati Membri jew aktar, f'reġjuni fejn parti konsiderevoli misservizz jinħadem barra mill-Komunità, fejn hemm parti qasira tar-rotta fi transitu fi Stat Membru ieħor, jew fejn jaqsam fi Stat Membru ieħor biex jagħmel l-aħħar waqfa biss.

(23) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 199/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([2]).

([1]) ĠU L 281, 23.11,1995, p.31. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru. 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

([2]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli fir-rigward ta' dan li ġej:

a) l-informazzjoni li trid tingħata mill-impriżi ferrovjarji, il-konklużjoni ta' kuntratti ta' trasport, il-ħruġ ta' biljetti u l-implimentazzjoni ta' Sistema ta' Informazzjoni u Riservazzjoni Kompjuterizzata għat-Trasport Ferrovjarju,

b) ir-responsabbiltà ta' l-impriżi ferrovjarji u l-obbligi tagħhom ta' l-assigurazzjoni għal passiġġieri u l-bagalji tagħhom,

ċ) l-obbligi ta' l-impriżi ferrovjarji għal passiġġieri f'każ ta' dewmien,

d) il-protezzjoni ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa li jivvjaġġaw bil-ferrovija u l-assistenza għalihom,

e) id-definizzjoni u l-monitoraġġ ta' standards ta' kwalità tas-servizzi għal servizzi internazzjonali, il-ġestjoni tar-riskji għas-sigurtà personali tal-passiġġieri u t-trattament ta' l-ilmenti, u

f) regoli ġenerali dwar l-infurzar.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Bla ħsara għall-paragrafi 2, 3 u 4 dan ir-Regolament għandu japplika fil-Komunità kollha għal vjaġġi internazzjonali fuq servizzi domestiċi u internazzjonali, provduti minn impriża ferrovjarja waħda jew aktar li għandha liċenzja skond id-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 dwar l-għoti ta' liċenzji lil impriżi ferrovjarji ([1]).

2. Il-Kapitolu IV u l-Artikolu 25 għandhom japplikaw biss għal vjaġġi internazzjonali fuq servizzi internazzjonali.

3. Il-Kapitoli V għandu japplika wkoll għal vjaġġi domestiċi fuq servizzi internazzjonali.

4. Għal perijodu massimu ta' 5 snin, Stat Membru jista', fuq bażi trasparenti u non-diskriminatorja, jagħti eżenzjoni temporanja li tista' tiġġedded minn disposizzjonijiet minn dan ir-Regolament għal ċerti servizzi internazzjonali jew vjaġġi internazzjonali, li qegħdin f'sitwazzjoni eċċezzjonali minħabba li

a) is-servizz internazzjonali jipprovdi trasport biex jissodisfa l-bżonnijiet ta' trasport f'konurbazzjoni jew reġjun li jinsab f'żewġ Stati Membri jew aktar, jew

b) parti konsiderevoli mis-servizz internazzjonali, li jinkludi għall-inqas waqfa waħda prevista fi stazzjoni, jinħadem barra l-Komunità, jew

ċ) is-servizz internazzjonali jibda u jintemm fl-istess Stat Membru b'sezzjoni minnu tkun tgħaddi minn Stat Membru ieħor, b' xi waqfiet kummerċjali jew mingħajrhom, għal distanza ta' inqas minn 100 km, jew

d) is-servizz internazzjonali jaqsam fruntiera ta' Stat Membru u jintemm fl-eqreb stazzjon tal-fruntiera.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'-tali eżenzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk eżenzjoni tkunx skond dan l-Artikolu.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-għan ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "impriża ferrovjarja" tfisser impriża ferrovjarja kif definita fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/14/KE ([2]), u kwalunkwe impriża pubblika jew privata, li l-attività tagħha hi li tipprovdi t-trasport ta' merkanzija u/jew passiġġieri bil-ferrovija fuq il-bażi li l-impriża għandha tiżgura l-ġbid; dan jinkludi wkoll impriżi li jipprovdu biss il-ġbid;

2. "trasportatur" tfisser l-impriża ferrovjarja kuntrattwali li magħha l-passiġġier ikkonkluda l-kuntratt ta' trasport jew serje ta' impriżi ferrovjarji suċċessivi li jinżammu responsabbli abbażi ta' dan il-kuntratt;

3. "trasportatur sostituttiv" tfisser impriża ferrovjarja, li ma kkonkludietx il-kuntratt ta' trasport mal-passiġġier, iżda li lilha l-impriża ferrovjarja li hi parti għall-kuntratt fdat, bissħiħ jew parzjalment, it-twettiq tat-trasport bil-ferrovija;

4. "amministratur ta' l-infrastruttura" tfisser kwalunkwe korp jew impriża li huma responsabbli b'mod partikolari għall-istabbiliment u l-manteniment ta' infrastruttura ferrovjarja, jew ta' parti minnha, kif definit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 91/440/KEE ([3]), li jista' wkoll jinkludi l-amministrazzjoni ta' sistemi ta' kontroll u sikurezza ta' l-infrastruttura; il-funzjonijiet ta' l-amministratur ta' l-infrastruttura fuq netwerk jew parti minn netwerk jistgħu jiġu allokati lil korpi jew impriżi differenti;

5. "amministratur ta' l-istazzjon" tfisser entità organizzattiva fi Stat Membru, li ngħatat r-responsabilità għall-amministrazzjoni ta' stazzjon ferrovjarju u li tista' tkun l-amministrattur ta' l-infrastruttura;

([1]) ĠU L 143, 27.6.1995, p. 70. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

([2]) Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji (ĠU L 75, 15.3.2001, p. 29). Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/49/KE.

([3]) Direttiva tal-Kunsill 91/440/KE tad-29 ta' Lulju 1991 dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU L 237, 24.8.1991, p. 25). Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 164).

6. "operatur tal-vjaġġi" tfisser, organizzatur jew bejjiegħ, min-barra impriża ferrovjarja, fit-tifsira ta' l-Artikolu 2, punti (2) u (3) tad-Direttiva 90/314/KEE ([1]);

7. "bejjiegħ tal-biljetti" tfisser kull bejjiegħ bl-imnut ta' ser-vizzi ta' trasport ferrovjarju li jikkonkludi kuntratti ta' tras-port u li jbiegħ biljetti f'isem l-impriża ferrovjarja jew għa-lih innifsu;

8. "Kuntratt ta' trasport" tfisser kuntratt ta' trasport bi ħlas jew mingħajr ħlas bejn impriża ferrovjarja jew bejjiegħ tal-biljetti u l-passiġġier għall-provvediment ta' servizz ta' tras-port wieħed jew aktar.

9. "riservazzjoni" tfisser awtorizzazzjoni, fuq il-karti jew f'forma elettronika, li tagħti d-dritt għal trasport soġġett għal arranġamenti personalizzati ta' trasport ikkonfermati preċedentement;

10. "biljett globali" tfisser biljett jew biljetti li jirrappreżentaw kuntratt ta' trasport konkluż għall-użu ta' servizzi ferrov-jarji suċċessivi mhaddma minn impriża ferrovjarja waħda jew aktar;

11. "vjaġġ internazzjonali" tfisser vjaġġ għall-passiġġieri bil-fer-rovija bejn żewġ Stati Membri taħt kuntratt ta' trasport uniku li bih, bejn il-post tat-tluq u l-post tad-destinazzjoni, passiġġier jaqsam minn ta' l-inqas fruntiera waħda ta' Stat Membru u fejn, taħt l-istess kuntratt, il-passiġġier jivjaġġa minn ta' l-inqas fuq servizz internazzjonali wieħed. Il-pas-siġġier jista', skond il-postijiet tat-tluq u tad-destinazzjoni fil-kuntratt ta' trasport, jivjaġġa wkoll fuq servizz domes-tiku wieħed jew aktar;

12 "vjaġġ domestiku" tfisser vjaġġ għall-passiġġier bil-ferrovija taħt kuntratt ta' trasport uniku li bih passiġġier ma jaq-samx il-fruntiera ta' Stat Membru;

13. "sevizz internazzjonali" tfisser servizz ferrovjarju li jibda u jintemm fil-Komunità u jaqsam ta' l-inqas fruntiera waħda ta' Stat Membru;

14 "servizz domestiku" tfisser servizz ferrovjarju għall-passiġ-ġieri li ma jaqsamx fruntiera ta' Stat Membru;

15. "dewmien" tfisser id-differenza fil-ħin bejn il-ħin meta l-passiġġier kien previst jasal skond il-ħinijiet pubblikati u l-ħin tal-wasla attwali jew mistennija tiegħu jew tagħha;

16. "Sistema ta' Informazzjoni u Riservazzjoni Kompjuterizzata għat-Trasport Ferrovjarju (CIRSRT)" tfisser sistema kompju-terizzata li fiha informazzjoni dwar servizzi ferrovjarji offruti minn impriżi ferrovjarji; l-informazzjoni maħżuna fic-CIRSRT dwar sevizzi għall-passiġġieri għandha tinkludi informazzjoni dwar:

(a) skedi u ħinijiet tas-servizzi għall-passiġġieri;

(b) disponibbiltà ta' post fuq is-servizzi għall-passiġġieri;

(ċ) nollijiet u kondizzjonijiet speċjali:

(d) aċċessibbiltà tal-ferroviji għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa;

(e) faċilitajiet li bihom jistgħu jsiru riservazzjonijiet jew jinħarġu biljetti jew biljetti globali sal-punt safejn uħud minn jew il-faċilitajiet kollha jsiru disponibbli għall-utenti;

17. "persuna b'mobbiltà mnaqqsa" tfisser kull persuna li l-mob-biltà tagħha meta tuża t-trasport hija mnaqqsa minħabba kwalunkwe diżabbiltà fiżika (li tolqot is-sensi jew il-loko-mozzjoni, permanenti jew temporanja), diżabbiltà jew indeboliment intellettwali jew kwalunkwe kawża oħra ta' diżabilità, jew minħabba l-età, u li s-sitwazzjoni tagħha teħ-tieġ attenzjoni xierqa u adattament għall-ħtiġijiet partiko-lari tagħha tas-servizzi disponibbli għall-passiġġieri kollha;

18. "Kondizzjonijiet Ġenerali tat-trasport" tfisser il-kondizz-jonijiet tat-trasportatur fil-forma ta' kondizzjonijiet ġenerali jew tariffi legalment fis-seħħ f'kull Stat Membru u li saru, bil-konklużjoni tal-kuntratt tat-trasport, parti integrali minnu;

19. "vettura" tfisser vettura bil-mutur jew trejler li jinġarru fl-okkażjoni tat-trasport tal-passiġġieri.

KAPITOLU II

## KUNTRATT TA' TRASPORT, INFORMAZZJONI U BILJETTI

*Artikolu 4*

### Disposizzjonijiet dwar il-kuntratt ta' trasport

Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, il-konkluż-joni u l-prestazzjoni ta' kuntratt ta' trasport u l-għoti ta' informazzjoni u biljetti għandhom ikunu rregolati mid-dispo-sizzjonijiet tat-Titolu II u t-Titolu III ta' l-Anness I.

*Artikolu 5*

### Esklużjoni tar-rinunzji u stipulazzjoni tal-limiti

1. L-obbligi lejn il-passiġġieri skond dan ir-Regolament ma jistgħux jiġu limitati jew irrinunzjati, b'mod partikolari permezz ta' xi deroga jew klawżola restrittiva fil-kuntratt ta' trasport.

2. L-impriżi ferrovjarji jistgħu joffru kondizzjonijiet kuntratt-wali aktar favorevoli għall-passiġġieri mill-kondizzjonijiet imniżżla f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 6*

### Obbligu ta' informazzjoni dwar il-waqfien ta' servizzi internazzjonali

L-impriżi ferrovjarji għandhom jippubblikaw b' mezzi xierqa u qabel ma jimplimentawhom, id-deċiżjonijiet li jwaqqfu servizzi internazzjonali.

([1]) Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż (ĠU L 158, 23.6.1990, p. 59).

*Artikolu 7*

## Informazzjoni dwar l-ivjaġġar

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9, l-impriżi ferrovjarji u l-bejjiegħa tal-biljetti li joffru kuntratti ta' trasport f'isem impriża ferrovjarja waħda jew aktar għandhom jipprovdu lill-passiġġier, fuq talba tiegħu, minn ta' l-inqas l-informazzjoni mniżżla fl-Anness II, Parti I fir-rigward tal-vjaġġi internazzjonali li għalihom jiġi offert kuntratt ta' trasport mill-impriża ferrovjarja konċernata. Il-bejjiegħa ta' biljetti li joffru kuntratti ta' trasport għalihom infushom, u operaturi tal-vjaġġi, għandhom jipprovdu din l-informazzjoni fejn din tkun disponibbli.

2. Matul il-vjaġġ internazzjonali l-impriżi ferrovjarji għandhom jipprovdu lill-passiġġier minn ta' l-inqas l-informazzjoni mniżżla fl-Anness II, Parti II.

3. L-informazzjoni mniżżla fil-paragrafu 1 u 2 għandha tiġi provduta fl-aktar format xieraq.

*Artikolu 8*

## Disponibbiltà tal-biljetti, biljetti globali u riservazzjonijiet

1. L-impriżi ferrovjarji u l-bejjiegħa tal-biljetti għandhom joffru, fejn disponibbli, biljetti, biljetti globali u riservazzjonijiet. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-impriżi ferrovjarji għandhom jiddistribwixxu biljetti lill-passiġġieri permezz ta' minn ta' l-inqas wieħed mill-punti ta' bejgħ li ġejjin:

(a) l-uffiċċji tal-biljetti jew il-magni tal-bejgħ,

(b) bit-telefon/bl-internet jew bi kwalunkwe teknoloġija ta' l-informatika oħra disponibbli b'mod wiesa',

(ċ) abbord il-ferroviji.

2. L-impriżi ferrovjarji għandhom joffru l-possibbiltà li jinkisbu l-biljetti għas-servizz rispettiv abbord il-ferrovija, sakemm dan mhux limitat jew miċħud minħabba raġunijiet ta' sigurtà jew ta' politika kontra l-frodi jew ta' riservazzjoni ferrovjarja obbligatorja jew minħabba raġunijiet kummerċjali raġonevoli.

*Artikolu 9*

## Informazzjoni dwar l-ivvjaġġar u sistemi ta' riservazzjoni

1. Sabiex jipprovdu l-informazzjoni u joħorġu l-biljetti msemmija f'dan ir-Regolament, l-impriżi ferrovjarji u l-bejjiegħa tal-biljetti għandhom jagħmlu użu mis-CIRSRT li trid tiġi stabbilita bil-proċeduri msemmija f'dan l-Artikolu.

2. L-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi għall-Interoperabbiltà (TSI) msemmija fid-Direttiva 2001/16/KE għandhom jiġu applikati għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

3. Fuq proposta li għandha tiġi preżentata mill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (ERA) il-Kummissjoni għandha tadotta t-TSI ta' l-applikazzjonijiet telematiċi għall-passiġġieri sal-… (*). It-TSI għandhom jippermettu l-għoti ta' informazzjoni, imniżżel fl-Anness II, u l-ħruġ ta' biljetti kif irregolat b'dan ir-Regolament.

4. L-impriżi ferrovjarja għandhom jadattaw is-CIRSRT tagħhom skond il-ħtiġiet imniżżla fit-TSI skond pjan ta' diffużjoni imniżżel f'dawn it-TSI.

5. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE l-ebda impriża ferrovjarja kif ukoll bejjiegħ tal-biljetti m'għandu jiżvela informazzjoni personali dwar riservazzjonijiet individwali lil impriżi ferrovjarji u/jew bejjiegħa tal-biljetti oħra.

KAPITOLU III

## IR-RESPONSABBILTÀ TA' L-IMPRIŻI FERROVJARJI GĦALL-PASSIĠĠIERI U L-BAGALJI TAGĦHOM

*Artikolu 10*

## Disposizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà

Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, ir-responsabbiltà ta' l-impriżi ferrovjarji fir-rigward tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom għandha tkun regolata minn Kapitoli I, III u IV tat-Titolu IV, Titolu VI u Titolu VII ta' Anness I.

*Artikolu 11*

## L-Assigurazzjoni

1. L-obbligu mniżżel fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 95/18/KE safejn dan hu relatat mar-resposabbilita' għall-passiġġieri għandu jinftiehem li jeħtieġ li impriża ferrovjarja għandha tkun assigurata b'mod xieraq jew tagħmel arranġamenti ekwivalenti għal kopertura tar-responsabbilitaijiet tagħha taħt dan ir-Regolament

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew rapport dwar l-istabbiliment ta' ammont minimu ta' assigurazzjoni għall-impriżi ferrovjarji sa … (*). Jekk xieraq dan għandu jiġi akkumpanjat minn proposti jew rakkomandazzjonijiet adegwati dwar din il-kwistjoni.

*Artikolu 12*

## Ħlasijiet minn qabel

1. Jekk passiġġier jiġi maqtul jew imweġġa', l-impriża ferrovjarja għandha mingħajr dewmien, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn ħmistax-il jum wara li tkun ġiet stabbilita l-identità tal-persuna fiżika intitolata għall-kumpens, tagħmel tali ħlasijiet bil-quddiem kif ikun jeħtieġ biex jintlaħqu l-ħtiġijiet l-aktar immedjati fuq bażi proporzjonali għall-ħsara mġarrba.

2. Bla ħsara għall-paragrafu 1, ħlas bil-quddiem mhux anqas minn EUR 21 000 għal kull passiġġier f'każ ta' mewt.

3. Ħlas bil-quddiem ma jikkostitwixxix ammissjoni ta' responsabbiltà u jista' jitpaċċa minn kwalunkwe somma mħallsa wara abbażi ta' dan ir-Regolament iżda ma jingħatax lura, ħlief fil-każijiet fejn id-dannu jkun sar bin-negliġenza jew ħtija tal-passiġġier jew fejn il-persuna li rċeviet il-ħlas bil-quddiem ma kenitx il-persuna intitolata għall-kumpens.

(*) Sena waħda wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU IV

**DEWMIEN, KONNESSJONIJIET MITLUFA U KANĊELLAZZJONIJIET**

*Artikolu 13*

**Responsabbiltà fejn jidħlu dewmien, konnessjonijiet li ma ntlaħqux u kanċellazzjonijiet**

Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, ir-responsabbiltà ta' l-impriżi ferrovjarji fejn jidħlu dewmien, konnessjonijiet li ma ntlaħqux u kanċellazzjonijiet għandha tkun regolata mill-Kapitolu II tat-Titolu IV ta' l-Anness I.

*Artikolu 14*

**Rimbors u tibdil tar-rotta**

F'każ li jkun mistenni b'mod raġonevoli li d-dewmien fil-wasla tad-destinazzjoni finali taħt il-kuntratt tat-trasport se jkun aktar minn 60 minuta il-passiġġier għandu immedjatament jingħata l-għażla bejn:

(a) rimbors sħiħ ta' kemm jiswa l-biljett, taħt il-kondizzjonijiet li bihom ikun tħallas, għall-parti jew partijiet tal-vjaġġ teigħu li m'għamilx u għall-parti jew partijiet li diġà saru jekk il-vjaġġ internazzjonali ma jkunx għad fadallu skop fir-rigward tal-pjan oriġinali tal-vjaġġ tal-passiġġier, flimkien ma', fejn rilevanti, servizz għar-ritorn lejn l-ewwel punt ta' tluq ma' l-ewwel opportunità. Il-ħlas tar-rimbors għandu jsir skond l-istess kondizzjonijiet tal-ħlas tal-kumpens imsemmija fl-Artikolu 15; jew

(b) tkomplija jew tibdil tar-rotta, taħt kondizzjonijiet tat-trasport komparabbli, lejn id-destinazzjoni finali ma' l-ewwel opportunità; jew

(ċ) tkomplija jew tibdil tar-rotta, taħt kondizzjonijiet tat-trasport komparabbli, lejn id-destinazzjoni finali f'data aktar tard skond il-konvenjenza tal-passiġġier.

*Artikolu 15*

**Kumpens tal-prezz tal-biljett**

1. Mingħajr ma jitlef id-dritt għat-trasport, passiġġier jista' jitlob kumpens għal dewmien mingħand l-impriża ferrovjarja jekk ikollu dewmien li għalih il-biljett ma ġiex rimborsat skond l-Artikolu 14. Il-kumpens minimu għal dewmien għandu jkun kif ġej:

(a) 25 % tal-prezz tal-biljett f'każ ta' dewmien ta' 60 minuta sa 119-il minuta;

(b) 50 % tal-prezz tal-biljett f'każ ta' dewmien ta' 120 minuta jew aktar.

Fejn il-kuntratt ta' trasport huwa għal vjaġġ bir-ritorn, il-kumpens għal dewmien 'l hemm jew 'l hawn għandu jiġi kkalkulat fuq nofs il-prezz imħallas għall-biljett. Bl-istess mod il-prezz għal dewmien fis-servizz taħt kwalunkwe kuntratt ta' trasport ieħor li jippermetti diversi proporzjonalment għall-prezz sħiħ.

Il-kalkolu tal-perijodu ta' dewmien m' għandux jieħu kont ta' kwalunkwe dewmien li l-impriża ferrovjarja tista' turi li seħħ barra t-territorju ta' Stat Membru.

2. Il-kumpens tal-prezz tal-biljett għandu jiġi mħallas fi żmien 14-il ġurnata wara s-sottomissjoni tat-talba għal kumpens. Il-kumpens jista' jiġi mħallas f'vawċers u/jew servizzi oħra jekk it-termini huma flessibbli (b'mod partikolari fir-rigward tal-perijodu tal-validità u d-destinazzjoni). Il-kumpens għandu jitħallas fi flus fuq talba tal-passiġġier jekk il-vawċers jew is-servizzi l-oħra jkunu ta' bla valur għall-passiġġier.

3. Il-kumpens tal-prezz tal-biljett m'għandux jitnaqqas permezz ta' spejjeż ta' transazzjonijiet finanzjarji bħal miżati, spejjeż tat-telefon jew bolol. L-impriżi ferrovjarji jistgħu jdaħħlu livell minimu li taħtu ma jsirux ħlasijiet ta' kumpens. Dan il-livell ma jistax ikun aktar minn EUR 4.

4. Il-passiġġier m'għandu l-ebda dritt għal kumpens jekk jiġi infurmat bid-dewmien qabel jixtri l-biljett, jew jekk id-dewmien, minħabba kontinwazzjoni fuq servizz differenti jew tibdil tar-rotta, jibqa' taħt is-60 minuta.

*Artikolu 16*

**Assistenza**

1. F'każ ta' dewmien fil-wasla jew fit-tluq, il-passiġġieri għandhom jinżammu infurmati dwar is-sitwazzjoni u l-ħin stmat tat-tluq u l-ħin stmat tal-wasla mill-impriża ferrovjarja jew mill-amministratur ta' l-istazzjon hekk kif tali informazzjoni tkun disponibbli.

2. F'każ ta' kwalunkwe dewmien kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' aktar minn siegħa, il-passiġġieri għandhom jiġu offruti b'xejn:

(a) ikliet u rinfreski b'mod raġonevoli skond il-ħin ta' stennija, jekk disponibbli fuq il-ferrovija jew fl-istazzjon,

(b) lukanda jew akkomodazzjoni oħra, u trasport bejn l-istazzjon ferrovjarju u l-post ta' akkomodazzjoni, f'każijiet fejn jeħtieġu waqfa ta' lejl jew aktar jew tkun teħtieġ waqfa addizzjonali, fejn u meta jkun fiżikament possibbli,

(ċ) jekk il-ferrovija tkun imwaħħla fuq il-linji, trasport mill-ferrovija sa l-istazzjon ferrovjarju, sal-punt tat-tluq alternattiv jew sad-destinazzjoni aħħarija tas-servizz, fejn u meta jkun fiżikament possibbli.

3. Jekk is-servizz ferrovjarju internazzjonali ma jkunx jista' jitkompla aktar, l-impriżi ferrovjarji għandhom jorganizzaw kemm jista' jkun malajr servizzi ta' trasport alternattiv għall-passiġġieri.

4. L-impriżi ferrovjarji għandhom, fuq talba tal-passiġġier, jiċċertifikaw fuq il-biljett li s-servizz tal-ferrovija kellu dewmien, wassal għal li ma ntlaħqetx il-konnessjoni jew li ġiet ikkanċellata, skond il-każ.

5. Fl-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3, l-impriża ferrovjarja li tkun qed topera għandha tagħti attenzjoni partikolari għall-bżonnijiet ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa u l-persuni li jkunu qed jakkumpanjawha.

KAPITOLU V

## PERSUNI B'MOBBILTÀ MNAQQSA

*Artikolu 17*

### Informazzjoni lil persuni b'mobbiltà mnaqqsa

1. Fuq talba l-impriża ferrovjarja, il-bejjiegħ tal-biljett jew l-operatur tal-vjaġġi għandhom jipprovdu lil persuni b'mobbiltà mnaqqsa b'informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tas-servizzi tal-ferrovija u dwar il-kondizzjonijiet ta' aċċess ta' vaguni tar-roti kif ukoll il-faċilitajiet abbord.

2. L-impriża ferrovjarja għandha tistabbilixxi regoli ta' aċċess mhux diskriminatorji applikabbli fir-rigward tat-trasport ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa, sabiex jissodisfaw ħtiġiet ta' sikurezza applikabbli stabbiliti bil-liġi. Fuq talba, l-impriżi ferrovjarji, il-bejjigħa tal-biljetti u/jew l-operaturi tal-vjaġġi għandhom jagħmlu dawn ir-regoli disponibbli minnufih.

*Artikolu 18*

### Id-dritt għal trasport

1. Impriża ferrovjarja, bejjiegħ tal-biljetti u operatur tal-vjaġġi ma jistgħux jirrifjutaw, abbażi ta' mobbiltà mnaqqsa, li jaċċettaw riservazzjoni jew joħorġu biljett. Ir-riservazzjoni u l-biljetti għandhom jingħataw lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa mingħajr ebda żieda fil-prezz.

2. Minkejja l-paragrafu 1, impriża ferrovjarja, bejjiegħ tal-biljetti u/jew operatur tal-vjaġġi jistgħu jirrifjutaw li jaċċettaw riservazzjoni jew joħroġu biljett lil persuna b'mobbiltà mnaqqsa, jew jitlob li dik il-persuna tkun akkumpanjata minn persuna oħra kif previst mir-regoli ta' aċċess imsemmija fl-Artikolu 17(2).

3. Meta impriża ferrovjarja, bejjiegħ tal-biljetti u/jew operatur tal-vjaġġi jeżerċitaw id-deroga taħt paragrafu 2, għandha tinforma bil-miktub lill-persuna b'mobbiltà mnaqqsa kkonċernata, fuq talba ta' din ta' l-aħħar, bir-raġuni għaliex għamlet hekk, fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mir-rifjut li ssir ir-riservazzjoni jew li jinħareġ biljett jew mill-impożizzjoni tal-kondizzjoni ta' akkumpanjament.

*Artikolu 19*

### Assistenza fl-istazzjonijiet ferrovjarji

1. Fil-ħin tat-tluq, tranżitu minn jew wasla fi stazzjon tal-ferrovija bil-persunal ta' persuna b'mobbilta' mnaqqsa, l-amministratur ta' l-istazzjon għandu jipprovdi assistenza mingħajr ħlas b'mod li l-persuna tkun tista' titla' fuq is-servizz li se jitlaq, li tbiddel għas-servizz ta' konnessjoni jew li tinżel mis-servisss li jkun wasal li għalih hu jew hi tkun xtrat il-biljett, mingħajr ħsara għar-regoli ta' aċċess stabbiliti taħt l-Artikolu 17. Għall-għan ta' dan l-Artikolu stazzjon m'għandux jitqies bħala bil-persunal jekk is-sikurezza, is-sigurtà, il-bejgħ tal-biljetti jew il-protezzjoni tad-dħul tal-persunal li jkun xogħol jeskludu neċessarjament li joffru tali assistenza.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal deroga mill-paragrafu 1 fil-każ ta' persuni li jkunu qed jivjaġġaw fuq servizzi li huma oġġett ta' kuntratt ta' servizz pubbliku akkwistat skond il-liġi Komunitarja li tkun fis-seħħ, basta l-awtorità kompetenti tkun ħasbet għal faċilitajiet jew arranġamenti alternattivi li jiggarantixxu aċċessibbiltà għas-servizzi tat-trasport ekwivalenti jew ta' livell ogħla.

*Artikolu 20*

### Assistenza abbord

Bla ħsara għar-regoli ta' aċċess kif imsemmija fl-Artikolu 17, impriża ferrovjarja għandha tipprovdi lil persuna b'mobbiltà mnaqqsa assistenza mingħajr ħlas fuq ferrovija u waqt it-tlugħ u l-inżul minn ferrovija.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-assistenza abbord għandha tkun l-assistenza offruta lil persuna b'mobbiltà mnaqqsa sabiex tippermetti lil din il-persuna jkollha aċċess għall-istess servizzi fil-ferrovija bħall-passiġġieri l-oħra f'każ li l-mobbiltà tal-persuna hi mnaqqsa tant li ma tħallihx ikollu aċċess għal dawk is-servizzi b'mod indipendenti u sikur.

*Artikolu 21*

### Kondizzjonijiet li fuqhom tingħata l-assistenza

L-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi ta' l-istazzjonijiet, il-bejjiegħa tal-biljetti u operaturi tal-vjaġġi għandhom jikkooperaw biex jipprovdu assistenza lil persuni b'mobbiltà mnaqqsa skond l-Artikoli 19 u 20 skond il-punti li ġejjin.

(a) L-assistenza għandha tingħata bil-kondizzjoni li l-impriża ferrovjarja, l-amministratur ta' l-istazzjon, il-bejjiegħ tal-biljetti jew l-operatur tal-vjaġġi li mingħandu nxtara l-biljett, jiġi notifikat bil-ħtieġa tal-persuna għal tali assistenza mill-inqas 48 siegħa qabel ma tkun meħtieġa l-assistenza. Fejn il-biljett jippermeti aktar minn vjaġġ wieħed, tkun biżżejjed notifika waħda basta tingħata informazzjoni adegwata dwar il-ħin tal-vjaġġi sussegwenti.

(b) L-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi ta' l-istazzjoniijiet, l-bejjiegħa tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirċievu n-notifiki.

(ċ) Jekk ma ssir l-ebda notifika skond il-paragrafu 2, l-impriża ferrovjarja u l-amministratur ta' l-istazzjon għandhom jagħmlu l-isforzi kollha raġonevoli biex jipprovdu l-assistenza b'tali mod li l-persuna b'mobbiltà mnaqqsa tkun tista' tivjaġġa.

(d) Bla ħsara għall-kompetenzi ta' entitajiet oħra fir-rigward ta' żoni li qegħdin barra mil-lokal ta' l-istazzjoni tal-ferrovija, l-amministratur tal-ferrovija għandu jagħżel numru ta' punti, ġewwa u barra mill-istazzjon tal-ferrovija, li fihom il-persuni b'mobbiltà mnaqqsa jistgħu jħabbru l-wasla tagħhom fl-istazzjon tal-ferrovija u, jekk jeħtieġ, jitolbu għall-assistenza.

(e) L-assistenza għandha tingħata bil-kondizzjoni li l-persuna tippreżenta ruħha fil-punt magħżul:

— f'ħin stipulat minn qabel mill-impriża ferrovjarja li mhux aktar minn 90 minuta qabel il-ħin tat-tluq pubblikat, jew

— jekk l-ebda ħin ma jkun stipulat, mhux aktar tard minn 30 minuta qabel il-ħin tat-tluq pubblikat.

*Artikolu 22*

**Kumpens marbut mat-tagħmir tal-mobbiltà u tagħmir ieħor speċifiku**

Jekk l-impriża ferrovjarja hi responsabbli mit-telf sħiħ jew parzjali, jew ħsara fit-tagħmir tal-mobbiltà jew tagħmir ieħor speċifiku użat minn persuni b'mobbiltà mnaqqsa, m' għandu japplika l-ebda limitu finanzjarju.

KAPITOLU VI

**SIGURTÀ, ILMENTI U KWALITÀ TAS-SERVIZZ**

*Artikolu 23*

**Sigurtà personali tal-passiġġieri**

Fi ftehim ma' l-awtoritajiet pubbliċi, l-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi ta' l-infrastrutturi u l-amministraturi ta' l-istazzjonijiet għandhom jieħdu l-miżuri xierqa fl-oqsma rispettivi ta' responsabbiltà u jadattawhom mal-livell ta' sigurtà definit mill-awtoritajiet pubbliċi biex jiżguraw is-sigurtà personali tal-passiġġieri fl-istazzjonijiet tal-ferrovija u fuq il-ferroviji u li jimmaniġġaw ir-riskji. Għandhom jikkooperaw u jagħmlu skambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiċi dwar il-prevenzjoni ta' atti, li aktarx ixejnu l-livell ta' sigurtà.

*Artikolu 24*

**Ilmenti**

1. L-impriżi ferrovjarji għandhom iwaqqfu mekkaniżmu biex jitratta l-ilmenti għad-drittijiet u l-obbligi koperti minn dan ir-Regolament. L-intrapriza ferrovjarja għandha tagħmel dan f'kooperazzjoni mal-bejjiegħ tal-biljetti. Għandha tgħarraf b'mod wiesa' lill-passiġġieri bid-dettalji tal-kuntatti u l-lingwa/i ta' ħidma.

2. Il-passiġġieri jistgħu jissottomettu lment lil kwalunkwe impriża ferrovjarja jew lill-bejjiegħ tal-biljetti involut. Fi żmien 20 jum, id-destinatarju ta' l-ilment għandu jagħti tweġiba raġunata jew f'każijiet ġustifikati, jinforma lill-passiġġier sa liema data fi żmien ta' inqas minn tliet xhur mid-data ta' l-ilment wieħed jista' jistenna tweġiba għall-ilment.

3. L-impriża ferrovjarja għandha tippubblika fir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 25 in-numru u l-kategoriji ta' l-ilmenti rċevuti, l-ilmenti trattati, il-ħin tat-tweġiba u l-azzjonijiet għal titjib possibbli li ttieħdu.

*Artikolu 25*

**Standards ta' kwalità tas-servizz**

1. L-impriżi ferrovjarji għandhom jiddefinixxu l-istandards ta' kwalità tas-servizzi għal-servizzi internazzjonali u jimplimentaw sistema ta' ġestjoni ta' kwalità biex tinżamm il-kwalità tas-servizz. L-istandards ta' kwalità tas-servizz għandhom ikopru ta' l-inqas il-punti elenkati fl-Anness III.

2. L-impriżi ferrovjarji għandhom jissorveljaw il-prestazzjoni tagħhom stess kif riflessa fl-istandards ta' kwalità tas-servizzi. L-impriżi ferrovjarji għandhom jippubblikaw kull sena rapport fuq il-prestazzjoni ta' kwalità tas-servizzi tagħhom mar-rapport annwali tagħhom. Dawn ir-riżultati għandhom jiġu ppubblikati wkoll fuq il-website ta' l-internet ta' l-impriżi ferrovjarji.

KAPITOLU VII

**INFURZAR**

*Artikolu 26*

**L-infurzar**

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar entità jew entitajiet responsabbli mill-infurzar ta' dan ir-Regolament. Kull entità għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiżgura li d-drittijiet tal-passiġġieri huma rrispettati.

Fl-organizzazzjoni, d-deċiżjonijet ta' finanzjament, l-istruttura legali u t-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha kull entità għandha tkun indipendenti minn kwalunkwe amministratur ta' l-infrastruttura, entità li għandha f'idejha l-imposizzjoni tad-drittijiet, mill-entità li talloka jew mill-impriża ferrovjarja.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-entità jew entitajiet maħtura skond dan il-paragrafu u bir-responsabbiltajiet rispettivi tagħha jew tagħhom.

2. Kull passiġġier jista' jilmenta mal- korp maħtur taħt il-paragrafu 1, jew ma' kwalunkwe korp xieraq ieħor maħtur minn xi Stat Membru, fuq allegat ksur ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 27*

**Kooperazzjoni bejn entitajiet ta' infurzar**

L-entitajiet ta' infurzar kif imsemmija fl-Artikolu 26 għandhom jaqsmu l-informazzjoni dwar il-prinċipji u l-prattika tal-ħidma u t-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom bil-għan li jikkoordinaw il-prinċipji ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom fil-Komunità kollha. Il-Kummissjoni għandha tappoġġahom f'dan il-kompitu.

KAPITOLU VIII

## DISPOSIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 28*

### Il-pieni

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad- disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk ir-regoli u l-miżuri lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn … (*) u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffetwahom.

*Artikolu 29*

### Annessi

L-Annessi, ħlief għall-Anness I, għandhom jiġu mmodifikati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2).

*Artikolu 30*

### Disposizzjonijiet emendatorji

1. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 2, 9 u 11 għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31 (2).

2. L-ammonti finanzjarji msemmija f'dan ir-Regolament, ħlief fl-Anness I, għandhom jiġu modifikati f'relazzjoni ma' l-inflazzjoni skond il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 31 (2).

*Artikolu 31*

### Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejuna mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 11a tad-Direttiva 91/440/KEE.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, waqt li jittieħed kont tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

*Artikolu 32*

### Rapport

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati ta' dan ir-Regolament sa … (**) b'mod partikolari dwar il-livelli ta' kwalità tasservizzi.

Ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni li għandha tingħata skond dan ir-Regolament u skond l-Artikolu 10b tad-Direttiva 91/440/KEE. Ir-rapport għandu jkollu miegħu, fejn meħtieġ, proposti xierqa.

*Artikolu 33*

### Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ tmintax-il xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| … | … |

(*) Sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(**) Tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*ANNESS I*

**ESTRATT MIR-REGOLI UNIFORMI DWAR IL-KUNTRATT GĦAT-TRASPORT INTERNAZZJONALI TA’ PASSIĠĠIERI U BAGALJI BIL-FERROVIJA (CIV)**

*Appendiċi A*

**għall-konvenzjoni dwar trasport internazzjonali bil-ferrovija (COTIF) tad-9 ta’ Mejju 1980, kif modifikata bil-protokoll għall-modifika tal-konvenzjoni dwar it-trasport internazzjonali bil-ferrovija tat-3 ta’ Ġunju 1999**

TITOLU II

**KONKLUŻJONI U PRESTAZZJONI TAL-KUNTRATT TA’ TRASPORT**

*Artikolu 6*

**Kuntratt ta’ Trasport**

1. Bil-kuntratt ta’ trasport, it-trasportatur għandu jidħol għall-impenn li jġorr il-passiġġier kif ukoll, fejn xieraq, il-bagalji u vetturi għall-post tad-destinazzjoni u li jikkunsinna l-bagalji u l-vetturi fil-post tad-destinazzjoni.

2. Il-kuntratt ta’ trasport għandu jiġi kkonfermat b’biljett jew aktar maħruġ lill-passiġġier. Madankollu, soġġett għall-Artikolu 9, l-assenza, l-irregolarità jew it-telf ta’ biljett m’għandhomx jaffettwaw l-eżistenza jew il-validità tal-kuntratt li għandha tibqa’ soġġetta għal dawn ir-Regoli Uniformi.

3. Il-biljett għandu jkun evidenza prima facie tal-konklużjoni u l-kontenut tal-kuntratt ta’ trasport.

*Artikolu 7*

**Biljett**

1. Il-Kondizzjonijiet Ġenerali ta’ Trasport għandhom jiddeterminaw il-forma u l-kontenut tal-biljetti kif ukoll il-lingwa u l-karattri li bihom huma għandhom jiġu stampati u magħmulin.

2. Dan li ġej, ta’ l-inqas, għandu jiddaħħal fil-biljett:

(a) it-trasportatur jew it-trasportaturi;

(b) stqarrija li t-Trasport huwa soġġett, minkejja kwalunkwe klawsola kuntrarja, għal dawn ir-Regoli Uniformi; din tista’ tkun indikata bl-akronimu CIV;

(ċ) kwalunkwe stqarrija oħra meħtieġa biex tipprova l-konklużjoni u l-kontenut tal-kuntratt ta’ Trasport u li tippermetti lill-passiġġier jafferma d-drittijiet li jirriżultaw minn dan il-kuntratt.

3. Il-passiġġier għandu jiżgura, x’ħin jirċievi l-biljett, li dan ħareġ skond l-istruzzjonijiet tiegħu.

4. Il-biljett għandu jkun trasferibbli jekk ma jkunx ħareġ f’isem il-passiġġier u jekk il-vjaġġ ma jkunx beda.

5 Il-biljett jista’ jiġi stabbilit fil-forma ta’ reġistrazzjoni ta’ data elettronika, li tista’ tiġi ttrasformata f’simboli miktuba leġġibbli. Il-proċedura użata għar-reġistrazzjoni u t-trattament ta’ data għandha tkun ekwivalenti mill-perspettiva funzjonali, b’mod partikolari sa fejn jikkonċerna l-valur evidenzjali tal-biljett irrappreżentat b’dik id-data.

*Artikolu 8*

**Pagament u rimbors tal-ħlas tat-trasport**

1. Soġġett għal ftehim kuntrarju bejn il-passiġġier u t-trasportatur, il-ħlas tat-trasport għandu jitħallas minn qabel.

2. Il-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-trasport għandhom jiddeterminaw taħt liema kondizzjonijiet għandu jsir rimbors tal-ħlas tat-trasport.

*Artikolu 9*

**Id-dritt li tinġarr. Esklużjoni milt-trasport**

1. Il-passiġġier għandu, mill-bidu tal-vjaġġ tiegħu, ikollu fil-pussess tiegħu biljett validu u jippreżentah fl-ispezzjoni tal-biljetti. Il-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport jistgħu jipprovdu:

(a) li passiġġier li ma jipproduċix biljett validu għandu jħallas, b'żieda mal-ħlas tat-trasport, ħlas addizzjonjali;

(b) li passiġġier li jirrifjuta li jħallas x'ħin jintalab il-ħlas tat-trasport jew il-ħlas addizzjonali jista' jiġi mitlub li jtemm il-vjaġġ tiegħu;

(ċ) jekk u taħt liema kondizzjonijiet għandu jsir rimbors tal-ħlas addizzjonali.

2 Il-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-trasport jistgħu jipprovdu li l-passiġġieri li:

(a) jippreżentaw periklu għas-sigurtà u l-iffunzjonar tajjeb ta' l-operazzjonijiet jew għas-sigurtà ta' passiġġieri oħra,

(b) joħolqu inkonvenjent lil passiġġieri oħra b'mod intollerabbli,

għandhom jiġu esklużi mit-trasport jew jistgħu jiġu mitluba jtemmu l-vjaġġ tagħhom u li tali persuni m'għandhomx ikunu intitolati għal rimbors tal-ħlas tat-trasport tagħhom jew ta' kwalunkwe ħlas għat-trasport ta' bagalji reġistrati li set-għu ħallsu.

*Artikolu 10*

**Ikkompletar ta' formalitajiet amministrattivi**

Il-passiġġier għandu jikkonforma mal-formalitajiet meħtieġa mid-dwana jew l-awtoritajiet amministrattivi oħra.

*Artikolu 11*

**Kanċellazzjoni u ttardjar tal-ferroviji. Konnessjonijiet li ma ntlaħqux**

It-trasportatur għandu, fejn neċessarju, jiċċertifika fuq il-biljett li l-ferrovija ġiet ikkanċellata jew il-konnessjoni ma ntlaħ-qitx.

TITOLU III

**TRASPORT TA' BAGALJI TA' L-IDEJN, ANNIMALI, BAGALJI RREĠISTRATI U VETTURI**

*KAPITOLU I*

***Disposizzjonijiet Komuni***

*Artikolu 12*

**Artikoli u annimali aċċettabbli**

1. Il-passiġġier jista' jieħu miegħu artikoli li jistgħu jiġu mmaniġġjati faċilment (bagalji ta' l-idejn) u wkoll annimali ħajjin skond il-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport. Barra minn dan, il-passiġġier, jista' jieħu miegħu artikoli ingom-branti skond id-disposizzjonijiet speċjali, li hemm fil-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport. Artikoli u annimali li x'aktarx idejqu jew joħolqu inkonvenjent lill-passiġġieri jew jikkawżaw ħsara m'għandhomx jiġu permessi bħala bagalja ta' l-idejn.

2. Il-passiġġier, jista' jikkunsinna l-artikoli u l-annimali bħala bagalji rreġistrati skond il-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-trasport.

3. It-trasportatur jista' jippermetti t-trasport ta' vetturi fl-okkażjoni tat-trasport ta' passiġġieri skond disposizzjonijiet speċjali li hemm fil-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-trasport.

4. It-trasport ta' merkanzija perikoluża bħala bagalja ta' l-idejn, bagalja rreġistrata kif ukoll bħala ġewwa jew fuq vet-turi li, skond dan it-Titolu jinġarru bil-ferrovija, għandu jikkonforma mar-Regolament li jikkonċerna t-trasport ta' Mer-kanzija Perikoluża bil-Ferrovija (RID)

*Artikolu 13*

**Eżami**

1. Fejn ikun hemm raġuni tajba għas-suspett ta' nuqqas ta' osservanza tal-kondizzjonijiet tat-Trasport, it-trasportatur għandu jkollu d-dritt li jeżamina jekk l-artikoli (il-bagalji ta' l-idejn, il-bagalji rreġistrati, il-vetturi inkluż it-tagħbija tagħ-hom) u l-annimali ttrasportati jikkonformawx mal-kondizzjonijiet tat-Trasport, sakemm il-liġijiet u l-preskrizzjonijiet ta' l-Istat li fih isir l-eżami ma jipprojbixxux tali eżami. Il-passiġġier għandu jkun mistieden biex jattendi għall-eżami. Jekk ma jidhirx jew ma jkunx jista' jintlaħaq, it-trasportatur għandu jitlob l-preżenza ta' żewġ xhieda indipendenti.

2. Jekk ikun stabbilit li l-kondizzjonijiet tat-Trasport ma ġewx irrispettati, it-trasportatur jista' jitlob lill-passiġġier iħallas l-ispejjeż li joriġinaw mill-eżami.

*Artikolu 14*

**Ikkompletar ta' formalitajiet amministrattivi**

Il-passiġġier għandu jikkonforma mal-formalitajiet meħtieġa mid-dwana jew l-awtoritajiet amministrattivi oħra meta, waqt li jkun qed jiġi ttrasportat, ikollu artikoli (bagalji ta' l-idejn, bagalji rreġistrati, vetturi inkluż it-tagħbija tagħhom) jew annimali ttrasportati. Hu għandu jkun preżenti waqt l-ispezzjoni ta' dawn l-artikoli ħlief fejn hu previst mod ieħor mil-liġijiet u l-preskrizzjonijiet ta' kull Stat.

*KAPITOLU II*

***Bagalji ta' l-Idejn u Annimali***

*Artikolu 15*

**Superviżjoni**

Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-passiġġier li jissorvelja l-bagalja ta' l-idejn u l-annimali li hu jieħu miegħu.

*KAPITOLU III*

***Bagalji Rreġistrati***

*Artikolu 16*

**Kunsinna ta' bagalji rreġistrati**

1. L-obbligazzjonijiet kuntrattwali relatati mat-trasferiment tal-bagalji rreġistrati għandhom jiġu stabbiliti b'vawċer tar-reġistrazzjoni tal-bagalja maħruġ lill-passiġġier.

2. Soġġett għall-Artikolu 22, l-assenza, l-irregolarità jew it-telf ta' vawċer tar-reġistrazzjoni tal-bagalja m'għandhomx jaffettwaw l-eżistenza jew il-validità tal-ftehim li jikkonċernaw it-trasferiment tal-bagalji rreġistrati, li għandhom jibqgħu soġġetti għal dawn ir-Regoli Uniformi.

3 Il-vawċer tar-reġistrazzjoni tal-bagalja għandu jkun evidenza prima facie tar-reġistrazzjoni tal-bagalja u l-kondizzjonijiet tat-trasport tagħha.

4 Soġġett għal evidenza kuntrarja, għandu jiġi preżunt li meta t-trasportatur għabba l-bagalja rreġistrata din kienet apparentament f'kondizzjoni tajba, u li n-numru u l-massa tal-punti tal-bagalja jikkorrispondu ma' l-informazzjoni mdaħħla fuq il-vawċer tar-reġistrazzjoni tal-bagalja.

*Artikolu 17*

**Vawċer tar-reġistrazzjoni tal-bagalja**

1. Il-Kondizzjonijiet Ġenerali ta' Trasport għandhom jiddeterminaw il-forma u l-kontenut tal-vawċer tar-reġistrazzjoni tal-bagalja kif ukoll il-lingwa u l-karattri li bihom dan għandu jiġu stampat u magħmul. L-Artikolu 7 § 5 għandu japplika mutatis mutandis.

2. Dan li ġej, ta' l-inqas, għandu jiddaħħal fil-vawċer tar-reġistrazzjoni tal-bagalja:

(a) it-trasportatur jew it-trasportaturi;

(b) stqarrija li t-Trasport huwa soġġett, minkejja kwalunkwe klawsola kuntrarja, għal dawn ir-Regoli Uniformi; din tista' tkun indikata bl-akronimu CIV;

(ċ) kwalunkwe stqarrija oħra meħtieġa biex tipprova l-obbligi kuntrattwali li jirrigwardaw it-trasferiment tal-bagalji rreġistrati u li tippermetti lill-passiġġier jafferma d-drittijiet li jirriżultaw minn dan il-kuntratt ta' Trasport.

3. Il-passiġġier għandu jiżgura, x'ħin jirċievi l-vawċer tar-reġistrazzjoni tal-bagalja, li dan ħareġ skond l-istruzzjonijiet tiegħu.

*Artikolu 18*

**Reġistrazzjoni u Trasport**

1. Ħlief fejn il-Kondizzjonijiet Ġenerali ta' Trasport jipprovdu mod ieħor, il-bagalji għandhom jiġu rreġistrati biss fuq preżentazzjoni ta' biljett validu ta' l-inqas sad-destinazzjoni tal-bagalji. F'każi oħra r-reġistrazzjoni tal-bagalji għandha tittwettaq skond il-preskrizzjonijiet fis-seħħ fil-post tal-konsenja.

2. Meta l-Kondizzjonijiet Ġenerali ta' Trasport jipprovdu li l-bagalji jistgħu jiġu aċċettati għal Trasport mingħajr il-preżentazzjoni ta' biljett, id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regoli Uniformi li jiddeterminaw id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġier fir-rigward tal-bagalji rreġistrati tiegħu għandhom japplikaw mutatis mutandis għal dak li jikkonsenja l-bagalji rreġistrati.

3. It-trasportatur jista' jibgħat il-bagalji rreġistrati b'ferrovija oħra jew b'mezz ta' trasport ieħor u b'rotta differenti minn dik meħuda mill-passiġġier.

*Artikolu 19*

**Pagament ta' ħlasijiet għat-Trasport ta' bagalji rreġistrati**

Soġġett għal ftehim kuntrarju bejn il-passiġġier u t-trasportatur, il-ħlas għall-Trasport ta' bagalji rreġistrati għandu jkun pagabbli mar-reġistrazzjoni.

*Artikolu 20*

**Immarkar ta' bagalji rreġistrati**

Il-passiġġier għandu jindika fuq kull punt tal-bagalji rreġistrati f'post viżibbilment ċar, b' mod suffiċjentement reżistenti u leġġibbli:

(a) l-isem u l-indirizz tiegħu,

(b) il-post tad-destinazzjoni.

*Artikolu 21*

**Id-dritt li tiddisponi minn bagalji rreġistrati**

1. Jekk iċ-ċirkostanzi jippermettu u jekk b'dan ma jinkisrux il-ħtiġiet tad-dwana jew il-ħtiġiet ta' awtoritajiet amministrattivi oħra, il-passiġġier jista' jitlob li l-bagalji jingħataw lura fil-post tal-kunsinna maċ-ċediment tal-vawċer tar-reġistrazzjoni tal-bagalja u, jekk il-Kondizzjonijiet Ġenerali ta' Trasport jeħtieġu hekk, mal-preżentazzjoni tal-biljett.

2. Il-Kondizzjonijiet Ġenerali ta' Trasport jista' jkun fihom disposizzjonijiet oħra li jirrigwardaw id-dritt li tiddisponi minn bagalji rreġistrati, b'mod partikolari modifikazzjonijiet tal-post tad-destinazzjoni u l-konsegwenzi finanzjari possibbli li jridu jinġarru mill-passiġġier.

*Artikolu 22*

**Kunsinna**

1. Il-bagalji rreġistrati għandhom jiġu kkonsenjati maċ-ċediment tal-vawċer tar-reġistrazzjoni tal-bagalja u, fejn xieraq, mal-pagament ta' l-ammonti ta' ħlas mal-kunsinna.

It-trasportatur għandu jkun intitolat, iżda mhux obbligat, li jeżamina jekk id-detentur tal-vawċer hux intitolat jew le li jirċievi kunsinna.

2. Għandha tkun ekwivalenti għall-kunsinna lid-detentur tal-vawċer tar-reġistrazzjoni tal-bagalja jekk, skond il-preskrizzjonijiet fis-seħħ fil-post tal-kunsinna:

(a) il-bagalja ġiet mgħoddija f'idejn l-awtoritajiet tad-dwana jew ta' l-octroi fil-bini jew l-imħażen tagħhom, meta dawn m'humiex soġġetti għas-superviżjoni tat-trasportatur;

(b) annimali ħajjin ġew mgħoddija f'idejn partijiet terzi.

3. Id-detentur tal-vawċer tar-reġistrazzjoni tal-bagalja jista' jitlob il-kunsinna tal-bagalji fil-post tad-destinazzjoni hekk kif jinqabeż il-ħin miftiehem u, fejn xieraq, il-ħin neċessarju għall-operazzjonijiet mwettqa mill-awtoritajiet tad-dwana jew awtoritajiet oħra.

4. Meta ma jkunx hemm ċediment tal-vawċer tar-reġistrazzjoni tal-bagalja, it-trasportatur għandu biss ikun obbligat jikkunsinna l-bagalji lill-persuna li tipprova d-dritt tagħha għal dan; jekk il-prova offruta tidher insuffiċjenti, t-trasportatur jista' jitlob li tingħata s-sigurtà.

5. Il-bagalja għandha tiġi kkonsenjata fil-post tad-destinazzjoni li għalih ġiet irreġistrata.

6. Id-detentur ta' vawċer tar-reġistrazzjoni tal-bagalja li l-bagalja tiegħu ma ġietx konsenjata jista' jitlob li jkollu fuq il-vawċer il-jum u l-ħin meta talab il-kunsinna skond paragrafu 3.

7. Il-persuna intitolata tista' tirrifjuta li taċċetta l-bagalja jekk it-trasportatur ma' jikkonformax mat-talba tiegħu li jwettaq eżami tal-bagalja rreġistrata sabiex tiġi stabbilita l-ħsara allegata.

8. Fil-każi l-oħra kollha l-kunsinna tal-bagalja għandha titwettaq skond il-preskrizzjonijiet fis-seħħ fil-post tad-destinazzjoni.

*KAPITOLU IV*

***Vetturi***

*Artikolu 23*

**Kondizzjonijiet ta' Trasport**

Id-disposizzjonijiet speċjali li jirregolaw it-Trasport ta' vetturi, li jinsabu fil-Kondizzjonijiet Ġenerali ta' Trasport, għandhom jispeċifikaw b'mod partikolari l-kondizzjonijiet li jirregolaw l-aċċettazzjoni għat-Trasport, ir-reġistrazzjoni, it-tagħbija u t-Trasport, il-ħatt u l-kunsinna kif ukoll l-obbligi tal-passiġġier.

*Artikolu 24*

**Vawċer tat-Trasport**

1. L-obbligi kuntrattwali relatati mat-Trasport ta' vetturi għandhom jiġu stabbiliti b'vawċer tat-Trasport maħruġ lill-passiġġier. Il-vawċer tat-Trasport jista' jiġi integrat fil-biljett tal-passiġġier.

2. Il-disposizzjonijiet speċjali li jirregolaw it-Trasport ta' vetturi, li jinsabu fil-Kondizzjonijiet Ġenerali ta' Trasport, għandhom jiddeterminaw il-forma u l-kontenut tal-vawċer tat-Trasport kif ukoll il-lingwa u l-karattri li bihom dan għandu jiġu stampat u magħmul. L-Artikolu 7 § 5 għandu japplika mutatis mutandis.

3. Dan li ġej, ta' l-inqas, għandu jiddaħħal fil-vawċer tat-Trasport:

(a) it-trasportatur jew it-trasportaturi;

(b) stqarrija li t-Trasport huwa soġġett, minkejja kwalunkwe klawsola kuntrarja, għal dawn ir-Regoli Uniformi; din tista' tkun indikata bl-akronimu CIV;

(ċ) kwalunkwe stqarrija oħra meħtieġa biex tipprova l-obbligi kuntrattwali li jirrigwardaw it-Trasport ta' vetturi u li tippermetti lill-passiġġier jafferma d-drittijiet li jirriżultaw mill-kuntratt ta' Trasport.

4. Il-passiġġier għandu jiżgura, x'ħin jirċievi l-vawċer tat-Trasport, li dan ħareġ skond l-istruzzjonijiet tiegħu.

*Artikolu 25*

**Liġi applikabbli**

Soġġett għad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu III relatati mat-Trasport ta' bagalji għandhom japplikaw għall-vetturi.

TITOLU IV

**RESPONSABBILTÀ TAT-TRASPORTATUR**

*KAPITOLU I*

***Responsabbiltà f'każ ta' Mewt ta', jew Korriment Personali lill-, Passiġġieri***

*Artikolu 26*

**Bażi tar-responsabbiltà**

1. It-trasportatur għandu jkun responsabbli għat-telf jew il-ħsara li tirriżulta minn mewt ta', korrimenti personali lill-, jew ħsara fiżika jew mentali oħra lill-, passiġġier, ikkawżata b'inċident li joriġina mill-operat tal-linja tal-ferrovija u li jseħħ waqt li l-passiġġier ikun ġewwa, dieħel jew nieżel minn vetturi tal-linja tal-ferrovija, tkun xi tkun l-infrastruttura tal-linja tal-ferrovija wżata.

2. It-trasportatur għandu jinheles minn din ir-responsabbiltà

(a) jekk l-inċident ġie kkawżat minn ċirkostanzi mhux konnessi ma' l-operat tal-linja tal-ferrovija u li t-trasportatur, minkejja li ħa l-kura meħtieġa fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ma setax jevita u li ma setax jipprevjeni l-konsegwenzi tagħhom;

(b) sal-punt li l-inċident huwa dovut għat-tort tal-passiġġier;

(ċ) jekk l-aċċident huwa dovut għall-imġiba ta' parti terza li t-trasportatur, minkejja li ħa l-kura meħtieġa fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ma setax jevita u li ma setax jipprevjeni l-konsegwenzi tagħhom; impriża oħra li tuża l-istess infrastrutura tal-linja tal-ferrovija ma tistax titqies bħala parti terza; id-dritt għar-rikors m'għandux jiġi affettwat.

3. Jekk l-inċident huwa dovut għall-imġiba ta' parti terza u jekk, minkejja dan, it-trasportatur m'huwiex meħlus kompletament mir-responsabbiltà tiegħu skond paragrafu 2, ittra ċ), hu għandu jkun responsabbli b'mod sħiħ sal-limiti stabbiliti f'dawn ir-Regoli Uniformi iżda mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt ta' rikors li t-trasportatur jista' jkollu kontra l-parti terza.

4. Dawn ir-Regoli Uniformi m'għandhom jaffettwaw l-ebda responsabbiltà li tista' taqa' fuq it-trasportatur f'każijiet mhux previsti f' paragrafu 1.

5. Jekk it-Trasport irregolat minn kuntratt ta' Trasport wieħed jitwettaq minn trasportaturi suċċessivi, it-trasportatur marbut skond il-kuntratt ta' Trasport li jipprovdi s-servizz ta' Trasport li fil-kors tiegħu seħħ l-inċident, għandu jkun responsabbli f'każ ta' mewt ta', u korrimenti personali lill-, passiġġieri. Meta dan is-servizz ma ġiex ipprovdut mit-trasportatur, iżda minn trasportatur sostitut, iż-żewġ trasportaturi għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt u separatament skond dawn ir-Regoli Uniformi.

*Artikolu 27*

**Ħsarat f'każ ta' mewt**

1. F'każ ta' mewt tal-passiġġier il-ħsarat għandhom jinkludu:

(a) kwalunkwe spejjeż meħtieġa wara l-mewt, b'mod partikolari dawk tat-trasport tal-ġisem u l-ispejjeż tal-funeral;

(b) jekk il-mewt ma sseħħx mill-ewwel, il-ħsarat previsti fl-Artikolu 28.

2. Jekk, mal-mewt tal-passiġġier, il-persuni li kellu, jew li kien ser ikollu, dmir legali li jmantni jiġu mċaħda millappoġġ tagħhom, tali persuni għandhom ukoll jiġu kkompensati għal dak it-telf. Id-drittijiet ta' azzjoni għal ħsarat ta' persuni li l-passiġġier kien qed imantni mingħajr ma kien marbut bil-liġi li jagħmel dan, għandhom jiġu rregolati bil-liġi nazzjonali.

*Artikolu 28*

**Ħsarat f'każ ta' korriment personali**

F'każ ta' korriment personali jew kwalunkwe ħsara fiżika jew mentali oħra lill-passiġġier, il-ħsarat għandhom jinkludu:

(a) kwalunkwe spejjeż, b'mod partikolari dawk tal-kura u tat-trasport;

(b) kumpens għal telf finanzjarju, dovut għal inkapaċità ta' xogħol, totali jew parzjali, jew għal ħtiġijiet miżjuda.

*Artikolu 29*

**Kumpens għal ħsara oħra tal-ġisem**

Il-liġi nazzjonali għandha tiddetermina jekk u sa liema limitu għandu t-trasportatur iħallas il-ħsarat għal ħsara tal-ġisem barra minn dik li hemm disposizzjoni għaliha fl-Artikoli 27 u 28.

*Artikolu 30*

**Forma u ammont ta' ħsarat f'każ ta' mewt jew korriment personali**

1. Il-ħsarat taħt l-Artikolu 27, paragrafu 2 u l-Artikolu 28, ittra b) għandhom jingħataw fil-forma ta' ħlas f'daqqa. Madankollu, jekk il-liġi nazzjonali tippermetti pagament ta' kull sena, il-ħsarat għandhom jingħataw f'dik il-forma jekk jiġi mitlub hekk mill-passiġġier korrut jew mill-persuni intitolati msemmijin fl-Artikolu 27, paragrafu 2.

2. L-ammont ta' ħsarat li jridu jingħataw skond paragrafu 1 għandhom jiġu determinati skond il-liġi nazzjonali. Madankollu, għall-iskopijiet ta' dawn ir-Regoli Uniformi, il-limitu superjuri għal kull passiġġier għandu jiġi stabbilit għal 175 000 unità ta' kont bħala ħlas f'daqqa jew bħala pagament ta' kull sena annwali li jikkorrispondi għal dik is-somma, fejn il-liġi nazzjonali tipprovdi għal limitu superjuri ta' inqas minn dak l-ammont.

*Artikolu 31*

**Sistemi oħra ta' trasport**

1. Soġġett għal paragrafu 2, id-disposizzjonijiet relatati mar-responsabbiltà tat-trasportatur f'każ ta' mewt ta', jew korriment personali lill-, passiġġieri m'għandhomx japplikaw għal telf jew ħsarat li joriġinaw fil-kors tat-Trasport li, skond il-kuntratt ta' Trasport, ma kienx Trasport bil-ferrovija.

2. Madankollu, fejn il-vetturi tal-linji tal-ferrovija jinġarru bil-vapur, id-disposizzjonijiet relatati mar-responsabbiltà f'każ ta' mewt ta', jew korrimenti personali lill-, il-passiġġieri għandhom japplikaw għat-telf jew il-ħsara msemmija fl-Artikoli 26, paragrafu 1 u l-Artikolu 33, paragrafu 1, ikkawżata b'inċident li jirriżulta mill-operat tal-linja tal-ferrovija u li jseħħ waqt li l-passiġġier ikun ġewwa, diehel jew nieżel mill-imsemmija vetturi.

3. Meta, minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, l-operat tal-linja tal-ferrovija jiġi temporanjament sospiż u l-passiġġieri jinġarru minn sistema oħra ta' trasport, it-trasportatur għandu jkun responsabbli skond dawn ir-Regoli Uniformi.

*KAPITOLU II*

***Responsabbiltà f'każ ta' Nuqqas ta' Żamma ma' l-Iskeda tal-Ħin***

*Artikolu 32*

**Responsabbiltà f'każ ta' kanċellazzjoni, ittardjar tal-ferroviji jew konnessjonijiet li ma ntlaħqux**

1. It-trasportatur għandu jkun responsabbli għall-passiġġier għal telf jew ħsara li tirriżulta mill-fatt li, minħabba kanċellazzjoni, ittardjar ta' ferrovija jew konnessjoni li ma ntlaħqitx, il-vjaġġ tiegħu ma jistax jitkompla fl-istess jum, jew li kontinwazzjoni tal-vjaġġ fl-istess jum ma tistax tintalab b'mod raġonevoli minħabba ċirkostanzi speċifiċi. Il-ħsarat għandhom jinkludu l-ispejjeż raġonevoli ta' akkomodazzjoni kif ukoll l-ispejjeż raġonevoli li jkun hemm bżonn biex jiġu nnotifikati l-persuni li qed jistennew lill-passiġġier.

2. It-trasportatur għandu jiġi meħlus minn din ir-responsabbiltà, meta l-kanċellazzjoni, l-ittardjar jew il-konnessjoni li ma ntlaħqitx hija attribwibbli għal waħda minn dawn il-kawżi li ġejjin:

(a) ċirkostanzi mhux konnessi ma' l-operat tal-linja tal-ferrovija li t-trasportatur, minkejja li ħa l-kura meħtieġa fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ma setax jevita u li ma setax jipprevjeni l-konsegwenzi tagħhom;

(b) tort fuq il-parti tal-passiġġier jew

(ċ) l-imġiba ta' parti terza li t-trasportatur, minkejja li ħa l-kura meħtieġa fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ma setax jevita u li ma setax jipprevjeni l-konsegwenzi tagħhom; impriża oħra li tuża l-istess infrastrutura tal-linja tal-ferrovija ma tistax titqies bħala parti terza; id-dritt għar-rikors m'għandux jiġi affettwat.

3. Il-liġi nazzjonali għandha tiddetermina jekk u sa liema livell għandu t-trasportatur iħallas il-ħsarat għal ħsara barra minn dik prevista f' § 1. Din id-disposizzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 44.

*KAPITOLU III*

***Responsabbiltà fir-rigward ta' Bagalji ta' l-Idejn, Annimali, Bagalji Rreġistrati u Vetturi***

TAQSIMA 1

Bagalji ta' l-Idejn u Annimali

*Artikolu 33*

**Responsabbiltà**

1. F'każ ta' mewt ta', jew korriment personali lill-, passiġġieri, it-trasportatur għandu jkun responsabbli ukoll għat-telf jew ħsara li tirriżulta minn telf totali jew parzjali ta', jew ħsara lill-oġġetti li l-passiġġier kellu fuqu jew miegħu bħala bagalja ta' l-idejn; dan għandu japplika wkoll għall-annimali li l-passiġġier kien ġab miegħu. L-Artikolu 26 għandu japplika mutatis mutandis.

2. F'rigward ieħor, it-trasportatur m'għandux ikun responsabbli għat-telf totali jew parzjali ta', jew ħsara lill-, oġġetti, bagalji ta' l-idejn jew annimali li s-superviżjoni tagħhom hija r-responsabbiltà tal-passiġġier skond l-Artikolu 15, sakemm dan it-telf jew ħsara ma jkunx ikkawżat bil-ħtija tat-trasportatur. L-Artikoli l-oħra tat-Titolu IV, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 51, u t-Titolu VI m'għandhomx japplikaw f'dan il-każ.

*Artikolu 34*

**Limitu ta' ħsarat f'każ ta' telf ta' jew ħsara lill-oġġetti**

Meta t-trasportatur huwa responsabbli taħt l-Artikolu 33 § 1, hu għandu jħallas kumpens sa limitu ta' 1 400 unità ta' kont għal kull passiġġier.

*Artikolu 35*

**Esklużjoni tar-responsabbiltà**

It-trasportatur m'għandux ikun responsabbli għall-passiġġier għal telf jew ħsara li toriġina mill-fatt li l-passiġġier ma jikkonformax mal-formalitajiet meħtieġa mill-awtoritajiet tad-dwana jew awtoritajiet amministrattivi oħra.

TAQSIMA 2

Bagalji rreġistrati

*Artikolu 36*

**Bażi tar-responsabbiltà**

1. It-trasportatur għandu jkun responsabbli għat-telf jew ħsara li tirriżulta minn telf totali jew parzjali ta', jew ħsara lill-, bagalja rreġistrata bejn il-ħin li t-trasportatur ħadha f'idejh u l-ħin tal-kunsinna kif ukoll mill-ittardjar tal-kunsinna.

2. It-trasportatur għandu jiġi meħlus minn din ir-responsabbiltà sal-punt fejn it-telf, il-ħsara jew l-ittardjar fil-kunsinna ġie ikkawżat b'tort tal-passiġġier, b'ordni mogħtija mill-passiġġier barra milli riżultat ta' tort tat-trasportatur, b'difett inerenti fil-bagalja rreġistrata jew b'ċirkostanzi li t-trasportatur ma setax jevita u li ma setax jipprevjeni l-konsegwenzi tagħhom.

3. It-trasportatur għandu jiġi meħlus minn din ir-responsabbiltà sal-punt li t-telf jew ħsara joriġina mir-riskji speċjali inerenti f'waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) l-assenza jew inadegwatezza ta' l-ippakkjar,

(b) in-natura speċjali tal-bagalja,

(ċ) il-kunsinna bħala bagalja ta' oġġetti mhux aċċettabbli għat-Trasport.

*Artikolu 37*

**Obbligu ta' provi**

1. L-obbligu li jiġi pprovat li t-telf, il-ħsara jew l-ittardjar fil-kunsinna kien tort ta' waħda mill-kawżi speċifikati fl-Artikoli 36, paragrafu 2 għandu jaqa' fuq it-trasportatur.

2. Meta t-trasportatur jistabbilixxi li, wara li kkunsidra ċ-ċirkostanzi ta' każ partikolari, it-telf jew il-ħsara setgħu oriġinaw minn riskju speċjali wieħed jew aktar imsemmija fl-Artikolu 36, paragrafu 3, għandu jkun preżunt li minn hemm oriġinat. Il-persuna intitolata għandha, madankollu, jkollha d-dritt li tipprova li t-telf jew il-ħsara ma kienx attribwibbli la fis-sħiħ u lanqas f'parti għal wieħed minn dawk ir-riskji.

*Artikolu 38*

**Trasportaturi suċċessivi**

Jekk Trasport irregolat b'kuntratt wieħed jitwettaq minn trasportaturi diversi suċċessivi, kull trasportatur bl-att proprju li jieħu f'idejh il-bagalja bil-vawċer tar-reġistrazzjoni tal-bagalja jew il-vettura bil-vawċer ta' Trasport, għandu jsir parti għall-kuntratt ta' Trasport fir-rigward tat-tmexxija tal-bagalja jew tat-Trasport tal-vetturi, skond it-termini tal-vawċer tar-reġistrazzjoni tal-bagalja jew tal-vawċer tat-Trasport u għandu jassumi l-obbligi li joriġinaw minn hemm. F'tali każ kull trasportatur għandu jkun responsabbli għat-Trasport matul ir-rotta sħiħa sal-kunsinna.

*Artikolu 39*

**Trasportatur sostitut**

1. Fejn it-trasportatur ħalla t-twettiq ta' Trasport, fis-sħiħ jew f'parti, f'idejn trasportatur sostitut, kemm jekk skond id-dritt taħt il-kuntratt ta' Trasport li jagħmal dan, jew le, it-trasportatur għandu madankollu jibqa' responsabbli fir-rigward tat-Trasport sħiħ.

2. Id-disposizzjonijiet kollha ta' dawn ir-Regoli Uniformi li jirregolaw ir-responsabbiltà tat-trasportatur għandhom japplikaw ukoll għar-responsabbiltà tat-trasportatur sostitut għat-Trasport imwettaq minnu. L-Artikoli 48 u 52 għandhom japplikaw jekk titressaq azzjoni kontra l-impjegati jew kwalukwe persuna oħra li t-trasportatur sostitut jagħmel użu misservizzi tagħha għat-twettiq tat-Trasport.

3. Kwalunkwe ftehim speċjali li taħtu liema t-trasportatur jassumi obbligi mhux imposti minn dawn ir-Regoli Uniformi jew jirrinunzja drittijiet mogħtija minn dawn ir-Regoli Uniformi m'għandu jkollu l-ebda effett fir-rigward tat-trasportatur sostitutiv li ma jkunx aċċettah espliċitament u bil-miktub. Kemm jekk it-trasportatur sostitutiv ikun aċċettah u kemm jekk le, it-trasportatur għandu xorta jibqa' marbut mill-obbligi jew ir-rinunzji li jirriżultaw minn tali ftehim speċjali.

4. Meta u safejn it-trasportatur u t-trasportatur sostitutiv ikunu t-tnejn responsabbli, ir-responsabbilt għandha tkun konġunta u separata.

5. L-ammont aggregat tal-kumpens pagabbli mit-trasportatur, it-trasportatur sostitutiv u s-servi tagħhom u persuni oħra li jkunu jużaw is-servizzi tagħhom għat-twettiq tat-trasportazzjoni m'għandux jaqbeż il-limiti previsti f'dawn ir-Regoli Uniformi.

6. Dan l-Artikolu m'għandux jippreġudika d-drittijiet ta' rikors li jistgħu jkunu jeżistu bejn it-trasportatur u t-trasportatur sostitutiv.

*Artikolu 40*

**Preżunzjoni ta' telf**

1. Il-persuna intitolata tista', mingħajr ma tkun mitluba tipprovdi provi ulterjuri, tikkunsidra oġġett tal-bagalja bħala mitluf meta dan ma jkunx ġie kkunsinnat lilu jew impoġġi għad-disposizzjoni tiegħu fi żmien erbatax-il jum wara talba għall-kunsinja tkun saret skond l-Artikolu 22, paragrafu 3.

2. Jekk oġġett ta' bagalja li jkun meqjus li ntilef jiġi rikopert fi żmien sena wara t-talba għall-kunsinna, it-trasportatur irid jinnotifika lill-persuna intitolata jekk l-indirizz tiegħu jkun magħruf jew ikun jista' jiġi aċċertat.

3. Fi żmien tletin jum wara l-irċevuta tan-notifika msemmija f'paragrafu 2, il-persuna intitolata tista' titlob li l-oġġett tal-bagalja jkun ikkunsinnat lilha. F'dak il-każ hija trid tħallas l-ispejjeż relatati mat-Trasport ta' l-oġġett mill-post tal-kunsinna għall-post fejn il-kunsinna tiġi mwettqa u tirrimborsa l-kumpens irċevut minbarra, skond il-każ, kwalunkwe spiża inkluża fih. Madankollu hija għandha żżomm id-drittijiet tagħha li titlob kumpens għal dewmien tal-kunsinna previst fl-Artikolu 43.

4. Jekk l-oġġett tal-bagalja rikopert ma jkunx miġbur fi żmien il-perijodu stipulat f'paragrafu 3 jew jekk dan ma jkunx rikopert aktar minn sena wara t-talba għall-kunsinna, it-trasportatur għandu jeħles minnu skond il-liġijiet u l-preskrizzjonijiet fis-seħħ fil-post fejn l-oġġett tal-bagalja jkun qiegħed.

*Artikolu 41*

**Kumpens għal telf**

1. F'każ ta' telf totali jew parzjali ta' bagalja reġistrata, it-trasportatur irid iħallas, bl-esklużjoni tal-ħsarat l-oħrajn kollha:

(a) jekk l-ammont tat-telf jew ħsara mġarrba tkun ippruvata, kumpens ta' daqs dak l-ammont imma mhux aktar minn 80-il unità ta' kont għal kull kilogramm ta' massa qasira gross jew 1 200-il unità ta' kont għal kull oġġett tal-bagalja;

(b) jekk l-ammont tat-telf jew ħsara mġarrba ma tkunx stabbilita, ħsarat ta' likwidazzjoni ta' 20-il unità ta' kont għal kull kilogramm ta' massa qasira gross jew 300-il unità ta' kont għal kull oġġett tal-bagalja;

Il-metodu ta' kumpens, għal kull kilogramm nieqes jew għal kull oġġett tal-bagalja, għandu jiġi ddeterminat mill-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport.

2. Barra minn hekk it-trasportatur irid jirrimborsa l-ispiża għat-trasport tal-bagalja u ammonti oħrajn imħallsa fir-rigward tat-trasport ta' l-oġġett mitluf kif ukoll id-dazji tad-dwana u tas-sisa li jkunu diġà tħallsu.

*Artikolu 42*

**Kumpens għal telf**

1. F'każ ta' ħsara fuq bagalja reġistrata, it-trasportatur irid iħallas kumpens ekwivalenti għat-telf fil-valur tal-bagalja, bl-esklużjoni tal-ħsarat l-oħra kollha.

2. Il-kumpens m'għandux ikun ta' aktar minn:

(a) jekk il-bagalja kollha naqsilha l-valur minħabba ħsara, l-ammont li kien ikun pagabbli f'każ ta' telf totali;

(b) jekk parti biss tal-bagalja naqsilha l-valur minħabba ħsara, l-ammont li kien ikun pagabbli kieku dik il-parti ntilfet;

*Artikolu 43*

**Kumpens għal dewmien tal-kunsinna**

1. F'każ ta' dewmien tal-kunsinna ta' bagalja reġistrata, it-trasportatur irid iħallas għal kull perijodu sħiħ ta' erbgħa u għoxrin siegħa wara li l-kunsinna tkun intalbet, iżda soġġett għal massimu ta' erbatax-il jum:

(a) jekk il-persuna intitolata jkollha provi li sofriet telf jew ħsara b'dan, kumpens daqs l-ammont tat-telf jew ħsara, sa mhux aktar minn 0.80-il unità ta' kont għal kull kilogramm ta' massa gross tal-bagalja jew 14-il unità ta' kont għal kull oġġett tal-bagalja, kunsinnat tard;

(b) jekk il-persuna intitolata ma jkollhiex provi li ġarrbet telf jew ħsara b'dan, ħsarat ta' likwidazzjoni ta' 0,14-il unità ta' kont għal kull kilogramm ta' massa gross tal-bagalja jew 2,80-il unità ta' kont għal kull oġġett tal-bagalja, kunsinnati tard.

Il-metodi ta' kumpens, skond kull kilogramm nieqes jew skond l-oġġetti tal-bagalja, għandu jkun determinat mill-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport.

2. F'każ ta' telf totali tal-bagalja, il-kumpens previst f'paragrafu 1 m'għandux ikun pagabbli flimkien ma' dak previst fl-Artikolu 41.

3. F'każ ta' telf ta' parti tal-bagalja, il-kumpens previst f'paragrafu 1 għandu jkun pagabbli fir-rigward ta' dik il-parti tal-bagalja li ma tkunx intilfet.

4. F'każ ta' ħsara tal-bagalja li ma tirriżultax minn dewmien ta' kunsinna, il-kumpens previst f'paragrafu 1 għandu, fejn xieraq, ikun pagabbli flimkien ma' dak previst fl-Artikolu 42.

5. It-total ta' kumpens previst f'paragrafu 1 flimkien ma' dak pagabbli taħt l-Artikoli 41 u 42 m'għandu fl-ebda każ jaqbeż il-kumpens li kien ikun pagabbli f'każ ta' telf totali tal-bagalja.

TAQSIMA 3

Vetturi

*Artikolu 44*

**Kumpens għal dewmien**

1. F'każ ta' dewmien fit-tagħbija għal raġuni attribwita lit-trasportatur jew dewmien tal-kunsinna ta' vettura, u jekk il-persuna intitolata jkollha provi li ġarrbet telf jew ħsara b'dan, it-trasportatur irid iħallas kumpens mhux aktar mill-ammont ta' l-ispiża tat-Trasport.

2. Jekk, f'każ ta' dewmien tat-tagħbija għal raġuni attribwita għat-trasportatur, il-persuna intitolata tagħżel li ma tip-proċedix bil-kuntratt tat-trasport, l-ispiża tat-trasport għandha tkun rimborsata lilha. Barra minn hekk il-persuna intitolata tista', jekk ikollha provi li ġarrbet telf jew ħsara bħala riżultat tad-dewmien, titlob kumpens ta' mhux aktar mill-ispiża tat-Trasport.

*Artikolu 45*

**Kumpens għal telf**

F'każ ta' telf totali jew parzjali ta' vettura l-kumpens pagabbli lill-persuna intitolata għat-telf jew il-ħsara ppruvati għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-valur tas-soltu tal-vettura. Dan għandu ma jaqbiżx 8 000-il unità ta' kont. Trejler mgħobbi jew mhux mgħobbi għandu jkun ikkunsidrat bħala vettura separata.

*Artikolu 46*

**Obbligu fir-rigward ta' oġġetti oħra**

1. Fir-rigward ta' oġġetti li jitħallew fil-vettura jew jitpoġġew f'kaxxi (eż. kaxxi tal-valiġġa jew ta' l-iski) marbutin mal-vettura, it-trasportatur għandu jkun responsabbli biss għal telf jew ħsara kkawżati tort tiegħu. Il-kumpens totali pagabbli m'għandux jaqbeż 1400-il unità ta' kont.

2. Safejn jirrigwarda oġġetti stivati fuq barra tal-vettura, inklużi l-kaxex imsemmija f'paragrafu 1, it-trasportatur għandu jkun responsabbli biss fir-rigward ta' oġġetti ppustjati fuq barra tal-vettura jekk jiġi ppruvat li t-telf jew ħsara jirriżultaw minn azzjoni jew ommissjoni, li t-trasportatur ikkommetta b'intenzjoni biex jikkawża tali telf jew ħsara jew bi traskuraġni u kien jaf li tali telf jew ħsara probabbli jirriżultaw.

*Artikolu 47*

**Liġi applikabbli**

Soġġett għad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, id-disposizzjonijiet ta' Taqsima 2 relatati mar-responsabbiltà għall-bagalji għandha tapplika għall-vetturi.

*KAPITOLU IV*

***Disposizzjonijiet Komuni***

*Artikolu 48*

**Telf ta' dritt li jiġu invokati l-limiti tar-responsabbiltà**

Il-limiti tar-responsabbiltà previsti f'dawn ir-Regoli Uniformi kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jillimitaw il-kumpens għal ammont fiss, m'għandhomx japplikaw jekk jiġi ppruvat li t-telf jew il-ħsara jirriżultaw minn att jew ommissjoni, li t-trasportatur ikun ikkommetta b'intenzjoni li jikkawża tali telf jew ħsara, jew bi traskuraġni u bl-għarfien li tali telf jew ħsara probabbli jirriżultaw.

*Artikolu 49*

**Konverżjoni u interess**

1. Fejn il-kalkolu tal-kumpens jeħtieġ il-konverżjoni ta' somom espressi f'rata barranija, il-konverżjoni għandha tkun bir-rata ta' kambju applikabbli fil-jum u l-post tal-ħlas tal-kumpens.

2. Il-persuna intitolata tista' titlob interessi fuq il-kumpens, ikkalkolata fuq ħamsa fil-mija kull sena, mill-jum tal-pretensjoni previst fl-Artikolu 55 jew, jekk ebda pretensjoni bħal din ma tkun saret, mill-jum li fih il-proċeduri legali jkunu ġew istitwiti.

3. Madankollu, fil-każ ta' kumpens pagabbli skond l-Artikoli 27 u 28, l-interessi għandhom jingħaddu biss mill-jum li fih l-avvenimenti relatati ma' l-istima ta' l-ammont ta' kumpens ikunu seħħu, jekk dak il-jum ikun aktar tard minn dak tal-pretensjoni jew mill-jum li fih il-proċedimenti ġuridiċi jkunu ġew istitwiti.

4. Fil-każ ta' bagalji, l-interessi għandhom ikunu pagabbli biss jekk il-kumpens jaqbeż 16-il unità ta' kont għal kull vawċer tar-reġistrazzjoni tal-bagalji.

5. Fil-każ ta' bagalji, jekk il-persuna intitolata ma tissottomettix lit-trasportatur, fi żmien raġonevoli mogħti lilha, id-dokumenti ta' appoġġ meħtieġa biex l-ammont tal-pretensjoni jiġi stabbilit finalment, l-ebda interess m'għandu jingħadd bejn l-għeluq taż-żmien mogħti u s-sottomissjoni reali ta' tali dokumenti.

*Artikolu 50*

**Responsabbiltà f'każ ta' inċidenti nukleari**

Skond ir-Regoli Uniformi għal telf jew ħsara kkawżati minn inċident nukleari għandha titneħħa r-responsabbiltà minn fuq it-trasportatur meta l-operatur ta' l-istallazzjoni nukleari jew persuna oħra li tissostitwih ikunu responsabbli għat-telf jew ħsara skond il-liġijiet u l-preskrizzjonijiet ta' Stat li jirregola r-responsabbiltà fil-qasam ta' l-enerġija nukleari.

*Artikolu 51*

**Persuni li għalihom it-trasportatur huwa responsabbli**

It-trasportatur għandu jkun responsabbli għall-impjegati tiegħu u persuni oħrajn li juża s-servizzi tagħhom għat-twettiq tat-Trasport, meta dawn l-impjegati u persuni oħrajn ikunu qed jiffunzjonaw fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-funzjonijiet tagħhom. L-amministraturi ta' l-infrastruttura tal-ferrovija li biha jitwettaq it-Trasport għandhom ikunu kkunsidrati bħala persuni li t-trasportatur jagħmel użu tas-servizzi tagħhom għat-twettiq tat-Trasport.

*Artikolu 52*

**Azzjonijiet oħrajn**

1. Fil-każijiet kollha fejn dawn ir-Regoli Uniformi għandhom japplikaw, kwalunkwe azzjoni fir-rigward ta' responsabbiltà, għal tkun xi tkun ir-raġuni, jistgħu jitressqu kontra t-trasportatur biss soġġett għall-kondizzjonijiet u l-limitazzjonijiet stabbiliti minn dawn ir-Regoli Uniformi.

2. L-istess għandu japplika għal kwalunkwe azzjoni mressqa kontra l-impjegati u persuni oħrajn li t-trasportatur huwa responsabbli għalihom skond l-Artikolu 51.

TITOLU V

## RESPONSABBILTÀ TAL-PASSIĠĠIER

*Artikolu 53*

### Prinċipji speċjali ta' responsabbiltà

Il-passiġġier għandu jkun responsabbli għat-trasportatur għal kwalunkwe telf jew ħsara:

(a) li tirriżulta minn nuqqas li jaqdi l-obbligi tiegħu skond

1. l-Artikoli 10, 14 u 20,

2. id-disposizzjonijiet speċjali għat-Trasport ta' vetturi, li jinsabu fil-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport, jew

3. ir-Regolament dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Ferrovija (RID), jew

(b) ikkawżati minn oġġetti u annimali li hu jġib miegħu,

sakemm hu ma jagħtix provi li t-telf jew ħsara kienu kkawżati minn ċirkostanzi li hu ma setax jevita u li l-konsegwenzi tagħhom ma setax jipprevjeni, minkejja l-fatt li hu eżerċita d-diliġenza meħtieġa ta' passiġġier kuxjenzjuż. Din id-disposizzjoni m'għandhiex taffettwa r-responsabbiltà tat-trasportatur skond l-Artikoli 26 u 33, paragrafu 1.

TITOLU VI

## DIKJARAZZJONI TAD-DRITTIJIET

*Artikolu 54*

### Aċċertazzjoni ta' telf jew ħsara parzjali

1 Meta telf parzjali, jew ħsara ta', oġġett trasportat fil-karigu tat-trasportatur (valiġġa, vetturi) jiġi skopert jew meqjus mit-trasportatur jew allegat mill-persuna intitolata, it-trasportatur irid, mingħajr dewmien, u jekk possibbli fil-preżenza tal-persuna intitolata, jikteb rapport fejn jiddikjara, skond in-natura tat-telf jew ħsara, il-kondizzjoni ta' l-artikolu u, sa fejn possibbli, il-qies tat-telf jew ħsara, il-kaġun u ż-żmien ta' meta seħħet.

2 Kopja tar-rapport irid ikun provdut mingħajr ħlas lill-persuna intitolata.

3 Jekk il-persuna intitolata ma taċċettax ir-riżultat fir-rapport, hi tista' titlob li l-kondizzjoni tal-valiġġa jew il-vettura u l-kawża u l-ammont tat-telf jew ħsara jkunu aċċertati minn espert imqabbad mill-partijiet tal-kuntratt tat-Trasport jew minn qorti jew tribunal. Il-proċedura ta' wara għandha tkun irregolata mill-liġijiet u l-preskrizzjonijiet ta' l-Istat li fih tali aċċertazzjoni sseħħ.

*Artikolu 55*

### Pretensjonijiet

1. Pretensjonijiet relatati mar-responsabbiltà tat-trasportatur f'każ ta' mewt, jew korriment personali, il-passiġġieri jridu jindirizzaw bil-miktub lit-trasportatur li kontrieh tista' titressaq azzjoni. Fil-każ ta' Trasport irregolat minn kuntratt wieħed u mwettaq minn trasportaturi suċċessivi l-pretensjonijiet jistgħu jiġu indirizzati wkoll lill-ewwel jew l-aħħar trasportatur kif ukoll lit-trasportatur li jkollu l-post prinċipali tan-negozju jew il-fergħa jew l-aġenzija tiegħu li kkonkluda l-kuntratt tat-Trasport fl-Istat fejn il-passiġġier ikollu d-domiċilju jew ir-residenza abitwali tiegħu.

2. Pretensjonijiet oħrajn relatati mal-kuntratt tat-Trasport iridu jkunu indirizzati bil-miktub lit-trasportatur speċifikat fl-Artikolu 56, paragrafi 2 u 3.

3. Id-dokumenti li l-persuna intitolata taħseb li huwa xieraq li tissottomettihom mal-pretensjoni għandhom ikunu ppreżentati fil-forma oriġinali jew il-kopji tagħhom, fejn xieraq, il-kopji debitament ċertifikati jekk it-trasportatur ikun jeħtieġ hekk. Mal-ftehim tal-pretensjoni, it-trasportatur jista' jitlob iċ-ċediment tal-biljett, il-vawċer tar-reġistrazzjoni tal-valiġġa u l-vawċer tat-trasport.

*Artikolu 56*

### Trasportaturi li tista' titressaq azzjoni kontrihom

1. Azzjoni bbażata fuq ir-responsabbiltà tat-trasportatur f'każ ta' mewt ta', jew korriment personali għall-passiġġieri, jistgħu jitressqu biss kontra trasportatur li huwa responsabbli skond l-Artikolu 26, paragrafu 5.

2. Soġġett għal paragrafu 4 azzjonijiet oħrajn imressqa minn passiġġieri abbażi tal-kuntratt tat-Trasport jistgħu jitressqu biss kontra l-ewwel trasportatur, l-aħħar trasportatur jew it-trasportatur li jkun wettaq il-parti tat-Trasport li fiha l-avveniment li jkun wassal għall-proċedimenti jkun seħħ.

3. Meta, fil-każ ta' Trasport imwettaq minn trasportaturi suċċessivi, it-trasportatur li jrid iwassal il-bagalji jew il-vettura jkun imdaħħal bil-kunsens tiegħu fil-vawċer tar-reġistrazzjoni tal-bagalji jew il-vawċer tat-trasport, azzjoni tista' titressaq kontrih skond paragrafu 2 anke jekk huwa ma jkunx irċieva l-bagalji jew il-vettura.

4. Azzjoni għall-irkupru ta' somma mħallsa skond il-kuntratt tat-Trasport tista' titressaq kontra t-trasportatur li jkun ġabar dik is-somma jew kontra t-trasportatur li tkun inġabret f'ismu.

5. Azzjoni tista' titressaq kontra trasportatur għajr dawk speċifikati f'paragrafi 2 u 4 meta tkun istitwita permezz ta' kontrorikjam jew permezz ta' eċċezzjoni fil-proċedimenti relatati ma' pretensjoni prinċipali bbażata fuq l-istess kuntratt ta' Trasport.

6. Sakemm dawn ir-Regoli Uniformi japplikaw għat-trasportatur sostitut, azzjoni tista' titressaq kontrih ukoll.

7. Jekk il-kwerelant ikollu għażla bejn bosta trasportaturi, id-dritt tiegħu għall-għażla għandu jkun mitmum hekk kif huwa jressaq azzjoni kontra wieħed minnhom; dan għandu japplika wkoll jekk il-kwerelant għandu għażla bejn trasportatur wieħed jew aktar u trasportatur sostitut.

*Artikolu 58*

**Tneħħija tad-dritt għall-azzjoni f'każ ta' mewt jew korriment personali**

1. Kwalunkwe dritt għal azzjoni mill-persuna intitolata bbażat fuq ir-responsabbiltà tat-trasportatur f'każ ta' mewt jew korriment personali ta' passiġġieri, għandu jitneħħa jekk avviż ta' l-inċident tal-passiġġier ma jkunx mogħti mill-persuna intitolata, fi żmien tnax-il xahar minn meta jkun sar konxju tat-telf jew ħsara, lil wieħed mit-trasportaturi li lilu tista' tiġi indirizzata pretensjoni skond l-Artikolu 55, paragrafu 1. Fejn il-persuna intitolata tagħti avviż verbali ta' l-inċident lit-trasportatur, it-trasportatur għandu jforniha b'konferma ta' tali avviż verbali.

2. Madankollu, id-dritt għal azzjoni m'għandux jitneħħa jekk

(a) fi żmien il-perijodu previst f'paragrafu 1, il-persuna intitolata tkun indirizzat pretensjoni lil wieħed mit-trasportaturi nnominati fl-Artikolu 55, paragrafu 1;

(b) fi żmien il-perijodu previst f'§ 1 it-trasportatur li jkun responsabbli jkun sar jaf bl-inċident tal-passiġġier b'xi mod ieħor;

(ċ) avviż ta' l-inċident ma jkunx ingħata, jew ikun ingħata tard, bħala riżultat ta' ċirkostanzi mhux attribwiti għall-persuna intitolata;

(d) il-persuna intitolata tagħti provi li l-inċident kien ikkawżat bil-ħtija fuq il-parti tat-trasportatur.

*Artikolu 59*

**Tneħħija tad-dritt għal azzjoni li tirriżulta mit-Trasport tal-bagalji**

1. L-aċċettazzjoni tal-bagalji mill-persuna intitolata għandha tneħħi d-drittijiet kollha għal azzjoni kontra t-trasportatur li tirriżulta mill-kuntratt tat-Trasport f'każ ta' telf, ħsara jew dewmien parzjali tal-kunsinna.

2. Madankollu, id-dritt għal azzjoni m'għandux jitneħħa:

(a) f'każ ta' telf jew ħsara parzjali, jekk

1. it-telf jew ħsara jkun aċċertat skond l-Artikolu 54 qabel l-aċċettazzjoni tal-bagalji mill-persuna intitolata;

2. l-aċċertazzjoni li tkun suppost saret skond l-Artikolu 54 tithalla barra ħtija biss tat-trasportatur;

(b) f'każ ta' telf jew ħsara li ma jkunux jidhru li l-eżistenza tagħhom tkun aċċertata wara l-aċċettazzjoni tal-bagalji mill-persuna intitolata, jekk hija

1. titlob aċċertazzjoni skond l-Artikolu 54 immedjatament wara li tiskopri t-telf jew ħsara u mhux aktar tard minn tliet ijiem wara l-aċċettazzjoni tal- bagalji, u

2. barra minn hekk, ikollha provi li t-telf jew ħsara jkunu seħħu bejn iż-żmien li tkun ittieħdet mit-trasportatur u l-ħin tal-kunsinna;

(ċ) f'każ ta' dewmien tal-kunsinna, jekk fi żmien wieħed u għoxrin jum il-persuna intitolata tkun aċċertat id-drittijiet tagħha kontra wieħed mit-trasportaturi speċifikati fl-Artikolu 56, paragrafu 3;

(d) jekk il-persuna intitolata tagħti provi li t-telf jew ħsara jkunu kkawżat bil-ħtija fuq il-parti tat-trasportatur.

*Artikolu 60*

**Limitazzjoni ta' l-azzjonijiet**

1. Il-perijodu ta' limitazzjoni ta' azzjonijiet għal ħsarat bbażati fuq ir-responsabbiltà tat-trasportatur f'każ ta' mewt jew korriment personali ta' passiġġieri għandu jkun:

(a) fil-każ ta' passiġġier, tliet snin mill-jum wara l-inċident;

(b) fil-każ ta' persuni intitolati oħrajn, tliet snin mill-jum wara l-mewt tal-passiġġier, soġġett għal massimu ta' ħames snin mill-jum wara l-inċident.

2. Il-perijodu ta' limitazzjoni għal azzjonijiet oħrajn li jirriżultaw mill-kuntratt tat-trasport għandu jkun ta' sena. Madankollu, il-perijodu tal-limitazzjoni għandu jkun sentejn fil-każ ta' azzjoni għal telf jew ħsara li jirriżultaw minn att jew ommissjoni mwettqa bl-intenzjoni li jiġu kkawżati tali telf jew ħsara, jew bi traskuraġni u bl-għarfien li tali telf jew ħsara probabbli jirriżultaw.

3. Il-perijodu tal-limitazzjoni previst f'paragrafu 2 għandu jgħodd għal azzjonijiet:

(a) għall-kumpens ta' telf totali, mill-erbatax-il jum wara l-għeluq tal-perijodu ta' żmien previst fl-Artikolu 22, paragrafu 3;

(b) għal kumpens ta' telf parzjali, ħsara jew dewmien ta' kunsinna, mill-jum meta l-kunsinna tkun saret;

(ċ) fil-każijiet l-oħrajn kollha li jinvolvu t-trasport ta' passiġġieri, mill-jum ta' l-għeluq tal-validità tal-biljett.

Il-jum indikat għall-bidu tal-perijodu tal-limitazzjoni m'għandux ikun inkluż fil-perijodu.

4. […]

5. […]

6. Altrimenti, is-sospensjoni u l-interruzzjoni tal-perijodi tal-limitazzjoni għandhom jiġu regolati mil-liġi nazzjonali.

TITOLU VII

**RELAZZJONIJIET BEJN TRASPORTATURI**

*Artikolu 61*

**Apporzjonament ta' l-ispiża tat-Trasport**

1. Kwalunkwe trasportatur li jkun ġabar jew li kellu jiġbor spiża ta' Trasport irid iħallas lit-trasportaturi konċernati s-sehem rispettiv tagħhom ta' tali spiża. Il-metodi ta' pagament għandhom jiġu ffissati permezz ta' ftehim bejn it-trasportaturi.

2. L-Artikolu 6, paragrafu 3, l-Artikolu 16, paragrafu 3 u l-Artikolu 25 għandhom japplikaw ukoll għar-relazzjonijiet bejn trasportaturi suċċessivi.

*Artikolu 62*

**Dritt għal rikors**

1. Trasportatur li jkun ħallas kumpens skond dawn ir-Regoli Uniformi għandu jkollu dritt għal rikors kontra t-trasportaturi li jkunu ħadu sehem fit-trasport skond id-disposizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-trasportatur li jkun ikkawża t-telf jew ħsara għandu jkun l-uniku responsabbli għalihom;

(b) meta t-telf jew ħsara jkunu ġew ikkawżati minn bosta trasportaturi, kull wieħed għandu jkun responsabbli għat-telf jew ħsara li jkun ikkawża; jekk tali distinzjoni tkun impossibbli, il-kumpens għandu jkun proporzjonat bejniethom skond l-ittra ċ);

(ċ) jekk ma jkunx jista' jiġi ppruvat liema mit-trasportaturi jkun ikkawża t-telf jew ħsara, il-kumpens għandu jkun proporzjonat bejn it-trasportaturi kollha li jkunu ħadu sehem fit-Trasport, għajr dawk li jkollhom provi li t-telf jew ħsara ma jkunux ikkawżati minnhom; tali apporzjonament għandu jkun proporzjonat skond is-sehem rispettiv tagħhom ta' l-ispiża tat-Trasport.

2. Fil-każ ta' insolvenza ta' xi wieħed minn dawn it-trasportaturi, is-sehem mhux imħallas li jkun dovut minnu għandu jiġi apporzjonat fost it-trasportaturi l-oħra kollha li jkunu ħadu sehem fit-trasport, fi proporzjon tas-sehem rispettiv tagħhom ta' l-ispiża tat-Trasport.

*Artikolu 63*

**Proċedura għal rikors**

1. Il-validità tal-ħlas magħmul mit-trasportatur li jeżerċita dritt għal rikors skond l-Artikolu 62 ma tistax tiġi kkuntestata mit-trasportatur li kontrih ikun ġie eżerċitat id-dritt għal rikors, meta kumpens ikun ġie determinat minn qorti jew tribunal u meta t-trasportatur imsemmi l-aħħar, debitament moqdi bin-notifika tal-proċedimenti, ikun ġie mogħti opportunità li jintervjeni fil-proċedimenti. Il-qorti jew tribunal imqabbad mill-azzjoni prinċipali għandu jiddetermina ż-żmien li għandu jingħata għal tali notifika tal-proċedimenti u għal intervenzjoni fil-proċedimenti.

2. Trasportatur li jeżerċita d-dritt tiegħu għal rikors irid jippreżenta l-pretensjoni tiegħu f'wieħed u l-istess proċediment kontra t-trasportaturi kollha li magħhom ma jkunx laħaq ftehim, altrimenti hu għandu jitlef id-dritt tiegħu għal rikors fil-każ ta' dawk li kontrihom hu ma jkunx ħa proċedimenti.

3. Il-qorti jew tribunal għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu f'sentenza waħda u l-istess dwar il-pretensjonijiet ta' rikors kollha mressqa quddiemu.

4. It-trasportatur li jkun jixtieq jinforza d-dritt tiegħu għal rikors jista' jressaq l-azzjoni tiegħu fil-qrati jew it-tribunali ta' l-Istat li fit-territorju tiegħu, wieħed mit-trasportaturi li jkunu ħadu sehem fit-Trasport ikollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu, jew il-fergħa jew aġenzija li tkun ikkonkludiet il-kuntratt tat-Trasport.

5. Meta l-azzjoni trid titressaq kontra bosta trasportaturi, it-trasportatur kwerelant għandu jkun intitolat li jagħżel il-qorti jew tribunal li fih hu ser iressaq il-proċedimenti minn fost dawk kompetenti skond paragrafu 4.

6 Il-proċedimenti tar-rikors ma jistgħux jingħaqdu ma' proċedimenti għal kumpens meħuda mill-persuna intitolata taħt il-kuntratt tat-Trasport.

*Artikolu 64*

**Ftehim rigward rikors**

It-trasportaturi jistgħu jikkonkludu ftehim li jidderoga mill-Artikoli 61 u 62.

*ANNESS II*

## INFORMAZZJONI MINIMA LI GĦANDHA TIĠI PPROVDUTA MILL-IMPRIŻI FERROVJARJI U/JEW MINN BEJJIEGĦA TAL-BILJETTI

PARTI I: INFORMAZZJONI TA' QABEL IL-VJAĠĠ

Kondizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-kuntratt;

Skedi ta' żmien u kondizzjonijiet għall-vjaġġi l-aktar mgħaġġla;

Skedi ta' żmien u kondizzjonijiet għall-irħas nollijiet;

Aċċessibbiltà, kondizzjonijiet ta' l-aċċess u disponibbiltà ta' faċilitajiet abbord għal persuni b' mobbilta mnaqqsa;

Aċċessibbiltà u kondizzjonijiet ta' l-aċċess għar-roti;

Disponibbiltà ta' postijiet fiż-żoni tat-tipjip u ta' mingħajr tipjip, ta' l-ewwel u t-tieni klassi kif ukoll ta' kuċċetti u vaguni ta' l-irqad;

Kwalunkwe attività li probabbilment tfixkel jew iddewwem is-servizzi;

Disponabbiltà ta' servizzi abbord;

Proċeduri għar-riklamazzjoni ta' bagalji mitlufa;

Proċeduri għas-sottomissjoni ta' ilmenti.

PARTI II: INFORMAZZJONI WAQT IL-VJAĠĠ

Servizzi abbord

L-istazzjon li jmiss

Dewmien

Servizzi prinċipali ta' kollegament

Kwistjonijiet ta' sigurtà u sikurezza.

*ANNESS III*

## STANDARDS MINIMI TAL-KWALITÀ TAS-SERVIZZ

Informazzjoni u biljetti

Puntwalità tas-servizzi internazzjonali, u prinċipji ġenerali għat-trattament ta' interruzzjonijet tas-servizzi

Kanċellazzjonijiet ta' servizzi internazzjonali

Indafa tal-vaguni tar-roti u tal-faċilitajiet fl-istazzjon (il-kwalità ta' l-arja fil-vaguni, l-iġjene tal-faċilitajiet sanitarji, eċċ.)

Sondaġġ dwar is-sodisfazzjon tal-konsumatur

Trattament ta' ilmenti, rimborsi u kumpens għal nuqqas ta' konformità mal-kwalità

Assistenza pprovduta lill-persuni b' mobbilta mnaqqsa.

# DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

## I. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal Regolament dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri fit-trasport internazzjonali bil-ferroviji fit-3 ta' Marzu 2004 bħala waħda mill-erba' proposti tat-Tielet Pakkett tal-Ferroviji ([1]).

Fit-28 ta' Settembru 2005, il-Parlament Ewropew ivvota l-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari.

Fl-24 ta' Lulju 2006, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni tiegħu skond l-Artikolu 251 tat-Trattat.

Fit-twettiq tal-ħidma tiegħu, il-Kunsill ħa kont ta' l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]) u tal-Kumitat tar-Reġjuni ([3]).

## II. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI KOMUNI

### 1. Ġenerali

In-negozjati dwar ir-Regolament dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri fit-trasport internazzjonali bil-ferrovija seħħew fl-isfond ta' żewġ pubblikazzjonijiet mill-Kummissjoni Ewropea, partikolarment il-White paper tagħha "Politika Ewropea tat-trasport għall-2010: żmien ta' deċiżjoni" ([4]) u l-Komunikazzjoni tagħha lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew "Lejn żona Ewropea ta' trasport integrata" ([5]). F'dawn il-pubblikazzjonijiet il-Kummissjoni tisħaq dwar il-ħtieġa li l-utenti tas-sistema tat-trasport jitpoġġew lura fil-qalba tal-politika Ewropea tat-trasport u li jitwarrbu n-nuqqasijiet fil-livelli tas-servizz tat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri bil-ferrovija. Il-Proposta għal Regolament hija wkoll tweġiba għall-ilmenti li l-Kummissjoni rċeviet miċ-ċittadini Ewropej fir-rigward tal-kwalità inadegwata tas-servizz provdut minn impriżi ferrovjarji f'servizzi internazzjonali għall-passiġġieri tal-ferroviji.

Għalhekk il-Pożizzjoni Komuni kif miftehma mill-Kunsill tistabbilixxi regoli dwar:

- l-informazzjoni li trid tingħata mill-impriżi ferrovjarji, il-konklużjoni ta' kuntratti ta' trasport, il-ħruġ ta' biljetti u l-implimentazzjoni ta' sistema ta' informazzjoni u riservazzjoni kompjuterizzata għat-trasport ferrovjarju;
- ir-responsabbiltà ta' l-impriżi ferrovjarji u l-obbligi tagħhom ta' l-assigurazzjoni għall-passiġġieri u l-bagalji tagħhom;
- l-obbligi minimi ta' l-impriżi ferrovjarji għall-passiġġieri f'każ ta' dewmien, konnessjonijiet mitlufin u kanċellazzjonijiet;
- il-protezzjoni ta' u l-assistenza għal persuni b'mobilità mnaqqsa li jivvjaġġaw bil-ferrovija,
- id-definizzjoni u l-monitoraġġ ta' standards ta' kwalità tas-servizzi għal servizzi internazzjonali, il-ġestjoni tar-riskji għas-sigurtà personali tal-passiġġieri u l-mod kif jiġu trattati l-ilmenti;
- regoli ġenerali dwar l-infurzar.

### 2. Kwistjonijiet ċentrali ta' politika

i) *Kompatibbiltà mal-COTIF/CIV*

Uħud mill-arranġamenti li l-Kummissjoni ppreżentat fil-proposta tagħha kienu mqanqla mid-dispożizzjonijiet tal-COTIF (il-Konvenzjoni dwar Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija) u l-Appendiċi tagħha tas-CIV (Regoli Uniformi rigward il-Kuntratt tat-Trasport Internazzjonali ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom bil-Ferrovija).

---

([1]) It-3 proposti leġislattivi oħrajn jikkonċernaw:
- Direttiva li temenda d-Direttiva 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (dok. 7147/04 TRANS 107 CODEC 335)
- Direttiva dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' l-ekwipaġġi ferrovjarji li jhaddmu lokomotivi u ferroviji fuq ir-rettikolat ferrovjarju tal-Komunità (dok. 7148/04 TRANS 108 CODEC 336)
- Regolament dwar obbligi ta' kwalità għal servizzi ta' trasport ta' merkanzija bil-ferrovija (dok.7150/04 TRANS 110 CODEC 338).

([2]) ĠU C 221, 8.9.2005, p. 8.

([3]) ĠU C 71, 22.03.2005, p. 26.

([4]) dok. 11932/01 TRANS 131 AVIATION 70 MAR 76.

([5]) COM (2002) 18, 23.01.2002.

Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-leġislazzjoni Komunitarja u l-ftehim internazzjonali, il-Kunsill, fil-laqgħa tiegħu tal-21 ta' April 2005, iddeċieda li jinkorpora ċertu dispożizzjonijiet tal-COTIF/CIV fit-test il-ġdid. Dan sar permezz ta' l-Artikoli introduttivi (4, 10 u 13) li jirreferu għal biċċiet mill-COTIF/CIV li hemm fl-Anness għar-Regolament. Id-dispożizzjonijiet in kwistjoni jippermettu kompatibbiltà mal-COTIF/CIV u jevitaw il-ħtieġa ta' leġislazzjoni dwar materji diġà koperti mill-COTIF/CIV (regoli dwar il-kuntratti tat-trasport, ir-responsabbiltà ta' l-impriżi tal-ferroviji fir-rigward tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom, id-dewmien, il-konnessjonijiet mitlufa u l-kanċellazzjonijiet).

Il-Parlament Ewropew segwa approċċ simili fl-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari billi adotta emendi li — in parti jew bis-sħiħ — jirrikjedu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rispettivi tal-COTIF/CIV (Emendi 138/rev + 32, 50, 80, 81, 83 u 108). Il-Parlament Ewropew issuġġerixxa wkoll it-tħassir mit-test oriġinali tal-Kummissjoni ta' serje ta' dispożizzjonijiet li mhumiex kompatibbli mas-CIV (eż. l-emendi 34, 35, 52, 53, 54 u 108).

ii) *Kamp ta' applikazzjoni*

Il-kamp ta' applikazzjoni globali tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ikopri vjaġġi internazzjonali madwar il-Komunità li jsiru minn servizzi domestiċi u internazzjonali, li huma pprovduti minn impriża ferrovjarja waħda jew aktar.

a) Limitazzjonijiet: servizzi domestiċi

Il-Kunsill iddeċieda li jillimita l-kamp ta' applikazzjoni fir-rigward ta' dewmien, konnessjonijiet mitlufin u kanċellazzjonijiet (Kapitolu IV) u standards ta' kwalità tas-servizz (Kapitoli VI, Artikolu 25). Biex jiġi evitat piż finanzjarju żejjed, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw biss għal vjaġġi internazzjonali fuq servizzi internazzjonali u jeskludu fornituri ta' servizzi domestiċi:

— (għal partijiet minn vjaġġ internazzjonali) l-obbligi li jikkonċernaw rimborż u tibdil fir-rotta, kumpens tal-prezz tal-biljett, u ta' assistenza f'każ ta' dewmien fil-wasla jew fit-tluq;

— l-obbligi kollha li jikkonċernaw it-twaqqif u l-monitoraġġ ta', u r-rappurtar dwar, sistemi ta' kwalità tas-servizz u l-ġestjoni tagħhom.

b) Limitazzjonijiet: eżenzjonijiet temporanji

Il-Kunsill iddeċieda wkoll li jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni tiegħu peress li taħseb għal eżenzjonijiet temporanji mogħtijin lill-Istati Membri għal ċertu servizzi transkonfini u servizzi internazzjonali fejn parti sinifikattiva tas-servizz qed tkun imħaddma barra mill-Komunità. L-Istati Membri li japplikaw tali dispożizzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, li mbagħad tiddetermina jekk eżenzjoni hix skond id-dispożizzjonijiet ta' l-abbozz ta' Regolament.

Meta ħaseb għall-possibbiltà li jingħataw tali eżenzjonijiet, il-Kunsill kellu f'moħħu li jħalli f'idejn l-Istati Membri biex jindirizzaw dawk il-kwistjonijiet f'tali sitwazzjonijiet eċċezzjonali, b'hekk jiġi evitat piż finanzjarju addizzjonali fuq il-fornituri tas-servizz.

ċ) Kamp ta' applikazzjoni mwessa': Persuni b'mobilità mnaqqsa

Wieħed mit-tiri priniċipali ta' dan l-abbozz ta' Regolament huwa li l-ivvjaġġar bil-ferroviji jsir aktar aċċessibbli għal persuni b'mobilità mnaqqsa (PRM). Konsegwentement, il-Kunsill iddeċieda li jmur lil hinn minn dak li l-Kummissjoni għamlet fil-proposta tagħha u jagħmel id-dispożizzjonijiet applikabbli wkoll għal vjaġġi domestiċi fuq servizzi internazzjonali.

Fl-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari, il-Parlament Ewropew iddeċieda li jsegwi triq differenti u jagħmel id-dispożizzjonijiet ta' dan l-abbozz ta' Regolament applikabbli għall-passiġġieri kollha tal-ferroviji (emenda 11 et al). Il-Kunsill iqis li tali approċċ huwa prematur u jippreferi jara l-Pożizzjoni Komuni tiegħu bħala komplimentari għad-Direttiva dwar l-Aċċess għas-Suq, li tilleġisla biss dwar il-ftuħ tas-suq internazzjonali tal-passiġġieri tal-ferroviji.

iii) *Informazzjoni u Sistema ta' Riservazzjoni Kompjuterizzati għat-Trasport Ferrovjarju (CIRSRT)*

Sabiex jipprovdu l-informazzjoni u joħorġu l-biljetti skond l-abbozz ta' Regolament, il-Kunsill iddeċieda li jintroduċi obbligu għall-impriżi ferrovjarji u l-bejjiegħa tal-biljetti li jagħmlu użu minn Informazzjoni u Sistema ta' Riservazzjoni Kompjuterizzati għat-Trasport Ferrovjarju (CIRSRT). Il-proċeduri biex tiġi stabbilita din is-sistema huma mniżżlin fl-Artikolu 9 paragrafi 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill u jserrħu fuq l-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi ta' Interoperabilità tad-Direttiva 2001/16/KE ([1]) (Kapitolu II u Anness II, 2.5). Bil-ħolqien ta' din is-sistema il-Kunsill tbiegħed mill-proposta tal-Kummissjoni, li bbażat l-aċċess għal informazzjoni dwar vjaġġi fuq il-kunċett ta' bejjiegħa ta' sistemi. Il-Kunsill ikkunsidra l-involviment ta' tali intermedjarji bħala mhux meħtieġ u għalhekk iddeċieda li jindirizza d-dispożizzjonijiet rilevanti direttament lill-impriżi ferrovjarji u lill-bejjiegħa tal-biljetti.

iv) *Dewmien, konnessjonijiet mitlufa u kanċellazzjonijiet*

Kif ġie diġà indikat, il-Kunsill għażel li jġib id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà ta' l-impriżi ferrovjari f'każ ta' dewmien, konnessjonijiet mitlufa u kanċellazzjonijiet skond il-kapitolu rilevanti tal-COTIF/CIV. Barra minn hekk, il-Kunsill iddeċieda li jinkludi dispożizzjonijiet speċjali għar-rimborż u t-tibdil fir-rotta, għall-kumpens tal-prezz tal-biljett u l-obbligu li tingħata assistenza lill-passiġġieri f'każ ta' dewmien fil-wasla jew fit-tluq. Fir-rigward tal-kumpens tal-prezz tal-biljett, il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill hija aktar skond il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew (emenda 61) u tipprevedi skema aktar sempliċi u aktar trasparenti minn dik proposta mill-Kummissjoni. Id-dispożizzjoni adottata hija ddeterminata mit-tul fid-dewmien li sservi ta' bażi għall-ammont ta' kumpens. Barra minn hekk, il-Kunsill għamel il-mod ta' ħlas tal-kumpens aktar flessibbli (vawċer u/jew servizzi oħrajn jew flus kontanti), li jsegwi wkoll suġġeriment tal-Parlament Ewropew (emenda 124).

v) *Dispożizzjonjiet Speċjali għal persuni b'mobilità mnaqqsa*

Biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar bil-ferroviji, il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċjali fir-rigward tad-drittijiet għal trasport, l-assistenza li għandha tingħata fl-istazzjonijiet tal-ferroviji u fuq il-ferroviji u l-kondizzjonijiet li taħthom hija disponibbli tali assistenza, il-kumpens fir-rigward tat-tagħmir għall-mobilità u l-informazzjoni li għandha tingħata lil persuni b'mobilità mnaqqsa. B'hekk, il-Kunsill ifittex li jiżgura aċċess indaqs għall-ivvjaġġar bil-ferroviji mingħajr spejjeż addizzjonali għall-passiġġiera kkonċernati. Il-Kunsill huwa kunfidenti li dawn id-dispożizzjonijiet ser jikkontribwixxu biex persuni b'mobilità mnaqqsa jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-istess opportunitajiet ta' vjaġġar bħal ċittadini oħrajn.

3. **Kwistjonijiet oħrajn**

i) *Sigurtà, Ilmenti u Kwalità tas-Servizz*

Reċentement is-sigurtà personali tal-passiġġieri saret prinċipju ċentrali fil-qasam tat-trasport. Huwa għalhekk li l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill fiha dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-partijiet interessati jieħdu l-miżuri adegwati — bi qbil ma' l-awtoritajiet pubbliċi — biex tkun żgurata s-sigurtà personali tal-passiġġieri fi stazzjonijiet ferrovjarji u fuq il-ferroviji u biex jiġu mmaniġġjati r-riskji. Bl-estensjoni ta' dawn l-obbligi għall-amministraturi ta' l-istazzjonijiet, il-Kunsill segwa suġġeriment tal-Parlament Ewropew (emenda 100).

Il-Pożizzjoni Komuni kif adottata mill-Kunsill tobbliga wkoll lill-impriżi ferrovjarji — b'kooperazzjoni mal-bejjiegħa tal-biljetti — li joħolqu mekkaniżmu biex jiġu trattati l-ilmenti għad-drittijiet u l-obbligi koperti mill-abbozz tar-Regolament. Barra minn hekk, l-impriżi ferrovjarji għandhom jippubblikaw rapport annwali li jelenka l-ilmenti li jaslulhom u kif dawn ġew trattati.

Dwar il-kwalità tas-servizz, il-Pożizzjoni Komuni fiha dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-impriżi ferrovjarji jiddefinixxu l-istandards tal-kwalità tas-servizz u jimplimentaw sistema biex tinżamm il-kwalità tas-servizz. L-Anness III ta' l-abbozz ta' Regolament fih lista minima ta' punti li jridu jiġu koperti f'dawn l-istandards. L-impriżi ferrovjarji ser ikunu obbligati wkoll jippubblikaw rapport dwar ir-rendiment tal-kwalità tas-servizz tagħhom fuq bażi annwali.

([1]) ĠU L 110, 20.4.2001, p. 1.

B'dawn il-miżuri, il-Kunsill jimmira li jġib 'il quddiem il-protezzjoni tal-konsumatur fil-qasam ta' l-ivvjaġġar internazzjonali tal-passiġġieri bil-ferroviji u li jippromwovi fost l-impriżi ferrovjarji standards imtejbin ta' kwalità tas-servizz.

ii) *Infurzar*

Il-Pożizzjoni Komuni kif adottata mill-Kunsill tistipula wkoll obbligu fuq l-Istati Membri li jaħtru korp (jew korpi) responsabbli mill-infurzar ta' l-abozz ta' Regolament. Barra minn hekk, il-Pożizzjoni Komuni tobbliga lil dawn il-korpi ta' infurzar sabiex jikkooperaw u jagħmlu skambju ta' informazzjoni bi ħsieb li jippromwovu prinċipji kkoordinati ta' teħid ta' deċiżjonijiet madwar l-Istati Membri.

III. **KONKLUŻJONI**

Fl-istabbiliment tal-Pożizzjoni Komuni, il-Kunsill ħa kont sħiħ tal-proposta tal-Kummissjoni u ta' l-opinjoni fl-ewwel qari tal-Parlament Ewropew. Fir-rigward ta' l-emendi proposti mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill josserva li numru konsiderevoli ta' emendi diġà — fl-ispirtu, parzjalment jew fis-sħiħ — ġew koperti fil-Pożizzjoni Komuni tiegħu. Id-deċiżjoni li tiġi evitata "leġislazzjoni doppja" u allura li jiġu integrati ċertu dispożizzjonijiet tal-COTIF/CIV tissottolinja b'mod ċar l-ispirtu ta' ftehim bejn iż-żewġ ko-leġislaturi.

Fir-rigward tal-kwistjoni prinċipali li dwarha m'hemmx ftehim — l-inklużjoni tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferroviji fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-abbozz ta' Regolament — il-Kunsill jikkunsidra l-approċċ tiegħu bħala tweġiba bbilanċjata u xierqa.

# POŻIZZJONI KOMUNI (KE) Nru 20/2006

**adottata mill-Kunsill fl-24 ta' Lulju 2006**

**bil-ħsieb li tadotta Direttiva 2006/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-ferroviji Komunitarji u d-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni ta' infrastruttura għall-kapaċità tal-ferroviji u l-intaxxar tal-ħlasijiet għall-użu ta' l-infrastruttura tal-ferroviji**

(2006/C 289 E/02)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunita' ([4]) kienet imfassla biex tiffaċilita l-addattament tal-linji tal-ferrovija Komunitarji għal-ħtiġiet tas-suq wieħed u biex tittejjeb l-effiċjenza tagħhom.

(2) Id-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji ([5]) tikkonċerna l-prinċipji u l-proċeduri li għandhom jiġu applikati firrigward ta' l-istabbiliment u l-ħlas ta' piżijiet għall-infrastruttura tal-linji ferrovjarji u l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' l-infrastruttura tal-linji ferrovjarji.

(3) Fil-*White Paper* tagħha, Il-politika Ewropea dwar it-trasport għall-2010: iż-żmien li niddeċiedu, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tkompli tibni s-suq intern fis-servizzi ferrovjarji billi tipproponi li tiftaħ is-suq fisservizzi internazzjonali għall-passiġġieri.

(4) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tindirizza l-ftuħ tas-suq għas-servizzi ferrovjarji internazzjonali fi ħdan il-Komunità, u m' għandiex għaldaqstant tikkonċerna s-servizzi bejn Stat Membru u pajjiż terz. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, servizzi li jgħaddu fil-Komunità.

(5) Is-servizzi ferrovjarji internazzjonali attwali jagħtu stampa ta' kuntrast kbir. Servizzi ta' vjaġġar fit-tul (per eżempju l-ferroviji ta' bil-lejl) jinsabu f'diffikultà u diversi minnhom ġew irtirati mill-impriżi ferrovjarji li joperawhom biex jillimitaw it-telf. Is-suq għas-servizzi internazzjonali ta' veloċità għolja, minn naħa l-oħra, ra żieda qawwija fit-traffiku u ser ikompli l-iżvilupp qawwi tiegħu bl-irduppjar u l-interkonnessjoni tan-*network* trans-Ewropew ta' veloċità għolja sa l-2010. Madankollu, hemm pressjoni ta' kompetittività qawwija mil-linji ta' l-ajru ta' prezz baxx fiż-żewġ każijiet u huwa għaldaqstant essenzjali li jiġu stimulati inizjattivi ġodda li jippromwovu kompetizzjoni bejn l-impriżi ferrovjarji.

(6) Ma jkunx possibbli li jinfetaħ is-suq fis-servizzi internazzjonali għall-passiġġiera mingħajr disposizzjonijiet dettaljati dwar l-aċċess ta' l-infrastruttura, progress sostanzjali dwar l-interoperabilità u qafas strett ta' sikurezza ferrovjarja fuq livell nazzjonali u Ewropew. Dawn l-elementi kollha issa huma fis-seħħ wara t-traspożizzjoni tad-Direttiva 2001/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE ([6]), id-Direttiva 2004/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li temenda d-Direttiva 91/440/KEE tal-Kunsill ([7]), id-Direttiva 2001/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE dwar il-liċenzjar ta' impriżi ferrovjarji ([8]), id-Direttiva 2001/14/KE u d-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar is-sigurtà tal-linji ferrovjarji Komunitarji ([9]). Jeħtieġ li dan il-qafas regolatorju ġdid ikun appoġġat minn prattika stabbilita u konsolidata mid-data proposta għall-ftuħ tas-suq għas-servizzi internazzjonali tal-passiġġieri. Dan ser jeħtieġ ċertu żmien. Id-data mmirata g]all-ftuħ tas-suq għandha għalhekk tkun l-1 ta' Jannar 2010.

([1]) ĠU C 221, 8.9.2005, p.56.

([2]) ĠU C 71, 22.3.2005, p. 26.

([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Settembru 2005 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' 24 ta' Lulju 2006 u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta'… (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([4]) ĠU L 237, 24.8.1991, p. 25. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 164; verżjoni rettifikata fil-ĠU L 220, 21.6.2004, p. 58).

([5]) ĠU L 75, 15.3.2001, p. 29. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/49/KE (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44). Verżoni rettifikata fil-ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16.

([6]) ĠU L 75, 15.3.2001, p. 1.

([7]) ĠU L 220, 21.6.2004, p.58.

([8]) ĠU L 75, 15.3.2001, p. 26.

([9]) ĠU L 220, 21.6.2004, p.16.

(7) In-numru ta' servizzi ta' linji ferrovjarji mingħajr waqfiet intermedji hu limitat ħafna. Fil-każ ta' vjaġġi mingħajr waqfiet intermedji, hu essenzjali li jiġu awtorizzati operaturi ġodda fis-suq biex itellgħu u jniżżlu passiġġieri matul ir-rotta biex jiżguraw li tali operazzjonijiet għandhom ċans realistiku ta' vijabilita ekonomika u sabiex jiġi evitat li kompetituri potenzjali jitpoġġew fi żvantaġġ ma' operaturi eżistenti, li għandhom id-dritt li jtellgħu u jniżżlu passiġġieri matul ir-rotta. Dan id-dritt għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-regolamenti Komunitarji u nazzjonali dwar il-politika ta' kompetizzjoni.

(8) L-introduzzjoni ta' servizzi ġodda internazzjonali b' aċċess miftuħ b' waqfiet intermedji m'għandhomx jintużaw biex iwasslu għal-ftuħ tas-suq għas-servizzi domestiċi tal-passiġġieri, iżda għandhom sempliċiment ikunu ffukati fuq waqfiet li huma anċillari għar-rotta internazzjonali. Abbażi ta' dak, l-introduzzjoni tagħhom għandha tikkonċerna servizzi li l-għan prinċipali tagħhom hu li jġorr passiġġieri li jkunu qed jivvjaġġaw fuq vjaġġ internazzjonali. Id-determinazjoni jekk dak huwiex l-għan prinċipali tas-servizz għandha tieħu kont ta' kriterji bħall-proporzjon ta' *turnover*, u ta' volum, li ġejjin mit-trasport ta' passiġġieri domestiċi jew internazzjonali, u t-tul tas-servizz. Din id-determinazzjoni għandha ssir mill-korp regolatorju nazzjonali rispettiv fuq talba tal-parti interessata.

(9) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69 tas-26 ta' Ġunju 1969 dwar azzjoni mill-Istati Membri fir-rigward ta' l-obbligi inerenti fil-kunċett tas-servizz ta' trasport pubbliku bil-ferrovija, fit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni [1] awtorizza lill-Istati Membri u l-awtrotitajiet lokali bl-għotja ta' kuntratti ta' servizz pubbliku. Dawn il-kuntratti jista' jkun fihom drittijiet esklussivi biex jiġu operati ċerti servizzi. Hu għalhekk meħtieġ li jiġi żgurat li d-disposizzjonijiet ta' dak ir-Regolament ikunu konsistenti mal-prinċipju li servizzi internazzjonali tal-passiġġieri jinfetħu għall-kompetizzjoni.

(10) Il-ftuħ ta' servizzi internazzjonali tal-passiġġieri, li jinkludu d-dritt li jittellgħu passiġġieri fi kwalunkwe stazzjon li jinsab fir-rotta ta' servizz internazzjonali u li jitniżżlu f'ieħor, inklużi l-istazzjonijiet li jinsabu fl-istess Stat Membru, għal kompetizzjoni jista' jkollu implikazzjonijiet fuq l-organizzazzjoni u l-finanzjament ta' servizzi ferrovjarji għal passiġġieri provduti taħt kuntratt ta' servizz pubbliku. L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jillimitaw id-dritt għall-aċċess għas-suq fejn dan id-dritt ikun jikkomprometti l-bilanċ ekonomiku ta' dawn il-kuntratti ta' servizz pubbliku u fejn tingħata approvazzjoni mill-korpi regolatorji rilevanti msemmija fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2001/14/KE abbażi ta' l-analiżi ekonomika objettiva,wara talba mill-awtoritajiet kompetenti li għamlu l-għotja tal-kuntratti ta' servizz pubbliku.

(11) Xi Stati Membri diġà mxew biex jiftħu s-suq għal servizzi ferrovjarji għall-passiġġieri permezz ta' sejħiet għal offerti kompetittivi trasparenti u miftuħa għall-għoti ta' whud mit-tali servizzi. Huma m'għandhomx għalfejn jipprovdu aċċess shiħ miftuħ għas-servizzi għall-passiġġieri internazzjonali, billi din il-kompetizzjoni għad-dritt għall-użu ta' ċerti rotot ferrovjarji involviet test sufficjenti tal-valur tas-suq għat-tħaddim ta' dawk is-servizzi.

(12) Il-valutazzjoni ta' jekk il-bilanċ ekonomiku tal-kuntratt ta' servizz pubbliku jistax jiġi kompromess, għandha tieħu kont ta' kriterji pre-determinati bħall-impatt fuq il-profitabbilità ta' kwalunkwe servizz li hu inkluż fil-kuntratt ta' servizz pubbliku, domanda tal-passiġġieri, prezzijiet tal- biljetti, arranġamenti tal-biljetti, lokalità u numru ta' waqfiet fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera u skeda ta' ħin u frekwenza tas-servizz il-ġdid propost. Abbażi ta' din il-valutazzjoni u tad-deċiżjoni tal-korp regolatorju relevanti, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, jimmodifikaw jew jimpedixxu d-dritt ta' aċċess għas-servizz mixtieq internazzjonali tal-passiġġieri, inkluż It-tqegħid ta' piżijiet fuq l-operatur ta' servizz internazzjonali tal-passiġġieri ġdid, f'konformità ma' l-analiżi ekonomika u skond il-liġi Komunitarja u l-prinċipji ta' ugwaljanza u non-diskriminazzjoni.

(13) Sabiex jiġi żgurat il-finanzjament ta' l-obbligi tas-servizz pubbliku, huwa xieraq li l-Istati Membri jiġu permessi jimponu taxxa fuq is-servizzi tal-passiġieri fit-territorju tagħhom skond il-liġi Komunitarja.

(14) Il-korp regolatorju għandu jiffunzjona b'tali mod li jevita kwalunkwe konflitt ta' interessi u kwalunkwe involviment possibbli fl-għotja tal-kuntratt ta' servizz pubbliku taħt konsiderazzjoni. B'mod partikolari, l-indipendenza funzjonali tiegħu għandha tiġi assigurata jekk ikun konness mill-qrib, għal għanijiet legali jew organizzativi, ma' l-awtorità kompetenti involuta fl-għotja tal-kuntratt ta' servizz pubbliku taħt konsiderazzjoni. Il-kompetenza tal-korp regolatorju għandha tkun estiża biex tippermetti l-valutazzjoni ta' l-għan tas-servizz internazzjonali u, fejn adegwat, l-impatt ekonomiku potenzjali fuq kuntratti ta' servizz pubbliku eżistenti.

(15) Din id-Direttiva tikkostitwixxi fażi ulterjuri tal-ftuħ tas-suq ferrovjarju. Xi Stati Membri diġà fetħu s-suq għas-servizzi internazzjonali tal-passiġġieri fit-territorju tagħhom. F'dan il-kuntest, din id-Direttiva m'għandhiex tinftiehem li toħloq obbligi għal dawk l-Istati Membri biex jagħtu, qabel l-1 ta' Jannar 2010, drittijiet ta' aċċess għal impriżi tal-ferroviji liċenzjati fi Stat Membru fejn drittijiet simili ma ġewx mogħtija.

[1] ĠU L 156, 28.6.1969, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1893/91 (ĠU L 169, 29.6.1991, p. 1).

(16) Il-korpi regolatorji nazzjonali għandhom abbażi ta' l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2001/14/KE, jagħmlu skambju ta' informazzzjoni u, fejn rilevanti f'każijiet individwali, jikkoordinaw fuq il-prinċipji u l-prattika li jagħmlu valutazzjoni dwar jekk il-bilanċ ekonomiku ta' kuntratt ta' servizz pubbliku huwiex kompromess. Huma għandhom b'mod progressiv jiżviluppaw linji gwida bbażati fuq l-esperjenzi tagħhom.

(17) L-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tkun valutata abbażi tar-rapport li ser jiġi preżentat mill-Kummissjoni sentejn wara d-data tal-ftuħ tas-suq fis-servizzi internazzjonali tal-passiġġieri.

(18) Stat Membru li m'għandux sistema ta' linji ferrovjarji, u l-ebda prospett immedjat li jkollu waħda, ikollu obbligu sproporzjonat u futili li kieku kellu jittrasponi u jimplimenta d-Direttivi 91/440/KEE u 2001/14/KE. Għalhekk, tali Stat Membru għandu jkun eżenti, sakemm ma jkollux sistema ta' linji ferrovjarji, mill-obbligu għat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' dawn id-Direttivi.

(19) Peress illi l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-iżvilupp tal-linji ferrovjarji Komunitarji, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, meta tiġi meqjusa l-ħtieġa li jiġu żgurati kondizzjonijiet ġusti u non-diskriminitorji ta' aċċess għall-infrastruttura u jittieħed kont tad-dimensjoni ovvjament internazzjonali tal-mod kif partijiet importanti tan-*networks* tal-linji ferrovjarji joperaw, kif ukoll tal-ħtieġa għal azzjoni transnazzjonali koordinata, u jistgħu għaldaqstant jintlaħqu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan il-għan.

(20) Skond il-paragrafu 34 tal-ftehim Interistituzzjonali dwar leġislazzjoni aħjar ([1]), l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom li sa fejn ikun possibbli juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u jagħmluhom pubbliċi.

(21) Id-Direttivi 91/440/KEE u 2001/14/KE għandhom għalhekk jiġu emendati għaldaqstant,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 91/440/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

1) Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 2:

"4. L-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva kwalunkwe servizz tal-linji ferrovjarji mwettaq madwar il-Komunità u li jibda u jispiċċa barra mill-Komunità.";

2) Ir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 3 għandu jiġi mħassar;

3) L-inċiż li ġej għandu jiddaħħal fl-Artikolu 3 wara l-ħames inċiż:

"— 'servizz internazzjonali tal-passiġġieri' għandu jfisser servizz għal passiġġieri fejn il-ferrovija taqsam mill-anqas fruntiera waħda ta' Stat Membru u fejn l-iskop prinċipali tas-servizz hu li jġorr passiġġieri bejn stazzjonijiet li jinsabu fi Stati Membri differenti; il-ferrovija tista' tkun magħquda u/jew maqsuma, u sezzjonijiet differenti jista' jkollhom oriġini u destinazzjonijiet differenti sakemm il-vaguni kollha jaqsmu mill-anqas fruntiera waħda";

4) L-inċiż li ġej għandu jiddaħħal fl-Artikolu 3 wara s-sitt inċiż:

"— 'transitu' għandu jfisser il-qsim tat-territorju Komunitarju li jiġi mwettaq mingħajr tagħbija jew ħatt ta' prodotti u/jew mingħajr ma jittellgħu jew jitniżżlu passiġġieri fit-territorju Komunitarju.";

5) L-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 5(3) għandu jitħassar;

6) Il-frażi "u gruppi internazzjonali" għandha titħassar fl-Artikolu 8(1);

7) Paragrafu (1) ta' l-Artikolu 10 għandu jitħassar.

8) Il-paragrafi li ġejjin għandhom jiddaħħlu fl-Artikolu 10:

"3a. Impriżi ta' linji ferrovjarji fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 2, għandhom jiġu mogħtija d-dritt ta' aċċess għall-infrastruttura fl-Istati Membri kollha sabiex jiġi operat is-servizz tal-ferrovija internazzjonali tal-passiġġieri sal-1 ta' Jannar 2010. Impriżi ta' linji ferrovjarji għandhom, matul is-servizz għal passiġġieri internazzjonali, ikollhom id-dritt li jtellgħu passiġġieri minn kwalunkwe stazzjon li jinsab fuq ir-rotta internazzjonali u jniżżluhom f'ieħor, inklużi l-istazzjonijiet li jinsabu fl-istess Stat Membru.

Id-dritt ta' aċċess għall-infrastruttura ta' l-Istati Membri li għalihom is-sehem ta' trasport internazzjonali ta' passiġġiera bil-ferrovija jikkostitwixxi iktar min-nofs tat-*turnover* ta' impriżi ta' linji ferrovjarji f'dak l-Istat Membru għandu jiġi garantit sa l-1 ta' Jannar 2012.

Jekk l-iskop prinċipali tas-servizz hux it-trasport ta' passiġġieri bejn stazzjonijiet li jinsabu fi Stati Membri differenti għandu jkun determinat mill-korp jew kopri regolatorji relevanti msemmija fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2001/14/KE wara talba mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti u/jew mill-impriżi tas-servizzi ferrovjarji interessati.

([1]) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

3b. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw id-dritt ta' aċċess definit fil-paragrafu 3(a) dwar servizzi bejn post ta' tluq u ta' destinazzjoni li huma koperti minn kuntratt ta'servizz pubbliku wieħed jew aktar b'mod konformi mal-leġislazzjoni Komunitarja fis-seħħ. Tali limitazzjoni jista' ma jkollhiex l-effett li tnaqqas id-dritt li jittellgħu passiġġieri minn kwalunkwe stazzjon li jinsab fuq ir-rotta ta' servizz internazzjonali u li jitniżżlu f'ieħor inklużi stazzjonijiet li jinsabu fl-istess Stat Membru, minbarra fejn l-eżerċizzju ta' dan id-dritt jikkomprometti l-bilanċ ekonomiku ta' kuntratt ta' servizz pubbliku.

Jekk l-ekwilibriju ekonomiku jkunx kompromess għandu jkun determinat mill-korp jew korpi regolatorju/i relevanti msemmija fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2001/14/KE abbażi ta' analiżi ekonomika objettiba u abbażi ta' kriterji determinati minn qabel, wara talba minn:

— l-awtorità kompetenti jew l-awtoritajiet kompetenti li jkunu taw il-kuntratt ta' servizz pubbliku;

— kwalunkwe awtorità kompetenti oħra interessata biddritt li tillimita l-aċċess taħt dan l-Artikolu;

— il-maniġer ta' l-infrastruttura, jew

— l-intrapriża tal-linji ferrovjarji li qed twettaq il-kuntratt ta' servizz pubbliku.

L-awtoritajiet kompetenti u l-impriżi tal-linji ferrovjarji li jipprovdu s-servizzi pubbliċi għandhom jipprovdu lill-korp jew korpi regolatorju/i relevanti bl-informazzjoni meħtieġa b'mod raġonevoli biex tinlaħaq deċiżjoni. Il-korp regolatorju għandu jikkunsidra l-informazzjoni provduta, jikkonsulta l-partijiet rilevanti kollha kif xieraq, u għandu jinforma lill-partijiet rilevanti bid-deċiżjoni raġunata tiegħu fi żmien pre-determinat u raġonevoli, u, fi kwalunkwe każ, fi żmien xahrejn minn meta jirċievi l-informazzjoni rilevanti kollha. Il-korp regolatorju għandu jagħti r-raġunijiet għaddeċiżjoni tiegħu u jispeċifikaw il-perijodu ta' żmien u l-kondizzjonijiet li fihom,

— l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti rilevanti,

— il-maniġer ta' l-infrastruttura,

— l-intrapriża tal-linji ferrovjarji li qed twettaq il-kuntratt ta' servizz pubbliku, jew

— l-intrapriża tal-linji ferrovjarji li qiegħda tfittex aċċess,

jistgħu jitolbu l-konsiderazzjoni mill-ġdid tad-deċiżjoni.

3ċ. L-Istati Membri jistgħu wkoll jillimitaw id-dritt li jittellgħu u jitniżżlu passiġġieri fi stazzjonijiet fl-istess Stat Membru fuq ir-rotta ta' servizz internazzjonali għall-passiġġieri fejn dritt esklussiv li jitwasslu passiġġieri bejn dawk l-istazzjonijiet ġie mogħti taħt kuntratt ta' konċessjoni qabel … abbażi tal-proċedura ta' offerti ta' kuntratti ġusta u kompetittiva u b'mod konformi mal-prinċipji tal-liġi Komunitarja. Din il-limitazzjoni tista' tkompli tul iż-żmien oriġinali tal-kuntratt, jew għall-15-il sena, skond liema hu l-iqsar.

3d. Id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva m'għandhomx jeħtieġu li Stat Membru jagħti, qabel l-1 ta' Jannar 2010, id-dritt għal aċċess imsemmi fil-paragrafu 3a għall-impriżi tal-linji ferrovjarji u s-sussidjarji kkontrollati indirettament u direttament tagħhom, bil-liċenzja fi Stat Membru fejn drittijiet ta' aċċess ta' natura simili m'humiex mogħtija.

3e. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-deċiżonijiet imsemmija f' paragrafi 3b, 3ċ u 3d huma soġġetti għal reviżjoni ġudizzjarja.

3f. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3b, l-Istati Membri jistgħu, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu, jawtorizzaw lill-awtoritajiet rilevanti biex jimponu taxxa fuq is-servizzi kollha ta' trasport ferrovjarju għall-passiġġieri fit-territorju tagħhom sabiex jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-kumpens ta' l-obbligi tas-servizz pubbliku fil-qafas tal-kuntratti tas-servizz pubbliku konklużi skond il-liġi Komunitarja.

F'konfomità mal-liġi Komunitarja, il-kumpens imsemmi fl-ewwel subparagrafu ma jistax jeċċedi dak li hu meħtieġ biex ikopri l-ispiża kollha jew parti minnha li ssir fl-eżekuzzjoni ta' l-obbligi tas-servizz pubbliku wara li jittieħed kont tar-riċevuti rilevanti u profitt raġonevoli għall-eżekuzzjoni ta' dawk l-obbligi.

It-taxxa għandha tiġi imponuta skond il-liġi Komunitarja, b'mod partikolari fir-rigward tal-prinċipji tal-ġustizzja, it-trasparenza, in-non-diskriminazzjoni u l-proporzjonalità, b'mod partikolari bejn il-prezz tas-servizz u l-livell tat-taxxa. L-obbligu li jsir kontribut għall-finanzjament tal-kumpens ta' l-obbligi tas-servizz pubbliku m'għandux jagħmel ħsara lill-vijabbiltà ekonomika tas-servizzi internazzjonali tal-passiġġieri.

L-awtoritajiet rilevanti għandhom iżommu l-informazzjoni meħtieġa biex jiżguraw li l-oriġini tat-taxxi u l-użu tagħhom jistgħu jiġu traċċati. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'din l-informazzjoni.":

9) L-Artikolu 10(8) għandu jinbidel b' dan li ġej:

"8. Sa l-1 ta' Jannar 2009, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

Dan ir-rapport għandu jindirizza:

— l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri u l-funzjonament effikaċi tal-korpi varji involuti;

— l-iżvilupp tas-suq, b'mod partikolari tendenzi tat-traffiku internazzjonali, attivitajiet u qsim tas-suq ta' l-atturi kollha tas-suq, inklużi operaturi ġodda.";

10) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 10:

"9. Sal-31 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' paragrafu 3.";

11) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 15:

"L-obbligi għat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva m'għandhomx japplikaw għal Ċipru u għal Malta sakemm l-ebda sistema ferrovjarja ma tiġi stabbilita fit-territorju tagħhom."

*Artikolu 2*

Id-Direttiva 2001/14/KE għandha tiġi emendata kif ġej:

1) Il-punt li ġej għandu jiżdied mal-paragrafu (3) ta' l-Artikolu 1:

"e) Operazzjonijiet ta' trasport fil-forma ta' servizzi ferrovjarji li huma mwettqa fi transitu madwar il-Komunità.";

2) Il-punt li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 2:

"n) 'transitu' għandha tfisser il-qsim tat-territorju Komunitarju li jiġi mwettaq mingħajr tagħbija jew ħatt ta' prodotti, u/jew mingħajr ma jittellgħu jew jitniżżlu passiġġieri fit-territorju Komunitarju.";

3) Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 13:

"4. Fejn applikant għandu l-intenzjoni li jitlob kapaċità ta' infrastruttura bil-ħsieb li jopera servizz internazzjonali tal-passiġġieri kif definit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 91/440/KEE, huwa għandu jinforma lill-maniġers ta' l-infrastruttura u l-korpi regolatorji konċernati. Sabiex tiġi permessa l-valutazzjoni ta' l-għan tas-servizz internazzjonali tat-trasport ta' passiġġieri bejn stazzjonijiet li jinsabu fi Stati Membri differenti, u l-impatt ekonomiku potenzjali fuq kuntratti ta' servizz pubbliku eżistenti, il-korpi regolatorji għandhom jiżguraw li kwalunkwe awtorità kompetenti li tat servizz ferrovjarju għal passiġġieri definit f'kuntratt ta' servizz pubbliku, kwalunkwe awtorità kompetenti oħra interessata bid-dritt li tillimita l-aċċess taħt l-Artikolu 10 (3b) tad-Direttiva 91/440/KE u kwalunkwe intrapriża tal-linji ferrovjarji li qed twettaq il-kuntratt ta' servizz pubbliku fuq ir-rotta ta' dan is-servizz internazzjonali għall- passiġġieri tkun infurmata.";

4) L-Artikolu 17(5) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"5. Ftehim kwadru għandhom fil-prinċipju jkopru perijodu ta' ħames snin, li jistgħu jiġġeddu għal perijodi ugwali għat-tul ta' żmien oriġinali tagħhom. Il-maniġer ta' l-infrastrutura jista' jaqbel ma' perijodi iqsar jew itwal f'każijiet speċifiċi. Kwalunkwe perijodu itwal minn ħames snin għandu jiġi ġustifikat mill-eżistenza ta' kuntratti kummerċjali, investimenti speċjalizzati jew riskji.

5a. Għal servizzi li qed jużaw infrastruttura speċjalizzata, imsemmija fl-Artikolu 24, li jeħtieġu investiment sostanzjali u fuq tul ta' żmien, ġustifikat b'mod dovut mill-applikant, ftehim kwadru jistgħu jkunu ta' perijodu ta' 15-il sena. Kwalunkwe perijodu itwal minn 15-il sena għandu jkun permissibbli biss f'każijiet eċċezzjonali, b'mod partikolari fejn hemm investiment kbir u ta' tul ta' żmien, u speċjalment fejn tali investiment hu kopert minn impenji kuntrattwali inkluż pjan pluriennali ta' ħlas ta' dejn.

Il-ħtiġiet ta' l-applikant f'dan il-każ jistgħu jitolbu definizzjoni dettaljata tal-karattersitiċi tal-kapaċità — inkluża l-frekwenza, il-volum u l-kwalità tal-passaġġi tal-ferroviji — li għandhom ikunu provduti lill-applikant għat-tul tal-ftehim kwadru. Il-maniġer ta' l-infrastruttura jista' jnaqqas kapaċità riżervata li, fuq perijodu ta' mill-anqas xahar, tkun intużat anqas mill-kwota ta' limitu msemmija fl-Artikolu 27.

Mill-1 ta' Jannar 2010 'il quddiem, ftehim kwadru inizjali jista' jitfassal għal perijodu ta' ħames snin, li jista' jiġġedded darba, abbażi tal-karatteristiċi tal-kapaċità użati mill-applikanti li joperaw servizzi qabel l-1 ta' Jannar 2010, sabiex jittieħed kont ta' l-investimenti speċjalizzati jew ta' l-eżistenza ta' kuntratti kummerċjali. Il-korp regolatorju msemmi fl-Artikolu 30 għandu jkun responsabbli sabiex jawtorizza d-dħul fis-seħħ ta' tali Ftehim.";

5) Is-sentenza li ġejja għandha tiddaħħal qabel l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 30(1):

"Barra minn hekk għandu jkun indipendenti funzjonalment minn kwalunkwe awtorità kompetenti involuta fl-għotja ta' kuntratt ta' servizz pubbliku."

6) Is-sub-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal fl-Artikolu 38:

"L-obbligi għal traspożizzjoni u implimentazzjoni ta' din id-Direttiva m'għandhomx japplikaw għal Ċipru u għal Malta sakemm l-ebda sistema ferrovjarja ma tiġi stabbilita fit-territorju tagħhom."

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva qabel (*). Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-disposizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

(*) 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

3. Id-disposizzjonijiet tal-punti 2, 5, 6 u 7 ta' l-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2010.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| … | … |

# DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

## I. DAĦLA

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-linji ferrovjarji tal-Komunità, 'l hekk imsejħa "proposta dwar l-Aċċess għas-Suq Ferrovjarju", tat-3 ta' Marzu 2004 bħala waħda mill-erba' proposti tat-Tielet Pakkett Ferrovjarju ([1]).

Fit-28 ta' Settembru 2005, il-Parlament Ewropew ivvota l-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari.

Fl-24 ta' Lulju 2006, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni tiegħu skond l-Artikolu 251 tat-Trattat.

Fit-twettiq tal-ħidma tiegħu, il-Kunsill ħa kont ukoll ta' l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]) u tal-Kumitat tar-Reġjuni ([3]).

## II. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI KOMUNI

### 1. Ġenerali

In-negozjati dwar il-ftuħ tas-suq għal servizzi ferrovjarji internazzjonali għall-passiġġieri seħħew f'kuntest ta' politika msawwar mill-*White Paper* tal-Kummissjoni dwar il-politika Ewropea tat-trasport għall-2010 ([4]), kif ukoll mill-Ewwel u t-Tieni Pakkett ferrovjarju. Fil-*White Paper* il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tkompli tibni s-suq intern għal servizzi ferrovjarji billi inter alia, tipproponi li tiftaħ is-suq għal servizzi ferrovjarji internazzjonali għall-passiġġieri. L-Ewwel u t-Tieni Pakkett Ferrovjarju fihom dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-aċċess ta' l-infrastruttura, l-interoperabbiltà u sikurezza ferrovjarja fil-livell nazzjonali u Ewropew, b'hekk jipprovdu qafas, li għandu jippermetti l-ftuħ tas-suq għal servizzi ta' merkanzija u għal servizzi internazzjonali għall-passiġġiera.

Waqt il-laqgħa tal-5 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill seta' jilħaq Ftehim Politiċi dwar tlieta minn erba' proposti leġislattivi tat-Tielet Pakkett Ferrovjarju: il-proposta dwar l-Aċċess għas-Suq Ferrovjarju, li hija s-soġġett ta' dan id-dokument, u l-proposti dwar drittijiet u obbligi tal-Passiġġieri u l-ekwipaġġi Ferrovjarji — biex b'hekk iwitti t-triq għall-adozzjoni tat-tliet Pożizzjonijiet Komuni.

Ċentrali għad-diskussjonijiet tal-Kunsill dwar il-proposta dwar l-Aċċess għas-Suq Ferrovjarju kienet ir-relazzjoni bejn din il-proposta u l-proposta riveduta dwar it-trasport pubbliku tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq — 'l hekk imsejħa "proposta dwar l-Obbligi tas-Servizz Pubbliku" ([5]). Konsegwentement, fil-laqgħa tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2005, Ftehim Politiku dwar il-proposta għall-Aċċess għas-Suq Ferrovjarju seta' jintlaħaq biss billi tiġi indirizzata r-relazzjoni bejn iż-żewġ proposti u billi tingħata gwida għal diversi elementi tal-proposta dwar l-Obbligi tas-Servizz Pubbliku f'Dikjarazzjoni għall-minuti magħmula mill-Kunsill u l-Kummissjoni (ara Anness I).

---

([1]) It-tliet proposti leġislattivi l-oħra jikkonċernaw:
— Regolament dwar drittijiet u obbligi għal passiġġieri fit-trasport ferrovjarju internazzjonali (dok. 7149/04 TRANS 109 CODEC 337);
— Regolament dwar obbligi ta' kwalità għal servizzi ta' trasport ferrovjarju ta' merkanzija (dok. 7150/04 TRANS 110 CODEC 338);
— Direttiva dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' l-ekwipaġġi ferrovjarji li jhaddmu lokomottivi u ferroviji fuq ir-rettikolat ferrovjarju tal-Komunità (dok. 7148/04 TRANS 108 CODEC 336).

([2]) ĠU C 221, 9.9.2005, p.56.

([3]) ĠU C 71, 22.03.2005, p. 26.

([4]) dok. 11932/01 TRANS 131 AVIATION 70 MAR 76.

([5]) dok. 11508/05 TRANS 155 CODEC 657.

## 2. **Kwistjonijiet ta' politika ċentrali**

### 2.1. *Il-ftuħ tas-suq għal servizzi ferrovjarji internazzjonali għall-passiġġieri*

Il-ftuħ tas-suq jista' — permezz ta' l-introduzzjoni ta' kompetizzjoni — jikkontribwixxi għal servizzi ferrovjarji Ewropej aktar effiċjenti u aktar attrajenti. Meta qabel li jagħti, sa l-1 ta' Jannar 2010, għall-intrapriżi tal-linji ferrovjarji bil-għan li jiġu mħaddma servizzi internazzjonali għall-passiġġieri, id-dritt għal aċċess għall-infrstruttura ta' l-Istati Membri kollha, il-Kunsill isegwi l-kompromess milħuq mal-Parlament fil-ħin tal-proċedura ta' konċiljazzjoni fit-Tieni Pakkett Ferrovjarju ([1]). Il-ftuħ tas-suq għal servizzi ferrovjarji internazzjonali għall-passiġġieri sa l-2010 jippermettu lill-operaturi biex jippreparaw b'mod xieraq. Ikun jikkoinċidi wkoll ma' kemm l-irduppjar kif ukoll ma' l-interkonnessjoni ulterjuri tar-rettikolat trans-Ewropew ta' veloċità għolja, u b'konsolidazzjoni tal-qafas kif stabbilit mill-Ewwel u t-Tieni pakkett ferrovjarju.

Il-ftuħ tas-suq għal servizzi internazzjonali inkluż il-kabotaġġ se jkollu impatt qawwi fuq Stati Membri fejn forom ta' trasport internazzjonali għandhom parti importanti mis-servizzi ferrovjarji totali għall-passiġġieri. B'kont meħud ta' dak il-ħsieb, il-Kunsill irid jagħti aktar żmien lil dawn l-Istati Membri biex jippreparaw għal ftuħ tas-suq, billi jippermettulhom li jagħtu d-dritt ta' aċċess sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2012.

Konsegwentement, il-Kunsill ma jaqbilx mal-fehma tal-Parlament li jinfetħu servizzi ferrovjarji internazzjonali għall-passiġġieri sa l-2008, u kull forma oħra ta' servizzi ferrovjarji għall-passiġġieri sa l-2012 (Emendi 2, 8 u 9 fir-rigward ta' l-iskeda għall-ftuħ tas-suq għal servizzi ferrovjarji għall-passiġġieri; Emendi 6 u 12 dwar il-preparazzjoni ta' rapporti ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-ftuħ tas-swieq għal servizzi ferrovjarji nazzjonali u internazzjonali għall-passiġġieri).

### 2.2. *Id-dritt li jittellgħu u jitniżżlu passiġġieri fl-istess Stat Membru*

Il-Kunsill, bħall-Parliament Ewropew, jaċċetta li l-proposta tal-Kummissjoni tippermetti servizzi internazzjonali ferrovjarji għall-passiġġieri li jittellgħu u jitniżżlu passiġġieri fi stazzjonijiet li jinsabu fl-istess Stat Membru. Il-Kunsill huwa ta' l-opinjoni li dan 'l hekk imsejjaħ trasport ta' kabotaġġ huwa meħtieġ biex ikunu possibbli servizzi internazzjonali vijabbli.

Madankollu, il-Kunsill irid jevita li dritt għal aċċess għal servizzi ferrovjarji internazzjonali għall-passiġġieri, li jinkludi kabotaġġ, iwassal għall-ftuħ tas-suq għal servizzi ferrovjarji domestiċi għall-passiġġieri. Għalhekk, il-Pożizzjoni Komuni tippermetti li jingħata d-dritt ta' aċċess biss għal dawk is-servizzi internazzjonali, li għandhom bħala "għan prinċipali" l-ġarr ta' passiġġieri bejn stazzjonijiet li jinsabu fl-Istati Membri differenti. Fil-Pożizzjoni Komuni, proċedura hija prevista għad-determinazzjoni ta' l-għan ta' servizz internazzjonali li għalih l-aċċess huwa mitlub.

### 2.3. *Is-Salvagwardja tas-servizzi pubbliċi ta' trasport*

Fl-essenza tagħha, il-Pożizzjoni Komuni dwar il-proposta dwar l-Aċċess għas-Suq Ferrovjarju tirrifletti l-bilanċ li l-Kunsill sab bejn il-ftuħ tas-suq fuq naħa waħda u s-salvagwardja tas-servizzi pubbliċi ta' trasport fuq in-naħa l-oħra. B'dan il-bilanċ li sab, il-Kunsill żied tliet elementi għall-proposta tal-Kummissjoni: proċedura li tiddetermina jekk il-ftuħ tas-suq għal servizzi ferrovjarji internazzjonali għall-passiġġieri tikkompromettix servizz pubbliku ta' trasport; kjarifika dwar il-modalitajiet biex jingħata d-dritt ta' aċċess; u dispożizzjoni li tippermetti lill-Istati Membri li jitolbu imposta fuq servizzi ferrovjarji internazzjonali għall-passiġġieri. Il-bilanċ bejn il-ftuħ tas-suq u s-salvagwardja ta' servizzi pubbliċi huwa espress ukoll fid-Dikjarazzjoni li saret mill-Kunsill u l-Kummissjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2005 (ara Anness I).

---

([1]) Dan il-kompromess huwa inkorporat fil-premessa 4 tad-Direttiva 2004/51 u taqra li "Fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għal servizzi ferrovjarji internazzjonali għall-passiġġieri, id-data ta' l-2010 proposta mill-Kummissjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala objettiv li jippermetti l-operaturi kollha biex jippreparaw b'mod xieraq."

2.3.1. Proċedura

Biex ikun iċċarat meta d-dritt ta' aċċess jista' jkun limitat, il-Pożizzjoni Komuni fiha proċedura biex jiġi ddeterminat jekk servizz ferrovjarju internazzjonali għall-passiġġieri jikkompromettix l-ekwilibriju ekonomiku ta' servizz pubbliku ta' trasport. Element importanti ta' din il-proċedura għandu x'jaqsam ma' analiżi ekonomika objettiva li ssir mill-korp regolatorju ta' l-impatt ta' servizz ferrovjarju internazzjonali għall-passiġġieri dwar servizzi pubbliċi ta' trasport. Il-Kunsill ħa din l-idea mill-Emenda 10 tal-Parlament.

2.3.2. Modulazzjoni tal-limitu dwar id-dritt ta' aċċess

Bil-ħsieb li tinġieb aktar flessibbiltà għad-deċiżjoni li tagħti drittijiet ta' aċċess, il-Pożizzjoni Komuni tagħmilha ċara li — wara d-determinazzjoni li l-ekwilibriju ekonomiku ta' servizz pubbliku ta' trasport ikun kompromess — jeżistu diversi modalitajiet biex jillimitaw d-dritt ta' aċċess għal servizzi ferrovjarji internazzjonali għall-passiġġieri. B'konformità mal-prinċipji ta' ugwlajanza u non-diskriminazzjoni, il-Kunsill jindika li Stat Membru jista' jawtorizza, jimmodifika jew jimpedixxi d-dritt ta' aċċess, inkluż l-imponiment ta' ħlas fuq l-operatur ta' servizz ġdid internazzjonali għall-passiġġieri. Permezz tal-possibbiltà li jappoġġaw servizzi pubbliċi ta' trasport b'imposti mitluba fuq servizz ferrovjarju internazzjonali għall-passiġġieri, l-Istati Membri għandhom aktar libertà biex jiftħu s-suq filwaqt li jissalvagwardjaw is-servizzi pubbliċi.

2.3.3. Ekwiparazzjoni

F'xi Stati Membri, servizzi ferrovjarji vantaġġużi għall-passiġġieri jikkontribwixxu permezz ta' imposta fis-servizzi pubbliċi ta' trasport, li jaħdmu b'telf. Il-Kunsill jixtieq jagħmilha ċara li tali imposta tista' tintalab ukoll fuq intrapriżi ferrovjarji, li huma mogħtija d-dritt ta' aċċess. Tali obbligu biex jingħata kontribut lill-kumpensi ta' l-obbligi ta' servizz pubbliku huwa ristrett għat-territorju ta' l-Istat Membru li jitlob l-imposta. Barra minn hekk, l-imposta m'għandhiex tipperikola l-vijabbiltà ekonomika tas-servizz internazzjonali għall-passiġġier. Fl-aħħarnett, fil-Pożizzjoni Komuni huwa meqjus li jekk Stat Membru jagħżel li jimponi tali ħlasijiet, huwa obbligat li jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa. Fir-rigward ta' l-ekwiparazzjoni, il-Portugall għamel dikjarazzjoni fil-Kunsill tat-TTE ta' Diċembru 2005 (Anness II).

2.4. *Ftehim Kwadru*

Il-Kunsill, bħall-Parlament, jaħseb li hu meħtieġ li jikkomplementa l-ftuħ tas-suq għal servizzi internazzjonali ferrovjarji għall-passiġġieri bi ftehim għal klima aktar stabbli u prevista għal investimenti fl-infrastuttura għal dawn is-servizzi, u b'mod partikolari għal servizzi li jużaw infrastuttura speċjalizzata. Konsegwentement, b'ispirazzjoni mill-Emendi 5, 7 u 13 tal-Parlament, il-Kunsill jipproponi li jimmodifika d-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-ftehim kwadru fid-Direttiva 2001/14/KE ([1]). Fejn il-Parlament jipproponi biex jippermetti għal servizzi li jużaw infrastruttura speċjalizzata, li jeħtieġu investiment sostanzjali u fuq tul ta' żmien ta' 10 snin, il-Kunsill huwa ta' l-opinjoni li tul ta' 15-il sena huwa aktar xieraq.

2.5. *Klawżola ta' reċiproċità*

Bħal Parlament, fl-Emendi 3 u 11 tiegħu, il-Kunsill irid jinkludi fil-proposta dwar l-Aċċess għas-Suq Ferrovjarju dispożizzjoni li tippermetti lil Stati Membri, li fetħu s-suq tagħhom għal servizzi ferrovjarji internazzjonali tal-passiġġieri, li jżommu d-dritt ta' aċċess għal intrapriżi bil-liċenzja fi Stat Membru fejn drittijiet ta' aċċess ta' natura simili mhumiex mogħtija.

([1]) Direttiva 2001/14/KE dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-linji ferrovjarji u l-imponiment ta' ħlasijiet għall-użu ta' infrastuttura tal-linji ferrovjarji u ċertifikazzjoni ta' sigurtà
(ĠU L 75, 15.3.2001, p. 29).

2.6. *Kwistjonijiet sinifikanti oħrajn*

2.6.1. Transitu

Fil-Pożizzjoni Komuni, il-Kunsill jiċċara li l-għan tal-proposta dwar l-Aċċess għas-Suq Ferrovjarju huwa li jiftaħ is-suq għas-servizzi internazzjonali ferrovjarji għall-passiġġieri fil-Komunità u li s-servizzi ta' trasport ta' merkanzija u passiġġieri, li jibdew u jispiċċaw f'pajjiżi terzi u li jaqsmu t-territorju Komunitarju, m'humiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta. Il-Litwanja għamlet Dikjarazzjoni għall-minuti dwar il-kwistjoni ta' transitu (ara Anness III).

2.6.2. Sistema bbażata fuq konċessjonijiet

Il-proposta tal-Kummissjoni hija bbażata fuq il-prinċipju ta' kompetizzjoni fuq il-ferroviji. Il-Kunsill isegwi dan il-prinċipju, iżda jirrikonoxxi li prinċipji oħra wkoll huma possibbli fir-rigward ta' l-introduzzjoni ta' kompetizzjoni li, madankollu, huma diġà applikati fil-prattika. B'dan il-ħsieb, il-Kunsill huwa favur li jippermetti lil Stati Membri għall-perijodu transitorju, li ma jipprovdux aċċess totali miftuħ għal servizzi ferrovjarji internazzjonali għall-passiġġieri f'każijiet fejn id-dritt li jintużaw ċerti rotot ferrovjarji involva test suffiċjenti tal-valur tas-suq permezz tal-prinċipju ta' kompetizzjoni għall-ferroviji.

2.6.3. L-eżenzjoni mill-implimentazzjoni għal Malta/Ċipru

B'kont meħud tal-fatt li Malta u Ċipru m'għandhomx sistema ferrovjarja, u li l-prospetti li jkollhom waħda huma limitati ħafna, il-Kunsill jeżenta lil dawn iż-żewġ Stati Membri mill-obbligu li jimplimentaw id-Direttiva dwar l-Aċċess għas-Suq Ferrovjarju.

3. **Emendi tal-Parlament Ewropew**

Ir-risposta tal-Kunsill għall-Emendi 2, 3, 5, 6, 7 8, 9, 10, 11, 12 u 13 hija stabbilita hawn fuq fir-rigward tal-kwistjonijiet ċentrali.

Barra minn hekk, il-Kunsill aċċetta l-Emenda 2 fir-rigward tar-referenza għad-Direttiva 2004/49, l-Emenda 4 fir-rigward ta' li tissemma' l-ewwel proposta dwar l-Obbligi tas-Servizz Pubbliku tal-Kummissjoni ta' Lulju 2000, u l-Emenda 7 b'mod sħiħ.

Il-Kunsill ma jaċċettax l-Emenda 4 fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' Pożizzjoni Komuni dwar il-proposta dwar l-Obbligi tas-Servizz Pubbliku u l-Emenda 6 fir-rigward ta' l-obbligu għall-Kummissjoni li tippreżenta valutazzjoni ta' impatt dwar il-ftuħ tar-rettikolati għal servizzi nazzjonali għall-passiġġieri sa l-2005.

III. **KONKLUŻJONI**

Wara konsiderazzjoni bir-reqqa ta' l-opinjoni tal-Parlament, il-Kunsill wasal għal Pożizzjoni Komuni li tirrifletti bilanċ bejn il-ftuħ tas-suq għal servizzi ferrovjarji internazzjonali għall-passiġġieri, fuq naħa waħda, u s-salvagwardja ta' servizzi pubbliċi ta' trasport, fuq in-naħa l-oħra. Permezz ta' dan il-bilanċ, il-Kunsill uża bosta Emendi importanti tal-Parlament. Filwaqt li l-Kunsill ma rnexxielux jaċċetta b'mod sħiħ l-approċċ tal-Parlament għall-pass ta' l-għoti ta' drittijiet ta' aċċess, il-Pożizzjoni Komuni tistabbilixxi skeda, li tippermetti kemm operaturi kif ukoll awtoritajiet li jippreparaw il-ftuħ tas-suq għal servizzi ferrovjarji għall-passiġġieri b'mod xieraq.

*ANNESS I*

**DIKJARAZZJONI TAL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI GĦALL-INKLUŻJONI FIL-MINUTI TAL-KUNSILL**

Fil-kisba ta' ftehim politiku dwar pożizzjoni komuni dwar id-Direttiva li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-linji ferrovjarji tal-Komunità, il-Kunsill jaqbel ukoll dwar il-punti li ġejjin.

1. Il-ftuħ tas-suq ferrovjarju fil-Komunità jista' biss ikun milħuq pass pass u f 'konformità mat-talbiet tas-servizz pubbliku.

2. Dan iffisser li, għat-trasport tal-passiġġieri, il-ftuħ tas-suq permezz tal-proposti leġislattivi attwali jikkonċerna biss is-servizzi ferrovjarji internazzjonali għa;l-passiġġieri, inkluż il-kabotaġġ, u mhux servizzi domestiċi tal-passiġġieri.

3. Ir-regolament futur dwar it-trasport pubbliku tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq, li l-għan ewlieni tiegħu hu li jistabbilixxi l-qafas legali għall-kumpens ta' kuntratti tas-servizz pubbliku, aktar milli l-ftuħ tas-suq għal servizzi ferrovjarji, għandu jippermetti l-għoti dirett ta' kuntratti ta' servizz pubbliku għal servizzi ferrovjarji; u li tali għoti dirett m'għandux jeħtieġ xi ftuħ ulterjuri tas-suq tas-servizzi ferrovjarji għall-passiġġieri lil hinn minn dak li ġie miftiehem fid-Direttiva li temenda d-Direttiva 91/440.

4. Bl-istess mod, iż-żamma tal-possibbiltà għall-awtoritajiet pubbliċi li jipprovdu għall-operat ta' rettikolati ta' ferroviji integrati hija kwistjoni ta' importanza għall-Kunsill li jinnota li din tista' teħtieġ li r-Regolament PSO jipprovdi għall-għoti dirett ta' kuntratti għal tali rettikolati.

5. Ser ikun meħtieġ li tiġi żgurata l-koerenza bejn id-Direttiva li temenda d-Direttiva 91/440 u r-Regolament PSO fil-qafas ta' diskussjonijiet futuri dwar ir-Regolament, sabiex tiġi provduta aktar kjarezza legali.

6. Il-kwistjonijiet li ser jeħtieġu jiġu ċċarati waqt li jintlaħaq ftehim dwar ir-Regolament PSO jinkludu, b'mod partikolari:

   — id-definizzjoni ta' trasport bil-ferrovija ta' distanza twila, urban u reġjonali, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' awtoritajiet kompetenti differenti;

   — id-determinazzjoni tar-responsabbiltà biex jiġu ffinanzjati kuntratti internazzjonali ta' servizzi pubbliċi;

   — l-iskala ta' investiment fil-kalkolu tat-tul tal-kuntratti ta' servizz pubbliku.

7. Il-Kunsill jimpenja ruħu li jipprova jsib ftehim politiku dwar ir-Regolament PSO mill-iktar fis possibbli fl-2006. Progress sinifikanti jeħtieġ li jintlaħaq fis-sitt xhur li ġejjin, b'attenzjoni partikolari mogħtija għall-prinċipji ġenerali ta' trasparenza, sussidjarjetà u kjarezza legali.

*ANNESS II*

## DIKJARAZZJONI MID-DELEGAZZJONI PORTUGIŻA

Il-Portugall itenni l-appoġġ tiegħu għall-objettiv ta' liberalizzazzjoni ta' trasport ferrovjarju u għalhekk qed jivvota favur id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità.

Madankollu, hu jiddispjaċih dwar l-approvazzjoni ta' Artikolu (8)3f li tippermetti Stati Membri li jimponu imposta ġdida fuq servizzi ferrovjarji internazzjonali għall-passiġġieri sabiex tikkontribwixxi għal kuntratti ta' servizz pubbliku.

Din is-soluzzjoni leġislattiva ser tnaqqas l-iżvilupp normali tas-suq Ewropew u ser taffettwa l-aċċess għall-passiġġieri minn Stati Membri periferiċi għar-reġjuni oħra ta' l-Ewropa. Barra minn hekk, hija kuntrarja għall-promozzjoni ta' *modal shift*, wieħed mill-objettivi prinċipali tal-politika Komunitarja għas-settur.

Il-Portugall jittama li matul l-istadju li jmiss tal-proċedura leġislattiva ta' kodeċiżjoni, din id-dispożizzjoni tista' tiġi riveduta biex ittaffi l-effetti negattivi li jista' jkollha fuq il-liberalizzazzjoni ta' trasport internazzjonali għall-passiggieri.

*ANNESS III*

## DIKJARAZZJONI MIL-LITWANJA LI GĦANDHA TIDDAĦĦAL FIL-MINUTI TAL-KUNSILL

Il-Litwanja tifhem li d-dispożizzjonijiet provduti fid-dokument 14737/05 ADD 1 taħt l-Art 1 (0), (2a) u l-Art. 1a (0a), (0aa) huma konsistenti b'mod sħiħ mar-Regolament tal-Kunsill nru 693/2003 ta' l-14 ta' April 2003 li jistabbilixxi Dokument għal Transitu bil-Ferrovija Faċilitat speċifiku.

# POŻIZZJONI KOMUNI (KE) Nru 21/2006

## adottata mill-Kunsill fl-14 ta' Settembru 2006

## bil-ħsieb li jadotta Direttiva 2006/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'… dwar iċ-ċertifikazzjoni tax-xufiera tal-ferroviji li qed joperaw il-ferroviji u l-lokomotivi fuq il-linji tal-ferroviji fil-Komunità

(2006/C 289 E/03)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità ([4]) teħtieġ mill-amministraturi ta' l-infrstruttura u impriżi ferrovjarji li jistabbilixxu s-sistemi tagħhom ta' l-immaniġġar tas-sigurtà b'tali mod li s-sistema tal-ferroviji tkun għall-inqas kapaċi tilħaq miri komuni ta' sigurtà u tikkonforma mar-regoli ta' sigurtà u r-rekwiżiti ta' sigurtà nazzjonali definiti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà (*TSIs*) u li jiġu applikati l-partijiet relevanti tal-metodi komuni ta' sigurtà. Dawn is-sistemi ta' mmaniġġar tas-sigurtà jipprevedu, fost affarijiet oħra, programmi ta' taħriġ tal-persunal u sistemi li jiżguraw li tinżamm il-kompetenza tal-persunal u li d-dmirijiet jitwettqu bil-mod xieraq.

(2) Id-Direttiva 2004/49/KE tipprevedi li impriża ferrovjarja għandha jkollha ċertifikat ta' sigurtà sabiex tkun tista' tingħata aċċess għall-infrastruttura tal-ferroviji,.

(3) Skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità ([5]), l-impriżi ferrovjarji li jkollhom liċenzja għandhom, mill-15 ta' Marzu 2003, dritt ta' aċċess għar-retikolat tal-merkanzija trans-Ewropew għas-servizzi tal-merkanzija bil-ferroviji internazzjonali u, mill-2007 l-aktar tard, sejrin ikollhom dritt ta' aċċess għar-retikolat kollu fir-rigward tas-servizzi tal-merkanzija domestiċi u internazzjonali. Din l-estensjoni gradwali ta' drittijiet ta' aċċess sejra twassal inevitabbilment għal żieda fil-moviment ta' sewwieqa tal-ferroviji bejn fruntieri nazzjonali. Ir-riżultat sejjer ikun ta' domanda dejjem tikber għal sewwieqa mħarrġa u ċċertifikati sabiex joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed.

(4) Studju li sar mill-Kummissjoni fl-2002 wera biċ-ċar il-fatt li l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-kondizzjonijiet ta' ċertifikazzjoni għas-sewwieqa tal-ferroviji ivarjaw b'mod konsiderevoli. Għandhom għalhekk jiġu adottati regoli Komunitarji għaċ-ċertifikazzjoni tas-sewwieqa tal-ferroviji sabiex jitneħħew dawn id-differenzi filwaqt li jinżamm il-livell għoli attwali ta' sigurtà tas-sistema tal-ferroviji fil-Komunità.

(5) Tali regoli Komunitarji għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-għanijiet tal-linji politiċi Komunitarji dwar il-libertà ta' moviment tal-ħaddiema, il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà fil-provvista ta' servizzi fil-kuntest tal-politika komuni ta' trasport, filwaqt li tiġi evitata kull distorsjoni tal-kompetizzjoni.

(6) L-iskop ta' dawn id-dispożizzjonijiet komuni għandu jkun fuq kollox li jagħmilha aktar faċli għas-sewwieqa tal-ferroviji li jiċċaqalqu minn Stat Membru għal ieħor, iżda wkoll li jagħmilha aktar faċli għalihom li jiċċaqalqu minn impriża ferrovjarja għal oħra, u ġeneralment li l-liċenzja u ċ-ċertifikat komplementari armonizzat ikunu rikonoxxuti mill-partijiet interessati kollha fis-settur tal-ferroviji. Għal dan il-għan, huwa essenzjali li d-dispożizzjonijiet jistabbilixxu rekwiżiti minimi li l-applikanti għandhom jissodisfaw sabiex jiksbu liċenzja jew ċertifikat komplementari armonizzat.

(7) Anke jekk Stat Membru jeskludi mill-ambitu ta' din id-Direttiva sewwieqa li joperaw esklussivament fuq ċerti kategoriji ta' sistemi, retikolati u infrastruttura ferrovjarji, dan m'għandu bl-ebda mod jillimita l-obbligu ta' dak l-Istat Membru li jirrispetta l-validità ta' liċenzji fit-territorju kollu ta' l-Unjoni Ewropea jew ta' ċertifikati komplementari armonizzati fuq l-infrastruttura relevanti.

(8) Ir-rekwiżiti għandhom ikopru mill-inqas l-età minima sabiex tinstaq ferrovija, il-kondizzjoni fiżika u psikoloġika fuq ix-xogħol ta' l-applikant, l-esperjenza professjonali u l-konoxxenza ta' ċerti materji marbuta mas-sewqan ta' ferrovija, konoxxenza ta' l-infrastrutturi li fuqhom huwa jkun meħtiea jopera u tal-lingwa użati fuqhom.

([1]) ĠU C 221, 8.9.2005, p. 64.
([2]) ĠU C 71, 22.3.2005, p. 26.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-28.09.2005 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2006 u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' … (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) ĠU L 164, 30.04.2004, p. 44.
([5]) ĠU L 237, 24.08.1991, p. 25. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 164).

(9) Sabiex tiżdied l-effikaċja tiegħu *vis-à-vis* l-ispiża tiegħu, it-taħriġ li s-sewwieqa tal-ferroviji għandhom jieħdu sabiex jiksbu ċertifikat komplementari armonizzat għandu jiffoka, sal-punt li dan ikun possibbli u mixtieq mill-aspett tas-sigurtà, fuq is-servizzi partikolari li s-sewwieq irid iwettaq, bħal, per eżempju, trasferiment ta' ferroviji (*shunting*), servizzi ta' manutenzjoni, servizzi relatati ma' passiġġieri jew ma' merkanzija. Meta ssir il-valutazzjoni ta' l-implementazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") għandha tistma l-ħtieġa ta' l-emendamentt tar-rekwiżiti ta' taħriġ speċifikati fl-Anness sabiex jirriflettu aħjar l-istruttura ġdida emerġenti tas-suq.

(10) L-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi ta' l-infrastruttura li joħorġu ċertifikati komplementari armonizzati jistgħu, huma stess, jipprovdu taħriġ għal tagħrif professjonali ġenerali, konoxxenza lingwistika, tagħrif dwar tagħmir mobbli u dwar l-infrastruttura. Madankollu, fir-rigward ta' l-eżamijiet, kwalunkwe konflitt ta' interessi għandu jiġi evitat mingħajr preġudizzju għall-fatt li eżaminatur jista' jappartjeni għall-impriża ferrovjarja jew għall-amministratur ta' l-infrastruttura li joħorġu ċ-ċertifikat komplementari armonizzat.

(11) Qegħdin jiġu żviluppati kompetenzi tal-persunal u kondizzjonijiet ta' saħħa u sigurtà fil-kuntest tad-direttivi ta' interoperabbiltà, b'mod partikolari bħala parti mill-"ġestjoni tat-traffiku u operazzjoni" tat-*TSIs*. Hemm il-ħtieġa li tiġi żgurata koerenza bejn dawn it-*TSIs* u l-Annessi ma' din id-Direttiva. Dan jinkiseb permezz ta' emendi li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni taħt proċedura ta' Kumitat, abbażi ta' opinjoni mogħtija mill-istess Kumitat.

(12) Ir-rekwiżiti li jappartjenu għal-liċenzji u għaċ-ċertifikati komplementari armonizzati kif previsti f'din id-Direttiva għandhom jikkonċernaw biss il-kondizzjonijiet legali li jagħtu d-dritt lil sewwieq li jsuq ferrovija. Ir-rekwiżiti l-oħrajn kollha, kompatibbli mal-leġiżlazzjoni Komunitarja u applikati b'mod non-diskriminatorju, li jirrigwardaw l-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi ta' l-infrastruttura, l-infrastruttura u t-tagħmir mobbli għandhom jiġu ugwalment rispettati qabel ma sewwieq ikun jista' jsuq ferrovija fuq infrastruttura speċifika.

(13) Din id-Direttiva m'għandhiex tippreġudika l-implementazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropewu tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* ([1]), u lanqas tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-*data* ([2]).

(14) Sabiex ikunu garantiti l-uniformità u t-trasparenza meħtieġa, il-Komunità għandha tistabbilixxi mudell wieħed ta' ċertifikazzjoni, rikonoxxut b'mod reċiproku mill-Istati Membri, li jservi bħala prova kemm tal-konformità tas-sewwieq tal-ferrovija ma' ċerti kondizzjonijiet minimi, kif ukoll tal-kwalifiki professjonali u tal-konoxxenza lingwistika tagħhom, filwaqt li l-ħruġ ta' liċenzji jitħalla f'idejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri u l-ħruġ ta' ċertifikati komplementari armonizzati f'idejn l-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi ta' l-infrastrutturi.

(15) L-Aġenzija għandha teżamina wkoll l-użu ta' *smartcard* minflok liċenzja u ċertifikati komplementari armonizzati. Tali *smartcard* ikollha l-vantaġġ li tikkombina dawn iż-żewġ elementi f'ħaġa waħda u fl-istess ħin tkun tista' tintuża għal applikazzjonijiet oħra fis-settur tas-sigurtà jew għal finijiet ta' l-ġestjoni tas-sewwieqa.

(16) L-informazzjoni kollha kontenuta fil-liċenzji, fiċ-ċertifikati komplementari armonizzat, u fir-reġistri ta' liċenzji u ta' ċertifikati komplementari armonizzati, għandha tintuża mill-awtoritajiet tas-sigurtà sabiex tkun faċilitata il-valutazzjoni tal-proċess ta' ċertifikazzjoni tal-persunal prevista fl-Artikoli 10 u 11 tad-Direttiva 2004/49/KE u sabiex jitħaffef il-ħruġ taċ-ċertifikati ta' sigurtà previsti fl-istess artikoli.

(17) L-impjieg ta' sewwieqa tal-ferroviji ċertifikati skond din id-Direttiva ma għandux jeżonera lill-impriżi ferrovjarji u lill-amministraturi ta' l-infrastrutturi mill-obbligu tagħhom li jistabbilixxu sistema ta' monitoraġġ u ta' kontroll intern tal-kompetenza u l-imġieba tas-sewwieqa tal-ferroviji tagħhom skond l-Artikolu 9 u l-Anness III tad-Direttiva 2004/49/KE u għandu jifforma parti minn dik is-sistema. Iċ-ċertifikat komplementari armonizzat ma għandu jeżonera la lill-impriżi ferrovjarji u lanqas lill-amministraturi ta' l-infrastrutturi mir-responsabbiltà tagħhom għas-sigurtà u, b'mod partikolari, tat-taħriġ tal-persunal tagħhom.

(18) Ċerti kumpanniji jipprovdu s-servizzi ta' sewwieqa lil impriżi ferrovjarji u amministraturi ta' infrastrutturi. F'tali każijiet, ir-responsabbiltà sabiex jiġi żgurat li sewwieq ikollu l-liċenzja u ċ-ċertifikat konformement ma' din id-Direttiva għandha taqa' fuq l-impriża ferrovjarja jew fuq l-amministratur ta' l-infrastruttura li jqabbdu b'kuntratt lis-sewwieq.

(19) Sabiex it-trasport bil-ferroviji jibqa' jaħdem b'mod effettiv, is-sewwieqa tal-ferroviji li diġà jaħdmu f'dik il-professjoni qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva għandhom iżommu d-drittijiet miksuba tul perjodu ta' transizzjoni.

(20) Għandhom jiġu evitati piżijiet amministrattivi u finanzjarji bla ħtieġa meta jiġu sostitwiti l-awtorizzazzjonijiet għas-sewqan maħruġa lil sewwieqa qabel l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet relevanti ta' din id-Direttiva b'ċertifikati komplementari armonizzati u liċenzji li jkunu konformi ma' din id-Direttiva. Għalhekk, id-drittijiet ta' sewqan mogħtija qabel lil sewwieq għandhom jiġu protetti kemm jista' jkun. Għandu jittieħed kont tal-kwalifiki u l-esperjenza ta' kull sewwieq, jew grupp ta' sewwieqa,

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

([2]) ĠU L 8, 12.01.2001, p. 1.

mill-entitajiet emittenti meta l-awtorizzazzjonijiet ikollhom jiġu sostitwiti. L-entità emittenti għandha tiddeċiedi, abbażi tal-kwalifiki u/jew ta' l-esperjenza, jekk ikunx meħtieġ li sewwieq jew grupp ta' sewwieqa jagħmlu xi eżami u/jew taħriġ addizzjonali qabel ma jkunu jistgħu jirċievu l-liċenzji sostitwenti u ċ-ċertifikati komplementari armonizzati tagħhom. Għalhekk, għandha tkun l-entità emittenti li tiddeċiedi jekk il-kwalifiki u/jew l-esperjenza humiex suffiċjenti għall-ħruġ tal-liċenzji u ċ-ċertifikati komplementari armonizzati meħtieġa, mingħajr ebda ħtieġa ta' eżami jew taħriġ ulterjuri.

(21) Għandhom jiġu evitati piżijiet amministrattivi u finanzjarji bla ħtieġa meta sewwieqa tal-ferroviji jibdlu lil min jimpjegahom. Impriża ferrovjarja li tħaddem lil sewwieq għandha tieħu kont tal-kompetenzi miksuba qabel u għandha tiddispensa kemm jista' jkun mill-ħtieġa ta' eżamijiet u taħriġ addizzjonali.

(22) Din id-Direttiva m'għandha tagħti ebda dritt ta' rikonoxximent reċiproku dwar drittijiet ta' sewqan li sewwieqa jkun ġabu qabel l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, għalkemm mingħajr preġudizzju għall-iskema ġenerali ta' rikonoxximent reċiproku mwaqqfa taħt id-Direttiva 2005/36 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali ([1]), li għandha tibqa' tapplika sa l-aħħar tal-perjodu ta' transizzjoni.

(23) Il-miżuri neċessarji għall-implementazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implementazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([2]).

(24) Skond il-paragrafu 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet ([3]), l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom stess, li jillustraw, sa fejn ikun possibbli, il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u jagħmluhom pubbliċi.

(25) L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal kontrolli dwar il-konformità ma' din id-Direttiva u għat-teħid ta' azzjoni xierqa fejn sewwieq jikser xi dispożizzjoni ta' din id-Direttiva.

(26) L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal penali xierqa għal ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplementaw din id-Direttiva.

(27) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri t-twaqqif ta' qafas regolatorju komuni għaċ-ċertifikazzjoni tas-sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji għat-trasport ta' passiġġieri u merkanzija ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri, u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' din id-Direttiva, jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(28) Jista' jirriżulta xieraq, għall-finijiet ta' l-effikaċja *vis-à-vis* in-nefqa, li għal perjodu limitat ta' żmien sewwieqa li jaħdmu esklussivament fuq it-territorju ta' Stat Membru wieħed jiġu eżentati mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jirrigwardaw l-obbligu għal tali sewwieqa li jkollhom liċenzji u ċertifikati komplementari armonizzati konformement ma' din id-Direttiva. Il-kondizzjonijiet li jirregolaw kwalunkwe eżenzjoni bħal dawn għandhom jiġu definiti b'mod ċar.

(29) Stat Membru li ma jkollux sistema tal-ferroviji, u l-ebda propsettiva immedjata li jkollu waħda, ikun sottopost għal obbligu sproporzjonat u bla fini kieku kellu jittrasponi u jimplementa d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Għalhekk, tali Stat Membru għandu jiġi eżentat, sa fejn ma jkollux sistema tal-ferroviji, mill-obbligu li jittrasponi u jimplementa din id-Direttiva,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

## GĦAN, AMBITU TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1*

### Għan

Din id-Direttiva tistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni tas-sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema tal-ferroviji fil-Komunità. Tispeċifika l-kompiti li għalihom huma responsabbli l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, is-sewwieqa tal-ferroviji u l-partijiet interessati l-oħra fis-settur, b'mod partikolari l-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi ta' l-infrastrutturi u ċ-ċentri ta' taħriġ.

*Artikolu 2*

### Ambitu ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tapplika għal sewwieqa ta' ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema tal-ferroviji tal-Komunità għal impriża ferrovjarja li teħtieġ ċertifikat ta' sigurtà jew amministratur ta' l-infrastruttura li jeħtieġ awtorizzazzjoni ta' sigurtà.

2. L-Istati Membri m'għandhomx, abbażi ta' dispożizzjonijiet nazzjonali relattivi għal persunal ieħor abbord ferroviji tal-merkanzija, iżommu ferroviji tal-merkanzija milli jaqsmu fruntieri jew jipprovdu trasport domestiku fit-territorju tagħhom.

([1]) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.
([2]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
([3]) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

3. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6, l-Istati Membri jistgħu jeskludu, mill-miżuri li jadottaw fl-implementazzjoni ta' din id-Direttiva, sewwieqa tal-ferroviji li joperaw esklussivament fuq:

a) metro, trammijiet u sistemi minuri oħra ta' ferrovija;

b) retikolati li huma funzjonalment separati mill-bqija tas-sistema tal-ferrovija u huma intiżi biss għall-operazzjoni tas-servizzi lokali, urbani jew suburbani ta' passiġġieri u ta' merkanzija.

ċ) infrastrutturi ferrovjarji tal-privat li jeżistu biss għall-użu mis-sidien ta' l-infrastrutturi għall-operazzjonijiet ta' ġarr ta' merkanzija tagħhom stess;

d) partijiet ta' linji li jkunu magħluqin temporanjament għat-traffiku normali għal finijiet ta' manutenzjoni, tiġdid jew titjib tas-sistema ferrovjarja.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

a) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità ta' sigurtà msemmija fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2004/49/KE;

b) "sewwieq tal-ferroviji" tfisser persuna kapaċi u awtorizzata sabiex issuq ferroviji, inklużi lokomotivi, lokomotivi ta' trasferiment, ferroviji tax-xogħol, vetturi ferrovjarji għall-manutenzjoni jew ferroviji għat-trasport ta' passiġġieri jew ta' merkanzija b'mod awtonomu, responsabbli u mingħajr periklu;

ċ) "sistema tal-ferroviji" tfisser is-sistema magħmula mill-infrastrutturi tal-ferroviji, li tinkludi l-linji u l-installazzjonijiet fissi tas-sistema tal-ferrovija kif ukoll it-tagħmir mobbli tal-kategoriji kollha u ta' kull oriġini li jivjaġġaw fuq dik l-infrastruttura, kif definita fid-Direttiva 96/48/KE tat-23 ta' Lulju 1996 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema trans-Ewropea ta' ferroviji ta' veloċità kbira ([1]) u d-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ta' ferroviji konvenzjonali ([2]);

d) "amministratur ta' l-infrastruttura" tfisser kwalunkwe entità jew impriża li tkun responsabbli partikolarment mit-twaqqif u l-manutenzjoni ta' infrastrutturi ferrovjarji, jew ta' parti minnhom, kif definit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 91/440/KEE, li jistgħu jinkludu wkoll l-immaniġġar tas-sistemi ta' kontroll u ta' sigurtà ta' l-infrastruttura. Il-funzjonijiet ta' l-amministratur ta' l-infrastruttura fuq retikolat jew parti minn retikolat jistgħu jiġu allokati lil entitajiet jew impriżi differenti;

e) "impriża ferrovjarja" tfisser kwalunkwe impriża ferrovjarja kif definit fid-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' l-infrastruttura ferrovjarja u l-impożizzjoni ta' piżijiet għall-użu ta' l-infrastruttura ferrovjarja ([3]), jew kwalunkwe impriża pubblika jew privata oħra, li l-attività tagħha tkun li tipprovdi t-trasport bil-ferrovija ta' merkanzija u/jew passiġġieri abbażi li l-impriża għandha tiżgura l-lokomozzjoni. It-terminu jinkludi wkoll impriżi li jipprovdu lokomozzjoni biss;

f) "speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà" jew "*TSIs*" tfisser l-ispeċifikazzjonijiet li bihom hija koperta kull sub-sistema jew parti minn sub-sistema sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali u sabiex tiġi assigurata l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-ferroviji trans-Ewropej b'veloċità għolja u konvenzjonali kif definita fid-Direttiva 96/48/KE u fid-Direttiva 2001/16/KE;

g) "Aġenzija" tfisser l- Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji ([4]);

h) "ċertifikat ta' sigurtà" tfisser iċ-ċertifikat maħruġ lil impriża ferrovjarja minn awtorità ta' sigurtà skond l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2004/49/KE;

i) "ċertifikat" tfisser iċ-ċertifikat komplementari armonizzat li jindika l-infrastruttura li fuqha jkun awtorizzat li jsuq id-detentur u t-tagħmir mobbli li d-detentur ikun awtorizzat li jsuq;

j) "awtorizzazzjoni ta' sigurtà" tfisser iċ-ċertifikat maħruġ lil amministratur ta' infrastruttura minn awtorità ta' sigurtà skond l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2004/49/KE;

k) "ċentru ta' taħriġ" tfisser entità akkreditata jew rikonoxxuta mill-awtorità kompetenti sabiex tagħti korsijiet ta' taħriġ.

KAPITOLU II

**ĊERTIFIKAZZJONI TA' SEWWIEQA**

*Artikolu 4*

**Mudell Komunitarju ta' ċertifikazzjoni**

1. Is-sewwieqa kollha tal-ferroviji għandhom ikunu idonei u jkollom il-kwalifiki meħtieġa u fil-pussess tagħhom għandhom ikollhom id-dokumenti li ġejjin:

a) liċenzja li turi li s-sewwieq jissodisfa l-kondizzjonijiet minimi fir-rigward ta' rekwiżiti mediċi, edukazzjoni bażika u ħiliet professjonali ġenerali. Il-liċenzja għandha tidentifika s-sewwieq u l-awtorità tal-ħruġ u għandha tindika l-perjodu tal-validità tagħha. Il-liċenzja għandha tkun konformi mar-rekwiżiti ta' l-Anness I, sa meta jiġi adottat il-mudell Komunitarju ta' ċertifikazzjoni kif previst fil-paragrafu 4;

b) ċertifikat wieħed jew aktar li jindikaw l-infrastrutturi li fuqhom ikun awtorizzat li jsuq id-detentur u li jindikaw it-tagħmir mobbli li d-detentur ikun awtorizzat li jsuq. Kull ċertifikat għandu jkun konformi mar-rekwiżiti ta' l-Anness I.

([1]) ĠU L 235, 17.9.1996, p. 6. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 114).

([2]) ĠU L 110, 20.4.2001, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/50/KE

([3]) ĠU L 75, 15.3.2001, p. 29. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/49/KE

([4]) ĠU L 164, 30.4.2004, p. 1. Verżjoni korretta fil-ĠU L 220, 21.6.2004, p. 3.

2. Madankollu, ir-rekwiżit tal-pussess ta' ċertifikat għal xi parti speċifika ta' infrastruttura ma għandux japplika fil-każijiet eċċezzjonali elenkati hawn taħt, sakemm ikun hemm sewwieq ieħor tal-ferrovija li jkollu ċertifikat validu għall-infrastruttura konċernata, ma' ġenb is-sewwieq matul is-sewqan:

a) meta xi disturb fis-servizz tal-ferrovija jeħtieġ id-devjazzjoni ta' ferroviji jew il-manutenzjoni tal-linji, kif speċifikat mill-amministratur ta' l-infrastruttura;

b) għal servizzi eċċezzjonali, ta' darba, li jużaw ferroviji storiċi;

ċ) għal servizzi eċċezzjonali, ta' darba, ta' ġarr ta' merkanzija, suġġett għall-kunsens ta' l-amministratur ta' l-infrastruttura;

d) għall-konsenja jew dimostrazzjoni ta' ferrovija jew lokomotiva ġdida;

e) għal finijiet ta' taħriġ u ta' eżami ta' sewwieqa.

L-użu ta' din il-possibbiltà għandha tkun deċiżjoni ta' l-impriża ferrovjarja u ma tistax tiġi imposta mill-amministratur ta' l-infrastrattura relevanti jew mill-awtorità kompetenti.

Kull meta jiġi utilizzat sewwieq addizzjonali kif previst hawn fuq, l-amministratur ta' l-infrastruttura għandu jiġi mgħarraf minn qabel.

3. Iċ-ċertifikat għandu jawtorizza sewqan f'waħda jew aktar minn dawn il-kategoriji:

a) kategorija A: lokomotivi ta' trasferiment, ferroviji tax-xogħol, vetturi ta' manutenzjoni tal-ferroviji u lokomotivi użati għal trasferimenti;

b) kategorija B: ġarr ta' passiġġieri u/jew ta' merkanzija.

Ċertifikat jista' jkollu awtorizzazzjoni għall-kategoriji kollha, u jkopri l-kodiċijiet kollha kif imsemmi fil-paragrafu 4.

4. Sa … (*), il-Kummissjoni għandha tadotta, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2), u abbażi ta' abbozz preparat mill-Aġenzija, mudell Komunitarju għal-liċenzja, għaċ-ċertifikat u għall-kopja awtentikata taċ-ċertifikat, kif ukoll tiddetermina l-karatteristiċi fiżiċi tagħhom. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tieħu kont miżuri ta' kontra l-frodi.

Sa … (*), il-Kummissjoni għandha tadotta l-Kodiċijiet Komunitarji għat-tipi differenti fil-kategoriji A u B kif imsemmi fil-paragrafu 3, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2), abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Aġenzija.

*Artikolu 5*

## Miżuri kontra l-frodi

L-awtoritajiet kompetenti u l-entitajiet tal-ħruġ għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiġu evitati r-riskji ta' falsifikazzjoni ta' liċenzji u ċertifikati u ta' tbagħbis fir-reġistri previsti fl-Artikolu 22.

(*) Sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 6*

## Drittijiet proprjetarji, lingwa u entitajiet emittenti

1. Il-liċenzja għandha tkun il-proprjetà tad-detentur tagħha u għandha tinħareġ mill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 2, punt (a). Fejn awtorità kompetenti jew l-aġent tagħha joħroġu liċenzja b'lingwa nazzjonali li ma tkunx lingwa Komunitarja, għandhom ifasslu verżjoni bilingwi tal-liċenzja li tinkludi waħda mil-lingwi Komunitarji.

2. Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ mill-impriża ferrovjarja jew mill-amministratur ta' l-infrastruttura li jimpjega jew iqabbad b'kuntratt lis-sewwieq. Iċ-ċertifikat għandu jkun il-proprjetà ta' l-impriża jew ta' l-amministratur li joħorġuh. Madankollu, skond l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 2004/49/KE, is-sewwieqa għandhom ikunu intitolati li jakkwistaw kopja awtentikata. Fejn impriża ferrovjarja jew amministratur ta' infrastruttura joħroġu ċertifikat b'lingwa nazzjonali li ma tkunx lingwa Komunitarja, għandhom ifasslu verżjoni bilingwi taċ-ċertifikat bl-użu ta' waħda mil-lingwi Komunitarji.

*Artikolu 7*

## Validità ġeografika

1. Il-liċenzji għandhom ikunu validi fit-territorju kollu tal-Komunità.

2. Iċ-ċertifikati għandhom ikunu validi biss fuq dawk l-infrastrutturi u t-tagħmir mobbli identifikati fuqu.

*Artikolu 8*

## Rikonoxximent tad-dokumenti ta' ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji minn pajjiżi terzi

Id-dokumenti ta' ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji minn pajjiżi terzi li joperaw esklussivament f'taqsimiet ta' qsim tal-fruntiera ta' Stat Membru jistgħu jiġu rikonoxxuti minn dak l-Istat Membru skond kwalunkwe ftehim bilaterali mal-pajjiż terz in kwistjoni.

KAPITOLU III

## KONDIZZJONIJIET SABIEX JINKISBU L-LIĊENZJA U Ċ-ĊERTIFIKAT

*Artikolu 9*

## Rekwiżiti minimi

1. Sabiex jiksbu liċenzja, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi mniżżla fl-Artikoli 10 u 11. sabiex jiksbu ċertifikat u sabiex dan jibqa' validu, l-applikanti għandhom ikollhom liċenzja u jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Artikoli 12 u 13.

2. Stat Membru jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fir-rigward tal-ħruġ ta' liċenzji fuq it-territorju tiegħu. Madankollu, huwa għandu jirrikonoxxi liċenzji maħruġa minn Stati Membri oħra skond l-Artikolu 7.

*TAQSIMA I*

***Liċenzja***

*Artikolu 10*

**Età minima**

L-Istati Membri għandhom jippreskrivu l-età minima ta' l-applikanti għal-liċenzja, li għandha tkun mill-inqas ta' 20 sena. Madankollu, Stat Membru jista' joħroġ liċenzji lil applikanti mill-età ta' 18-il sena, u l-validità ta' tali liċenzja tkun limitata għat-territorju ta' l-Istat Membru emittenti.

*Artikolu 11*

**Rekwiżiti bażiċi**

1. L-applikanti għandhom ikunu lestew b'suċċess mill-inqas disa' snin ta' edukazzjoni (primarja u sekondarja) u jkunu temmew b'suċċess taħriġ bażiku ekwivalenti għal-livell 3 imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 85/368/KEE tas-16 ta' Lulju 1985 dwar il-komparabbiltà tal-kwalifiki ta' taħriġ professjonali bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea ([1]).

2. L-applikanti għandhom jipprovdu konferma tal-kondizzjoni fiżika tagħhom billi jgħaddu minn eżami mediku li jitmexxa minn, jew taħt is-superviżjoni ta' — kif deċiż mill-Istat Membru — tabib rikonoxxut jew akkreditat skond l-Artikolu 20. L-eżami għandu jkopri għall-inqas il-kriterji indikati fit-Taqsimiet 1.1, 1.2, 1.3 u 2.1 ta' l-Anness II.

3. L-applikanti għandhom juru l-idoneità psikoloġika tagħhom għax-xogħol billi jgħaddu minn eżami li jitmexxa minn, jew taħt is-superviżjoni ta' — kif deċiż mill-Istat Membru — psikologu jew tabib rikonoxxut jew akkreditat skond l-Artikolu 20. L-eżami għandu jkopri għall-inqas il-kriterji indikati fit-Taqsima 2.2 ta' l-Anness II.

4. L-applikanti għndhom ikunu wrew il-kompetenza professjonali ġenerali tagħhom billi jgħaddu minn eżami li jkopri għall-inqas is-suġġetti ġenerali elenkati fl-Anness IV.

*TAQSIMA II*

***Ċertifikat***

*Artikolu 12*

**Konoxxenza lingwistika**

Il-kriterju tal-konoxxenza lingwistika msemmi fl-Anness VI għandu jiġi sodisfatt għall-infrastruttura li għaliha ssir l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat.

*Artikolu 13*

**Kwalifiki professjonali**

1. L-applikanti għandhom ikunu għaddew minn eżami tal-konoxxenza u tal-kompetenza professjonali tagħhom firrigward tat-tagħmir mobbli li għalih ikunu jixtiequ jiksbu ċ-ċertifikat; dan l-eżami għandu jinkludi għall-inqas is-suġġetti ġenerali elenkati fl-Anness VI.

2. L-applikanti għandhom ikunu għaddew minn eżami tal-konoxxenza u tal-kompetenza professjonali tagħhom firrigward ta' l-infrastrutturi li għalihom ikunu jixtiequ jiksbu ċ-ċertifikat. Dan l-eżami għandu jkopri għall-inqas is-suġġetti ġenerali elenkati fl-Anness VII. Fejn xieraq, l-eżami għandu jkopri wkoll il-konoxxenza lingwistika skond it-Taqsima 8 ta' l-Anness VI.

3. L-applikanti għandhom jiġu mħarrġa mill-impriża ferrovjarja jew mill-amministratur ta' l-infrastruttura relattivament għas-sistema ta' l-immaniġġar tas-sigurtà prevista mid-Direttiva 2004/49.

KAPITOLU IV

**PROĊEDURA SABIEX JINKISBU L-LIĊENZJA U Ċ-ĊERTIFIKAT**

*Artikolu 14*

**Ksib ta' liċenzja**

1. L-awtorità kompetenti għandha tippubblika l-proċedura li għandha tiġi segwita sabiex tinkiseb liċenzja.

2. L-applikazzjonijiet kollha għal liċenzji għandhom jiġu preżentati lill-awtorità kompetenti mis-sewwieq kandidat jew minn kwalunkwe entità f'ismu.

3. L-applikazzjonijiet preżentati lill-awtorità kompetenti jistgħu ikunu għall-għoti ta' liċenzja ġdida, għall-aġġornament taddettalji tal-liċenzja, għat-tiġdid ta' liċenzja jew għad-duplikat ta' liċenzja.

4. L-awtorità kompetenti għandha toħroġ il-liċenzja kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn xahar minn meta tirċievi d-dokumenti kollha meħtieġa.

5. Il-liċenzja għandha tkun valida għal 10 snin, suġġett għall-Artikolu 16(1).

6. Il-liċenzja għandha tinħareġ f'oriġinali unika. Kwalunkwe duplikazzjoni ta' liċenzja, barra minn dik li ssir mill-awtorità kompetenti fejn jiġi mitlub duplikat, għandha tkun ipprojbita.

*Artikolu 15*

**Ksib ta' ċertifikat**

Kull impriża ferrovjarja u kull amministratur ta' infrastruttura għandhom jistabbilixxu l-proċeduri tagħhom stess għall-ħruġ jew l-aġġornament ta' ċertifikati skond din id-Direttiva, bħala parti mis-sistema ta' l-immaniġġar tas-sigurtà tagħhom, kif ukoll proċeduri ta' appell li jippermettu lis-sewwieqa jitolbu reviżjoni ta' deċiżjoni relatata mal-ħruġ, ma' l-aġġornament, mas-sospensjoni jew ma' l-irtirar ta' ċertifikat.

L-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi ta' l-infrastruttura għandhom jaġġornaw, mingħajr dewmien, ċertifikati kull meta d-detentur taċ-ċertifikat ikun ġab awtorizzazzjonijiet addizzjonali relattivament għat-tagħmir mobbli jew għall-infrastruttura.

([1]) ĠU L 199, 31.7.1985, p. 56.

*Artikolu 16*

**Kontrolli perjodiċi**

1. Sabiex liċenzja tibqa' valida, id-detentur tagħha għandu jgħaddi minn eżamijiet u/jew testijiet perjodiċi relatati mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 11. Fir-rigward ta' rekwiżiti mediċi, il-frekwenza minima għandha tiġi osservata skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 3.1 ta' l-Anness II. Dawn il-kontrolli mediċi għandhom isiru minn, jew taħt is-superviżjoni ta', tobba rikonoxxuti jew akkreditati skond l-Artikolu 20. Għal dak li jirrigwarda l-konoxxenza professjonali ġenerali, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 23(8).

Meta ġġedded liċenzja, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika fir-reġistru previst fl-Artikolu 22(1)(a) li s-sewwieq issodisfa r-rekwiżiti msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

2. Sabiex ċertifikat jibqa' validu, id-detentur tiegħu għandu joqgħod għal eżamijiet u/jew testijiet perjodiċi relatati mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 12 u 13. Il-frekwenza ta' dawn l-eżamijiet/testijiet għandha tiġi determinata mill-impriża ferrovjarja jew mill-amministratur ta' l-infrastruttura li jimpjegaw jew iqabbdu b'kuntratt lis-sewwieq skond is-sistema ta' immaniġġar tas-sigurtà tagħhom, u għandha tirrispetta l-frekwenzi minimi mogħtija fl-Anness VII.

Għal kull wieħed minn dawn il-kontrolli l-entità emittenti għandha tikkonferma b'dikjarazzjoni fuq iċ-ċertifikat u fir-reġistru previst fl-Artikolu 22(2)(a) li s-sewwieq issodisfa r-rekwiżiti msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

3. Fejn jonqos li jsir xi kontroll perjodiku jew fejn xi kontroll perjodiku jagħti riżultat negattiv, għandha tiġi applikata l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18.

*Artikolu 17*

**Waqfien ta' impjieg**

Meta sewwieq jieqaf mix-xogħol għal impriża ferrovjarja jew amministratur ta' infrastruttura, dawn għandhom jinformaw lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.

Il-liċenzja għandha tibqa' valida, sakemm ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet fl-Artikolu 16(1).

Iċ-ċertifikat għandu jsir invalidu meta d-detentur tiegħu jieqaf jaħdem bħala sewwieq. Madankollu, id-detentur tiegħu għandu jirċievi kopja awtentikata tiegħu bħala prova tal-kompetenzi professjonali tiegħu. Meta jinħareġ ċertifikat lil sewwieq, l-impriża ferrovjarja jew l-amministratur ta' l-infrastruttura għandhom jieħdu kont ta' dawn il-kompetenzi.

*Artikolu 18*

**Monitoraġġ, minn impriżi ferrovjarji u amministraturi ta' l-infrastruttura, ta' sewwieqa**

1. L-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi ta' l-infrastrutturi għandhom ikunu meħtieġa jiżguraw, u jivverifikaw, li l-liċenzji u ċ-ċertifikati tas-sewwieqa li jimpjegaw jew li jqabbdu b'kuntratt ikunu validi.

Għandhom iwaqqfu sistema għall-monitoraġġ tas-sewwieqa tagħhom. Jekk ir-riżultati ta' tali monitoraġġ iqajmu xi dubbju dwar il-kompetenza ta' sewwieq fix-xogħol u dwar il-kontinwazzjoni tal-validità tal-liċenzja jew ċertikfikat tiegħu, l-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi ta' l-infrastruttura għandhom jieħdu immedjatament l-azzjoni meħtieġa.

2. Jekk sewwieq iqis li l-istat ta' saħħa tiegħu iqajjem xi dubbju dwar l-idoneità tiegħu għax-xogħol, għandu jinforma immedjatament lill-impriża ferrovjarja jew lill-amministratur ta' l-infrastruttura, skond il-każ.

Hekk kif impriża ferrovjarja jew l-amministratur ta' l-infrastruttura ikunu konxji jew jiġu informati minn tabib li s-saħħa ta' sewwieq marret lura tant li tkun dubbjuża l-idoneità fiżika tiegħu għax-xogħol, huma għandhom jieħdu immedjatament l-azzjoni meħtieġa, inkluż l-eżami deskritt fit-Taqsima 3.1 ta' l-Anness II. Barra minn hekk, għanhom jiżguraw li fl-ebda waqt fis-servizz tagħhom is-sewwieqa ma jkunu taħt l-influwenza ta' xi sustanza li aktarx tinċidi fuq il-konċentrazzjoni, l-attenzjoni jew il-komportament tagħhom. L-awtorità kompetenti għandha tiġi infurmata mingħajr dewmien dwar kwalunkwe każ ta' inkapaċità ta' xogħol ta' aktar minn tliet xhur.

KAPITOLU V

**KOMPITI U DEĊIŻJONIJIET TA' L-AWTORITÀ KOMPETENTI**

*Artikolu 19*

**Kompiti ta' l-awtorità kompetenti**

1. L-awtorità kompetenti għandha twettaq il-kompiti li ġejjin b'mod trasparenti u non-diskriminatorju:

a) il-ħruġ u l-aġġornament ta' liċenzji, l-għoti ta' duplikati, kif previst fl-Artikoli 6 u 14;

b) l-assigurazzjoni ta' kontrolli perjodiċi kif previst fl-Artikolu 16(1);

ċ) is-sospensjoni u l-irtirar ta' liċenzji, u n-notifika lill-entità emittenti dwar talbiet, li għandhom ikunu motivati, għas-sospensjoni ta' ċertifikati, kif previst fl-Artikolu 28;

d) jekk tinħatar għalhekk mill-Istat Membru, ir-rikonoxximent ta' persuni jew entitajiet kif previst fl-Artikoli 23 u 24;

e) l-assigurazzjoni tal-pubblikazzjoni u l-aġġornament ta' reġistru ta' persuni u entitajiet akkreditati jew rikonoxxuti kif previst fl-Artikolu 18;

f) l-assigurazzjoni li jinżamm u li jiġi aġġornat reġistru ta' liċenzji kif previst fl-Artikoli 16(1) u 22(1);

g) il-monitoraġġ tal-proċess ta' ċertifikazzjoni tas-sewwieqa kif previst fl-Artikolu 25;

h) it-twettiq ta' ispezzjonijiet kif previst fl-Artikolu 28;

i) l-istabbiliment ta' kriterji nazzjonali għal eżaminaturi kif previst fl-Artikolu 24(5).

L-awtorità kompetenti għandha twieġeb malajr għal talbiet għal informazzjoni u għandha tippreżenta kwalunkwe talba għal informazzjoni addizzjonali mingħajr dewmien meta tipprepara liċenzji.

2. L-awtorità kompetenti ma għandhiex tiddelega l-kompiti msemmija fil-punti (ċ), (f) u (g) tal-paragrafu 1 lil terzi.

3. Kwalunkwe delegazzjoni ta' kompiti għandha tkun trasparenti u non-diskriminatorja u ma għandha toħloq ebda konflitt ta' interessi.

4. Fejn awtorità kompetenti tiddelega jew tagħti b'kuntratt il-kompiti msemmija fil-punti (a) jew (b) imsemmija fil-paragrafu 1 lil impriża ferrovjarja, għandu jkun hemm konformità għall-inqas ma' waħda minn dawn iż-żewġ kondizzjonijiet:

a) l-impriża ferrovjarja għandha toħroġ linċenzji lis-sewwieqa tagħha biss;

b) l-impriża ferrovjarja ma għandhiex ikollha l-esklussività fit-territorju konċernat għall-ebda wieħed mill-kompiti delegati jew mogħtija b'kuntratt.

5. Fejn awtorità kompetenti tiddelega jew tagħti b'kuntratt xi kompiti, ir-rappreżentant awtorizzat jew il-kuntrattur għandu jkun meħtieġ, fit-twettiq ta' tali kompiti, li jikkonforma ma' l-obbligi imposti fuq awtoritajiet kompetenti minn din id-Direttiva.

6. Fejn awtorità kompetenti tiddelega jew tagħti b'kuntratt xi kompiti, hija għandha twaqqaf sistema ta' verifika dwar kif dawk il-kompiti ikunu ġew imwettqa u għandha tiżgura li jkun hemm konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4.

*Artikolu 20*

**Akkreditament u rikonoxximent**

1. Persuni jew entitajiet akkreditati taħt din id-Direttiva għandhom jiġu akkreditati minn entità ta' akkreditament maħtura mill-Istat Membru konċernat. Il-proċess ta' akkreditament għandu jkun ibbażat fuq kriterji ta' indipendenza, kompetenza u imparzjalità, bħall-istandards Ewropej relevanti tas-serje EN 45000 u fuq il-valutazzjoni ta' dossier preżentat mill-kandidati li jagħti prova adegwata tal-ħiliet tagħhom fil-qasam in kwistjoni.

2. Bħala alternattiva għall-akkreditament previst fil-paragrafu 1, Stat Membru jista' jipprovdi li persuni jew entitajiet rikonoxxuti taħt id-Direttiva għandhom jiġu rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti jew minn entità maħtura mill-Istat Membru konċernat. Ir-rikonoxximent għandu jkun ibbażat fuq kriterji ta' indipendenza, kompetenza u imparzjalità. Madankollu, f'każijiet fejn il-kompetenza partikolari tkun estremament rara, għandha tiġi permessa eċċezzjoni għal din ir-regola wara li tingħata opinjoni pożittiva mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2).

Il-kriterju ta' indipendenza ma' japplikax fil-każ tat-taħriġ imsemmi fl-Artikolu 23(5)u (6).

3. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura l-pubblikazzjoni u l-aġġornament ta' reġistru ta' persuni u entitajiet li ġew akkreditati jew rikonoxxuti taħt din id-Direttiva.

*Artikolu 21*

**Deċiżjonijiet ta' l-awtorità kompetenti**

1. L-awtorità kompetenti għandha tiddikjara r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha.

2. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li tiġi mwaqqfa proċedura amministrattiva ta' appell li tippermetti lil min jimpjega u lis-sewwieqa jitolbu reviżjoni ta' deċiżjoni relatata ma' kwalukwe applikazzjoni taħt din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw ir-reviżjoni ġudizzjarja tad-deċiżjonijiet meħuda minn awtorità kompetenti.

*Artikolu 22*

**Reġistri u skambju ta' informazzjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu meħtieġa li:

a) jżommu reġistru, jew jiżguraw li jżommu reġistru tal-liċenzji kollha maħruġa, aġġornati, mġedda, skaduti, emendati, sospiżi, rtirati jew rappurtati mitlufa, misruqa jew meqruda. Dan ir-reġistru għandu jkollu fih *data* preskritta mit-Taqsima 4 ta' l-Anness I għal kull liċenzja, li għandha tkun disponibbli bl-użu tan-numru nazzjonali mogħti lil kull sewwieq. Għandu jiġi aġġornat regolarment.

b) tipprovdi, fuq talba motivata, lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra, lill-Aġenzija jew lil min jimpjega lis-sewwieqa, l-informazzjoni dawr l-istatus ta' tali liċenzji.

2. Kull impriża ferrovjarja u amministratur ta' l-infrastruttura għandhom ikunu meħtieġa li:

a) jżommu reġistru, jew jiżguraw li jinżamm reġistru, taċ-ċertifikati kollha maħruġa, aġġornati, imġedda, emendati, skaduti, sospiżi, irtirati jew rappurtati mitlufa, misruqa jew meqruda. Dan ir-reġistru għandu jkollu fih id-*data* preskritta mit-Taqsima 4 ta' l-Anness I ta' kull ċertifikat, kif ukoll *data* relatata mal-kontrolli perjodiċi previsti fl-Artikolu 16. Għandu jiġi aġġornat regolarment.

b) jikkoperaw ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fejn ikunu domiċiljati sabiex jiskambjaw informazzjoni ma' l-awtorità kompetenti u jagħtuha aċċess għad-*data* meħtieġa;

ċ) jipprovdu informazzjoni dwar il-kontenut ta' tali ċertifikati lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra fuq talba tagħhom, meta din tkun mitluba bħala konsegwenza ta' l-attivitajiet transnazzjonali tagħhom.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkoperaw ma' l-Aġenzija sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà tar-reġistri msemmija fil-paragrafi (1) u (2). Għal dan il-għan il-Kummissjoni għandha tadotta qabel … (*), skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2) u abbażi ta' abbozz preparat mill-Aġenzija, il-parametri bażiċi tar-reġistri li għandhom jiġu stabbiliti, bħad-*data* li għandha tiġi reġistrata, il-format tagħhom u l-protokoll ta' l-iskambju tad-*data*, id-drittijiet ta' aċċess, it-tul ta' żmien tażżamma tad-*data* u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'każijiet ta' falliment.

4. L-awtoritajiet kompetenti, l-amministraturi ta' l-infrastruttura u l-impriżi ferrovjarji għandhom jiżguraw li r-reġistri li jistabbilixxu taħt il-paragrafi (1) u (2) u l-modi ta' operazzjoni ta' tali reġistri jkunu konformi mad-Direttiva 95/46/KE.

5. L-Aġenzija għandha tiżgura li s-sistema stabbilita taħt il-paragrafu 2, punti (a) u (b), tkun konformi mar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

KAPITOLU VI

## TAĦRIĠ U EŻAMI TA' SEWWIEQA

*Artikolu 23*

### Taħriġ

1. It-taħriġ tas-sewwieqa għandu jinkludi parti relatata mal-liċenzja u li tirrifletti l-konoxxenza professjonali ġenerali kif deskritt fl-Anness IV, u parti relatata maċ-ċertifikat u li tirrifletti l-konoxxenza professjonali speċifika, kif deskritt fl-Annessi V u VI.

2. Il-metodu ta' taħriġ għandu jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness III.

3. L-objettivi dettaljati tat-taħriġ huma ddefiniti fl-Anness IV għal-liċenzja, u fl-Annessi V u VI għaċ-ċertifikat. Jistgħu jiġu supplimentati:

a) bit-*TSIs* relevanti — il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2), tiżgura koerenza bejn it-*TSIs* u l-Annessi ma' din id-Direttiva — jew

b) bil-kriterji proposti mill-Aġenzija skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 881/2004 u adottati mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 31(2) ta' din id-Direttiva.

4. Skond l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2004/49/KE, l-Istati Membri għandhom jieħdu passi sabiex jiżguraw li s-sewwieqa kandidati jkollhom aċċess ekwu u non-diskriminatorju għat-taħriġ meħtieġ sabiex jissodisfaw il-kondizzjonijiet sabiex jiksbu l-liċenzja u ċ-ċertifikat.

5. Il-kompiti ta' taħriġ relatati mal-konoxxenza professjonali ġenerali kif previst fl-Artikolu 11(4) għandhom jitwettqu minn persuni jew entitajiet akkreditati jew rikonoxxuti skond l-Artikolu 20. Il-kompiti ta' taħriġ relatati mal-konoxxenza lingwistika kif previst fl-Artikolu 12 u mal-konoxxenza professjonali dwar it-tagħmir mobbli kif previst fl-Artikolu 13(1) għandhom jitwettqu minn persuni jew entitajiet akkreditati jew rikonoxxuti konformement ma' l-Artikolu 20.

6. Il-kompiti ta' taħriġ relatati mal-konoxxenza ta' l-infrastruttura kif previst fl-Artikolu 13(2), inkluża l-konoxxenza tar-rotot u tar-regoli u proċeduri operattivi, għandhom jitwettqu minn persuni jew entitajiet akkreditati jew rikonoxxuti mill-Istat Membru fejn tinsab l-infrastruttura.

7. Fir-rigward ta' liċenzja, is-sistema ġenerali għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali stabbilita bid-Direttiva tal-Kunsill 2005/36/KE għandha tibqa' tapplika għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali ta' sewwieqa li jkunu ċittadini ta' Stat Membru u akkwistaw iċ-ċertifikat ta' taħriġ tagħhom f'pajjiż terz.

8. Għandu jiġi stabbilit proċess ta' taħriġ kontinwu sabiex jiġi żgurat li l-kompetenzi tal-persunal jinżammu, skond il-punt 2(e) ta' l-Anness III tad-Direttiva 2004/49/KE.

*Artikolu 24*

### Eżamijiet

1. L-eżamijiet u l-eżaminaturi intiżi għall-finijiet ta' kontroll tal-kwalifiki meħtieġa għandhom jiġu determinati:

a) għall-parti relatata mal-liċenzja: mill-awtorità kompetenti meta tistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi segwita sabiex tinkiseb liċenzja skond l-Artikolu 14(1).

b) għall-parti relatata maċ-ċertifikat: mill-impriża ferrovjarja jew mill-amministratur ta' l-infrastruttura meta jistabbilixxu l-proċedura li għandha tiġi segwita sabiex jinkiseb ċertifikat skond l-Artikolu 15.

2. L-eżamijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu sorveljati minn eżaminaturi kompetenti, akkreditati jew rikonoxxuti skond l-Artikolu 20; għandhom ikunu organizzati b'tali mod li jiġi evitat kwalunkwe konflitt ta' interesi.

3. Il-valutazzjoni tal-konoxxenza ta' l-infrastruttura, inkluża l-konoxxenza tar-rotot u tar-regoli ta' operazzjoni, għandha ssir minn persuni jew entitajiet akkreditati jew rikonoxxuti mill-Istat Membru fejn tinsab l-infrastruttura.

4. L-eżamijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu organizzati b'tali mod li jiġi evitat kwalunkwe konflitt ta' interessi, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-eżaminatur jista' jappartjeni għall-impriża ferrovjarja jew għall-amministratur ta' l-infrastruttura li jagħtu ċ-ċertifikat.

5. L-għażla ta' l-eżaminaturi u ta' l-eżamijiet tista' tkun suġġetta għal kriterji Komunitarji proposti mill-Aġenzija u adottati mill-Kummissjoni taħt il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2). Fin-nuqqas ta' dawn il-kriterji Komunitarji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu kriterji nazzjonali.

6. Għandhom isiru eżamijiet teoriċi u prattiċi fl-aħħar tal-kors ta' taħriġ. Il-kapaċità ta' sewqan għandha tiġi valutata f'testijiet ta' sewqan fuq ir-retikolat. Jistgħu jintużaw ukoll simulaturi sabiex tiġi eżaminata l-applikazzjoni tar-regoli operattivi u l-prestazzjoni tas-sewwieq f'sitwazzjonijiet partikolarment diffiċli.

(*) Sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

KAPITOLU VII

## VALUTAZZJONI

*Artikolu 25*

### Standards ta' kwalità

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-attivitajiet kollha assoċjati mat-taħriġ, mal-valutazzjoni ta' ħiliet u ma' l-aġġornament ta' liċenzji u ċertifikati jkunu suġġetti għal monitoraġġ kontinwu taħt sistema ta' *standards* ta' kwalità. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal attivitajiet diġà koperti mis-sistemi ta' mmaniġġar ta' sigurtà stabbiliti mill-impriżi ferrovjarji u mill-amministraturi ta' l-infrastruttura skond id-Direttiva 2004/49/KE.

*Artikolu 26*

### Valutazzjoni indipendenti

1. Għandha ssir valutazzjoni indipendenti tal-proċeduri għall-akkwist u għall-valutazzjoni tal-konoxxenza u kompetenzi professjonali, u tas-sistema għall-ħruġ ta' liċenzji u ċertifikati, f'kull Stat Membru f'intervall ta' mhux aktar minn ħames snin. Dan ma għandux japplika għal attivitajiet diġà koperti mis-sistemi ta' mmaniġġar ta' sigurtà stabbiliti mill-impriżi ferrovjarji u mill-amministraturi ta' l-infrastrutturi skond id-Direttiva 2004/49/KE. Il-valutazzjoni għandha ssir minn persuni kwalifikati li m'humiex involuti huma stess fl-attivitajiet konċernati.

2. Ir-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijet indipendenti għandhom jiġu dokumentati kif dovut u komunikati lill-awtoritajiet kompetenti konċernati. Jekk jeħtieġ, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jirrimedjaw għal kwalunkwe nuqqas li jiġi skopert mill-valutazzjoni indipendenti.

KAPITOLU VIII

## ĊERTIFIKAZZJONI TA' PERSUNAL IEĦOR

*Artikolu 27*

### Rapport fuq persunal ieħor

L-Aġenzija għandha tidentifika, f'rapport li għandu jiġi ppreżentat sa … (*), il-profil u l-kompiti tal-persunal l-ieħor fuq il-lokomotivi u l-ferroviji li jwettqu kompiti kritiċi ta' sigurtà u li l-kwalifiki professjonali tagħhom għaldaqstant jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-ferroviji, li għandhom jiġu rregolati fil-livell Komunitarju permezz ta' sistema ta' liċenzji u/jew ċertifikati li tista' tkun simili għas-sistema stabbilita b'din id-Direttiva.

(*) Sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

KAPITOLU IX

## KONTROLLI U SANZJONIJET

*Artikolu 28*

### Kontrolli mill-awtorità kompetenti

1. L-awtorità kompetenti tista' fi kwalunkwe waqt tieħu passi sabiex tivverifika, fuq ferroviji li joperaw fiż-żona ta' ġurisdizzjoni tagħha, li s-sewwieq tal-ferrovija jkollu fil-pussess tiegħu id-dokumenti maħruġa skond din id-Direttiva.

2. Minkejja l-verifika kif previst fil-paragrafu 1, f'każ ta' negliġenza fuq il-post tax-xogħol l-awtorità kompetenti tista' tivverifika jekk is-sewwieq in kwistjoni jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 13.

3. L-awtorità kompetenti tista' tagħmel stħarriġ dwar il-konformità ma' din id-Direttiva minn sewwieqa, impriżi ferrovjarji, amministraturi ta' infrastrutturi, eżaminaturi u ċentri ta' taħriġ li jwettqu l-attivitajiet tagħhom fiż-żona ta' ġurisdizzjoni tagħha.

4. Jekk l-awtorità kompetenti ssib li sewwieq ma jibqax jissodisfax kondizzjoni waħda jew aktar minn dawk rekwiżiti, hija għandha tieħu l-miżuri li ġejjin:

a) jekk tikkonċerna liċenzja maħruġa mill-awtorità kompetenti: l-awtorità kompetenti għandha tissospendi l-liċenzja. Is-sospensjoni għandha tkun temporanja jew permanenti skond l-iskala tal-problemi maħluqa għas-sigurtà tal-ferrovija. Għandha immedjatament tinforma lis-sewwieq konċernat u lil min iħaddmu dwar id-deċiżjoni, li għandha tkun motivata, tagħha, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' appell previst fl-Artikolu 21. Għandha tindika l-proċedura li għandha tiġi segwita sabiex tinkiseb lura l-liċenzja;

b) jekk tikkonċerna liċenzja maħruġa minn awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti għandha tavviċina lil dik l-awtorità u tipprovdi talba motivata li ssir ispezzjoni ulterjuri jew li tiġi sospiża l-liċenzja. L-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba għandha tinforma lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn bit-talba tagħha. L-awtorità li ħarġet il-liċenzja in kwistjoni għandha tara li teżamina t-talba fi żmien erba' ġimgħat u tinnotifika lill-awtorità l-oħra bid-deċiżjoni tagħha. L-awtorità li ħaret il-liċenzja għandha tinnotifika wkoll lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra bid-deċiżjoni. Kwalunkwe awtorità kompetenti tista' tipprojbixxi sewwieqa tal-ferroviji milli joperaw fit-territorju tagħha sakemm tasal in-notifika tad-deċiżjoni ta' l-awtorità emittenti;

ċ) jekk tikkonċerna ċertifikat: l-awtorità kompetenti għandha tavviċina l-entità emittenti u titlob li ssir ispezzjoni ulterjuri jew li jiġi sospiż iċ-ċertifikat. L-entità emittenti għandha tieħu l-miżuri xierqa u tirrapporta lura lill-awtorità kompetenti fi żmien erba' ġimgħat. L-awtorità kompetenti tista' tipprojbixxi sewwieqa tal-ferroviji milli joperaw fiż-żona ta' ġurisdizzjoni tagħha sa meta jasal ir-rapport ta' l-entità emittenti, u għandha tinforma lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra b'dan.

Fi kwalunkwe każ, jekk l-awtorità kompetenti tikkunsidra li sewwieq partikolari joħloq theddida serja għas-sigurtà tal-ferroviji, għandha tieħu l-azzjoni meħtieġa immedjatament, bħal tit-lob lill-amministratur ta' l-infrastruttura sabiex iwaqqaf il-ferrovija u tipprojbixxi lis-sewwieq milli jaħdem fit-territorju tagħha sakemm ikun meħtieġ. Għandha tinforma lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn bi kwalunkwe deċiżjoni bħal din.

Fil-każijiet kollha l-awtorità kompetenti, jew l-entità maħtura għal dan, għandha taġġorna r-reġistru previst fl-Artikolu 22.

5. Jekk awtorità kompetenti tikkonsidra li deċiżjoni meħuda minn awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor skond il-paragrafu 4 tonqos milli tikkonforma mal-kriterji relevanti, il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-Kummissjoni li għandha tagħti l-opinjoni tagħha fi żmien tliet xhur. Jekk meħtieġ, għandhom jiġu proposti miżuri korrettivi lill-Istat Membru konċernat. F'każ ta' nuqqas ta' ftehim jew ta' vertenza, il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 32(1), u l-Kummissjoni għandha tieħu dawk il-miżuri meħtieġa skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2). Stat Membru jista' jżomm fis-seħħ projbizzjoni kontra sewwieq milli jsuq fit-territorju tiegħu skond il-paragrafu 4 sakemm il-kwistjoni tiġi konkluża skond dan il-paragrafu.

*Artikolu 29*

**Penali**

Mingħajr preġudizzju għal penali jew proċeduri oħrajn stabbiliti bid-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn jiġu implementati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, non-diskriminatorji u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk id-dispożizzjonijiet mhux aktar tard mid-data speċifikata fl-Artikolu 35 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emendament sussegwenti li jolqothom.

KAPITOLU X

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 30*

**Adattament ta' l-Annessi**

L-Anness għandhom jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2).

*Artikolu 31*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 21 tad-Direttiva 96/48/KE.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit mill-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

*Artikolu 32*

**Rapport**

L-Aġenzija għandha tivvaluta l-iżvilupp taċ-ċertifikazzjoni tas-sewwieqa tal-ferroviji skond din id-Direttiva. Hija għandha tippreżenta lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn erba' snin minn wara l-adozzjoni tal-parametri bażiċi tar-reġistri, kif previst fl-Artikolu 22(3), rapport li jkun fih, fejn opportun, it-titjib li għandu jsir fis-sistema fir-rigward:

(a) tal-proċeduri tal-ħruġ tal-liċenzji u taċ-ċertifikati,

(b) ta' l-akkreditament taċ-ċentri ta' taħriġ u ta' eżaminaturi,

(ċ) tas-sistema ta' kwalità stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti,

(d) tar-rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikati,

(e) ta' l-adegwatezza tar-rekwiżiti ta' taħriġ speċifikati fl-Annessi IV, V u VII fir-rigward ta' l-istruttura tas-suq u l-kategoriji msemmija fil-punt (a) ta' l-Artikolu 4(2),

(f) ta' l-interkonnessjoni bejn ir-reġistri u tal-mobbiltà fis-suq tax-xogħol.

Barra minn hekk, f'dan ir-rapport l-Aġenzija tista', jekk xieraq, tirrakkomanda miżuri fir-rigward ta' l-eżami teoriku u prattiku tal-konoxxenza professjonali ta' l-applikanti għaċ-ċertifikat armonizzat għal tagħmir mobbli u għall-infrastruttura relevanti.

Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri xierqa abbażi ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet u għandha tipproponi, jekk meħtieġ, bidliet għal din id-Direttiva.

*Artikolu 33*

**L-użu ta' smartcards**

L-Aġenzija għandha teżamina sa … (*) il-possibbiltà li tintuża *smartcard* li tikkombina l-liċenzja u ċ-ċertifikati previsti fl-Artikolu 4 u għandha tipprepara analiżi spejjeż-benefiċċji. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tadotta, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 31(2) u abbażi ta' abbozz preparat mill-Aġenzija, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u operattivi għal tali *smartcard*. L-introduzzjoni ta' l-i*smartcard* tista' teħtieġ adattament ta' l-Annessi skond l-Artikolu 31.

(*) Ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 34*

**Koperazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jgħinu lil xulxin fl-implementazzjoni ta' din id-Direttiva. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkoperaw tul din il-fażi ta' implementazzjoni.

L-Aġenzija għandha tassisti din il-koperazzjoni u torganizza laqgħat xierqa mar-rappreżentanti ta' l-awtoritajiet kompetenti.

*Artikolu 35*

**Implementazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn … (*). Huma għandhom minnufih jikkomunikawhom lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri l-oħra b'dan

3. L-obbligi tat-traspożizzjoni u ta' l-implementazzjoni ta' din id-Direttiva m'għandhomx japplikaw għal Ċipru u għal Malta billi ma hemm l-ebda sistema ferrovjarja stabbilita fit-territorji tagħhom.

*Artikolu 36*

**Dħul gradwali u perjodi ta' transizzjoni**

Din id-Direttiva għandha tiddaħħal b'mod gradwali kif indikat hawn taħt.

1. Ir-reġistri msemmija fl-Artikolu 22 għandhom jiġu stabbiliti fi żmien sentejn mill-adozzjoni tal-parametri bażiċi tar-reġistri previsti fl-Artikolu 22(3).

2. a) Fi żmien sentejn mill-adozzjoni tal-parametri bażiċi tar-reġistri previsti fl-Artikolu 22(3), iċ-ċertifikati jew il-liċenzji għandhom jinħarġu skond din id-Direttiva lis-sewwieqa li jwettqu servizzi transkonfinali, servizzi ta' kabotaġġ jew ta' ġarr ta' merkanzija fi Stat Membru ieħor, jew jaħdmu f'almenu żewġ Stati Membri, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-punt 3.

   Minn dik l-istess data, is-sewwieqa kollha tal-ferroviji li jwettqu s-servizzi elenkati hawn fuq, inklużi dawk li għadhom mingħajr liċenzja jew ċertifikat skond din id-Direttiva, għandhom jikkonformaw mal-kontrolli regolari kif previst mill-Artikolu 16.

   b) Fi żmien sentejn mill-istabbiliment tar-reġistri previsti fil-punt 1, iċ-ċertifikati jew il-liċenzji ġodda kollha għandhom jinħarġu skond din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-punt 3.

   ċ) Fi żmien seba' snin mill-istabbiliment tar-reġistri previsti fil-punt 1, is-sewwieqa kollha għandhom ikollhom fil-pussess tagħhom liċenzji u ċertifikati konformement ma' din id-Direttiva. L-entitajiet emittenti għandhom jieħdu kont tal-kompetenzi professjonali kollha diġà miksuba minn kull sewwieq b'tali mod li dan ir-rekwiżit ma joħloqx piżijiet amministrattivi u finanzjarji bla ħtieġa. Id-drittijiet ta' sewqan mogħtija qabel lil sewwieqa għandhom jiġu kemm jista' jkun salvagwardati. L-entitajiet emittenti jistgħu madankollu jiddeċiedu, għal sewwieqa individwali jew gruppi ta' sewwieqa, skond il-każ, li jkunu meħtieġa eżamijiet u/jew taħriġ addizzjonali sabiex jinkisbu liċenzji u/jew ċertifikati skond din id-Direttiva.

3. Is-sewwieqa, awtorizzati skond id-dispożizzjonijiet li kienu japplikaw qabel l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva taħt il-punt 2(a) jew (b), jistgħu jkomplu bl-attivitajiet professjonali tagħhom abbażi tad-drittijiet tagħhom, u mingħajr l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Diretiva, sa seba' snin mill-istabbiliment tar-reġistri previsti fil-punt 1.

   Fil-każ ta' apprendisti li bdew programm approvat ta' edukazzjoni u taħriġ jew kors ta' taħriġ approvat qabel l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva taħt il-punt 2(a) jew (b), l-Istati Membri jistgħu jiċċertifikaw lil dawn is-sewwieqa skond id-dispożizzjonijiet nazzjonali eżistenti.

   Għas-sewwieqa u l-apprendisti msemmija f'dan il-punt, l-awtorità kompetenti jew l-awtoritajiet involuti jistgħu, f'każijiet eċċezzjonali, jagħtu eżenzjonijiet mir-rekwiżiti mediċi stabbiliti fl-Anness II. Il-validità ta' kwalunkwe liċenzja maħruġa b'tali eżenzjoni għandha tkun limitata għat-territorju ta' l-Istati Membri konċernati.

4. L-awtoritajiet kompetenti, l-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi ta' infrastrutturi għandhom jiżguraw l-applikazzjoni gradwali ta' kontrolli regolari li jikkorrispondu għal dawk previsti fl-Artikolu 16 għal sewwieqa li m'għandhomx liċenzji u ċertifikati konformement ma' din id-Direttiva.

5. Fejn hekk ikun mitlub minn Stat Membru, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Aġenzija, b'konsultazzjoni ma' dak l-Istat Membru, sabiex tagħmel analiżi spejjeż-benefiċċji għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal sewwieqa ta' ferroviji li joperaw esklussivament fit-territorju ta' dak l-Istat Membru. L-analiżi spejjeż-benefiċċji għandha tkopri perjodu ta' 10 snin. Din l-analiżi spejjeż-benefiċċji għandha tiġi preżentata lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-istabbiliment tar-reġistri previsti fil-punt 1.

(*) Erba' u għoxrin xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Jekk din l-analiżi spejjeż-benefiċċji turi li l-ispejjeż ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal tali sewwieqa jipprevalixxu fuq il-benefiċċji, il-Kummissjoni, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 31(2), għandha tadotta deċiżjoni fi żmien 6 xhur mill-preżentazzjoni tar-riżultati ta' din l-analiżi spejjeż-benefiċċji. Id-deċiżjoni tista' tkun li d-dispożizzjonijiet tal-punt 2(b) u (ċ) ta' dan l-Artikolu, ma jkollhomx jiġu applikati għal tali sewwieqa ta' ferroviji għal perjodu sa għaxar snin fit-territorju ta' l-Istat Membru konċernat.

Mhux aktar tard minn 24 xahar qabel l-iskadenza ta' dan il-perjodu temporanju ta' eżenzjoni, il-Kummissjoni, b'kont meħud ta' l-iżviluppi relevanti fis-settur tal-ferroviji fl-Istat Membru konċernat, tista', skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 31(2), titlob lill-Aġenzija sabiex tagħmel analiżi spejjeż-benefiċċji oħra, li tkun jkollha tiġi preżentata lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 12-il xahar qabel l-iskadenza ta' dan il-perjodu temporanju ta' eżenzjoni. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni skond din il-proċedura deskritta fis-subparagrafu ta' dan il-punt.

*Artikolu 37*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 38*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| … | … |

*ANNESS I*

## MUDELL KOMUNITARJU TAL-LIĊENZJA U Ċ-ĊERTIFIKAT KOMPLEMENTARI ARMONIZZAT

1. KARATTERISTIĊI TAL-LIĊENZJA

Il-karatteristiċi fiżiċi tal-liċenzja tas-sewwieq tal-ferroviji għandhom ikunu konformi ma' l-istandards 7810 u 7816-1 ta' l-ISO.

Il-kartonċina għandha tkun tal-polikarbonat.

Il-metodi ta' verifika tal-karatteristiċi tal-liċenzji tas-sewqan sabiex jiġi żgurat li jkunu skond l-istandards internazzjonali għandhom ikunu konformi ma' l-istandard 10373 ta' l-ISO.

2. KONTENUT TAL-LIĊENZJA

Il-faċċata tal-liċenzja għandu jkollha:

a) il-kliem "Liċenzja ta' sewwieq tal-ferroviji" stampati b'tipa kbira fil-lingwa jew lingwi ta' l-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja;

b) l-isem ta' l-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja;

ċ) il-marka li tiddistingwi l-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja skond il-kodiċi 3166 ta' l-ISO tal-pajjiż, stampata fin-negattiv f'rettangolu ikħal u mdawra minn 12-il kewkba safra;

d) l-informazzjoni speċifika għall-liċenzja maħruġa, innumerata kif ġej:

   i) il-kunjom tad-detentur;

   ii) isem/ismijiet oħra tad-detentur;

   iii) id-data u l-post tat-twelid tad-detentur;

   iv) — id-data tal-ħruġ tal-liċenzja;

   — id-data ta' l-iskadenza tal-liċenzja;

   — l-isem ta' l-awtorità emittenti;

   — in-numru ta' referenza assenjat lill-impjegat minn min iħaddmu (fakoltattiv);

   v) in-numru tal-liċenzja li jagħti aċċess għad-*data* fir-reġistru nazzjonali;

   vi) ritratt tad-detentur;

   vii) il-firma tad-detentur;

   ix) il-post permanenti tar-residenza jew l-indirizz postali tad-detentur (fakoltattiv);

e) il-kliem "Mudell tal-Komunitajiet Ewropej" fil-lingwa jew lingwi ta' l-Istat Membru li qed joħroġ il-liċenza u l-kliem "Liċenza tas-sewqan tal-ferroviji" fil-lingwi l-oħra tal-Komunità, stampati bl-isfar sabiex jiffurmaw l-isfond tal-liċenza:

f) il-kuluri ta' referenza:

— ikħal: ikħal Pantone Reflex,

— isfar: isfar Pantone.

g) informazzjoni addizzjonali, jew restrizzjonijiet mediċi għall-użu imposti minn awtorità kompetenti skond l-Anness II, f'forma ta' kodiċi.

Il-kodiċi għandhom jiġu deċiżi mill-Kummissjoni, skond il-proċedura ta' l-Artikolu 31(2), abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Aġenzija.

3. ĊERTIFIKAT

Iċ-ċertifikat għandu jkollu:

a) il-kunjom tad-detentur;

b) isem/ismijiet oħra tad-detentur;

ċ) id-data u l-post tat-twelid tad-detentur;

d) — id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat;

— id-data ta' l-iskadenza taċ-ċertifikat;

— l-isem ta' l-awtorità emittenti;

— in-numru ta' referenza assenjat lill-impjegat minn min iħaddmu (fakoltattiv);

e) in-numru tal-liċenzja li jagħti aċċess għad-*data* fir-reġistru nazzjonali;

f) ritratt tad-detentur;

g) il-firma tad-detentur;

h) il-post permanenti tar-residenza jew l-indirizz postali tad-detentur (fakoltattiv);

i) l-isem u l-indirizz ta' l-impriża ferrovjarja jew ta' l-amministratur ta' l-infrastruttura li għalihom is-sewwieq ikun awtorizzat li jsuq il-ferroviji;

j) il-kategorija li fiha s-sewwieq ikun intitolat li jsuq;

k) it-tip jew tipi ta' tagħmir mobbli li d-detentur ikun awtorizzat li jsuq;

l) l-infrastruttura li fuqa d-detentur ikun awtorizzat li jsuq;

m) kwalunkwe informazzjoni jew restrizzjonijiet addizzjonali.

n) kompetenzi lingwistiċi.

4. *DATA* MINIMA FIR-REĠISTRI NAZZJONALI

a) Data relatata mal-liċenzja:

Id-*data* kollha li tidher fuq il-liċenzja u d-*data* marbuta mar-rekwiżiti ta' kontroll stabbiliti fl-Artikoli 11 u 16.

b) Data relatata maċ-ċertifikat:

Id-*data* kollha li tidher fuq iċ-ċertifikat u d-*data* marbuta mar-rekwiżiti ta' kontroll stabbiliti fl-Artikoli 12, 13 u 16.

*ANNESS II*

**REKWIŻITI MEDIĊI**

1. REKWIŻITI ĠENERALI

1.1 Is-sewwieqa ma għandhom ikunu jbatu minn ebda kondizzjoni medika jew jieħdu ebda medikazzjoni, droga jew sustanza li aktarx jikkawżaw dawn li ġejjin:

— li jintilfu f'daqqa minn sensihom;

— tnaqqis fl-attenzjoni jew fil-konċentrazzjoni;

— inkapaċità f'daqqa;

— nuqqas ta' bilanċ jew koordinazzjoni;

— limitazzjoni sinifikattiva ta' mobbiltà.

1.2 Vista

Irid ikun hemm konformità mar-rekwiżiti li ġejjin fir-rigward tal-vista:

— akutezza viżiva megħjuna jew mhix: 1,0; minimu ta' 0,5 għall-agħar għajn;

— lentijiet korrettivi massimi: ipermetropija +5/mijopija -8. Huma awtorizzati derogi f'każijiet eċċezzjonali u wara li tkun inkisbet opinjoni ta' speċjalista ta' l-għajnejn. Imbagħad it-tabib jieħu d-deċiżjoni;

— vista viċina jew intermedja: suffiċjenti, kemm jekk megħjuna jew mhix;

— *contact lenses* u nuċċalijiet huma awtorizzati meta jkunu kontrollati perjodikament minn speċjalista;

— vista normali ta' kuluri: l-użu ta' test rikonoxxut, bħall-Ishihara, kif ukoll ta' test ieħor rikonoxxut jekk meħtieġ;

— kamp viżiv: sħiħ;

— vista għaż-żewġ għajnejn; effikaċi; mhux meħtieġa meta persuna jkollha adattamenti adegwati u esperjenza ta' kumpens suffiċjenti. Biss jekk ikun tilef il-vista binokulari wara li jkun beda l-impjieg;

— vista binokulari: effikaċi;

— jingħarfu s-sinjali bil-kulur: it-test għandu jkun ibbażat fuq il-konoxxenza ta' kuluri waħedhom u mhux fuq differenzi relattivi;

— sensittività għall-kuntrasti: tajba;

— m'hemmx mard progressiv ta' l-għajnejn;

— *implants* ta' lentijiet, keratotomiji u keratektomiji ikunu permessi biss bil-kondizzjoni li jiġu kontrollati fuq bażi annwali jew f'intervalli deċiżi mit-tabib.

— kapaċità li l-għajnejn jifilħu għat-tgħammix;

— contact lenses tal-kulur u lentijiet fotokromatiċi ma jkunux permessi. Il-lentijiet-filtru għall-UV ikunu permessi.

1.3 Rekwiżiti għas-smigħ u għat-taħdit

Smigħ suffiċjenti konfermat minn awdjogramma, jiġifieri:

— smigħ tajjeb suffiċjenti sabiex ikun hemm konverżazzjoni fuq it-telefon u sabiex ikunu jistgħu jinstemgħu ħsejjes ta' twissija u messaġġi bir-radju.

Il-valuri li ġejjin għandhom jittieħdu bħala linji gwida:

— in-nuqqas ta' smigħ ma jridx ikun ogħla minn 40dB f'500 u 1 000 Hz;

— in-nuqqas ta' smigħ ma jridx ikun ogħla minn 45 dB f'2 000 Hz għall-widna bl-agħar konduzzjoni ta' ħoss bl-arja;

— l-ebda anomalija fis-sistema vestibolari;

— l-ebda difett kroniku fit-taħdit (minħabba li jrid isir skambju ta' messaġġi b'mod qawwi u ċar);

— l-użu ta' għajnuniet għas-smigħ ikun permess f'każijiet speċjali.

1.4 Tqala

Fl-eventwalità ta' tolleranza baxxa jew kondizzjoni patoloġika, it-tqala għandha titqies bħala raġuni għall-esklużjoni temporanja ta' sewwieqa. Għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet legali li jipproteġu sewwieqa fit-tqala.

2. KONTENUT MINIMU TA' L-EŻAMI QABEL IL-ĦATRA

2.1 Eżamijiet mediċi

— eżami mediku ġenerali;

— eżami tal-funzjonijiet sensorjali (vista, smigħ, perċezzjoni tal-kuluri);

— testijiet tad-demm jew ta' l-urina, li fost oħrajn jinkludu eżami għad-dijabete millitis, sa fejn ikunu meħtieġa sabiex wieħed jiġġudika l-kondizzjoni fiżika tal-kandidat;

— Elettro-Kardjogramma (*ECG*) fuq il-persuna f'qagħda ta' mistrieħ;

— testijiet għal sustanzi psikotropiċi bħal drogi illeċiti jew medikazzjonijiet psikotropiċi u l-abbuż ta' l-alkoħol li jpoġġi fid-dubbju l-idoneità fiżika għall-impjieg;

— konoxxitivi: attenzjoni u konċentrazzjoni; memorja; perċezzjoni; raġunament;

— komunikazzjoni

— psikomotorju: ħeffa ta' reazzjoni, koordinazzjoni ta' l-idejn.

2.2 Eżamijiet psikoloġiċi marbuta ma' l-impjieg

L-iskop ta' l-eżamijiet psikoloġiċi marbuta ma' l-impjieg huwa li jgħin fil-ħatra u fil-ġestjoni tal-persunal. Fid-determinazzjoni tal-kontenut tal-valutazzjoni psikoloġika, l-eżami jrid jivvaluta kemm is-sewwieq applikant ma jkollux nuqqasijiet psikoloġiċi stabbiliti marbuta ma' l-impjieg, partikolarment fil-kompetenzi operattivi jew fi kwalunkwe fattur relevanti ta' personalità, li aktarx ifixkluh fil-qadi mingħajr periklu tad-dmirijiet.

3. EŻAMIJIET PERJODIĊI WARA L-ĦATRA

3.1 Frekwenza

L-eżamijiet mediċi (idoneità fiżika) għandhom isiru mill-inqas kull tliet snin sa l-età ta' 55, u wara dan kull sena.

Minbarra din il-frekwenza, it-tabib irid iżid il-frekwenza ta' l-eżamijiet jekk is-saħħa tal-membri tal-persunal titlob hekk.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16(1) għandu jsir eżami mediku adegwat meta jkun hemm raġuni għal xhiex wieħed jiddubita id-detentur tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat ikun għadu jista' jissodisfa r-rekwiżiti mediċi stabbiliti fit-Taqsima 1 ta' l-Anness II.

Il-kondizzjoni fiżika għandha tiġi kontrollata regolarment u wara kwalunkwe inċident fuq ix-xogħol. It-tabib jew is-servizz mediku ta' l-impriża jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu eżami mediku adegwat addizzjonali, partikolarment wara perjodu ta' 30 ġurnata ta' assenza minħabba mard. Min jimpjega għandu jitlob lit-tabib jikkontrolla l-kondizzjoni fiżika tas-sewwieq jekk min jimpjega kellu jirtira lis-sewwieq mis-servizz minħabba raġunijiet ta' sigurtà.

3.2 Kontenut minimu ta' l-eżami mediku perjodiku

Jekk is-sewwieq jikkonforma mal-kriterji meħtieġa għall-eżami ta' qabel l-impjieg, l-eżamijiet perjodiċi għandhom jinkludu bħala minimu:

— eżami mediku ġenerali;

— eżami tal-funzjonijiet sensorjali (vista, smigħ, perċezzjoni tal-kuluri);

— testijiet tad-demm jew ta' l-urina għall-iskoperta ta' dijabete mellitus u ta' kondizzjonijiet oħrajn kif indikat mill-eżami kliniku;

— testijiet għal sustanzi mediċinali fejn ikun klinikament indikat;

Barra minn hekk, huwa meħtieġ ECG fuq il-persuna f'qagħda ta' mistrieħ għal sewwieqa ta' aktar minn 40 sena.

*ANNESS III*

**METODU TA' TAĦRIĠ**

Għandu jkun hemm bilanċ tajjeb bejn it-taħriġ teoriku (fil-klassi u fid-dimostrazzjonijiet) u t-taħriġ prattiku (esperjenza fuq ix-xogħol, sewqan taħt superviżjoni u sewqan mingħajr superviżjoni fuq linji li jkunu magħluqin għall-finijiet ta' taħ-riġ).

It-taħriġ bl-għajnuna tal-kompjuter huwa aċċettat għal tagħlim individwali tar-regoli operattivi, tas-senjaletika, eċċ.

L-użu ta' simulaturi, għalkemm mhux obbligatorju, jista' jkun utli għat-taħriġ effikaċi tas-sewwieqa; dawn huma partikolarment utli għal taħriġ f'kondizzjonijiet ta' xogħol mhux normali jew għal regoli li huma applikati rarament. Għandhom vantaġġ partikolari fil-kapaċità tagħhom li jipprovdu l-kapaċità sabiex persuna titgħallimhom bil-prattika għal avvenimenti li għalihom ma jkunx jista' jingħata taħriġ fid-dinja reali. Fil-prinċipju, għandhom jiġu użati simulaturi ta' l-aħħar ġenerazzjoni.

Rigward il-kisba tal-konoxxenza tar-rotot, l-approċċ preferut huwa li sewwieq tal-ferroviji jakkumpanja sewwieq ieħor għal numru adegwat ta' vjaġġi fuq ir-rotta, matul il-jum kif ukoll bil-lejl. Fost metodi oħrajn, bħala alternattiva ta' metodu ta' taħriġ, jistgħu jintużaw *videos* tar-rotot kif jidhru mill-kabina tas-sewwieq.

*ANNESS IV*

**KONOXXENZA PROFESSJONALI ĠENERALI U REKWIŻITI DWAR IL-LIĊENZJA**

It-taħriġ ġenerali għandu l-objettivi li ġejjin:

— il-kisba tal-konoxxenza, inkluża dik tal-proċeduri, fir-rigward tat-teknoloġiji tal-ferroviji, inklużi l-prinċipji ta' sigurtà u l-filosofija wara r-regoli operattivi;

— il-kisba tal-konoxxenza, inkluża dik tal-proċeduri, fir-rigward tar-riskji marbuta ma' l-operazzjoni tal-ferroviji u l-modi varji li għandhom jintużaw kontrihom;

— il-kisba tal-konoxxenza, inkluża dik tal-proċeduri, fir-rigward tal-prinċipji li jiggwidaw modalità operattiva jew aktar tal-ferroviji;

— il-kisba tal-konoxxenza, inkluża dik tal-proċeduri, fir-rigward tal-ferroviji, kif inhuma magħmulin u r-rekwiżiti tekniċi fuq unitajiet ta' lokomozzjoni, vaguni, *coaches* u tagħmir mobbli ieħor.

Partikolarment, is-sewwieqa għandhom ikunu kapaċi:

— jifhmu r-rekwiżiti speċifiċi sabiex jaħdmu fil-professjoni ta' sewwieqa, l-importanza tagħha, u l-esiġenzi professjonali u personali tagħha (perjodi twal ta' xogħol, nuqqas mid-dar, eċċ).

— japplikaw ir-regoli ta' sigurtà tal-persunal,

— jidentifikaw it-tagħmir mobbli,

— jafu u japplikaw metodu ta' ħidma b'mod preċiż;

— jidentifikaw id-dokumenti ta' referenza u ta' applikazzjoni (il-manwal tal-proċeduri u l-manwal tal-linji kif definiti fl-"Operazzjonijiet" tat-TSI, il-manwal tas-sewwieq, il-manwal f'każ ta' ħsara, eċċ);

— jitgħallmu jġibu irwieħhom b'mod kompatibbli ma' responsabbiltajiet essenzjali għas-sigurtà,

— jidentifikaw il-proċeduri applikabbli f'każ ta' inċidenti li jinvolvu persuni,

— jiddistingwu l-perikli involuti fl-operazzjonijiet tal-ferroviji in ġenerali.

— jafu l-prinċipji li jirregolaw is-sigurtà tat-traffiku,

— japplikaw il-prinċipji bażiċi ta' l-elettroteknoloġija.

*ANNESS V*

## KONOXXENZA PROFESSJONALI TA' TAGĦMIR MOBBLI U REKWIŻITI DWAR IĊ-ĊERTIFIKAT

Wara li jlestu minn taħriġ speċifiku relattivament għal tagħmir mobbli, is-sewwieqa għandhom ikunu kapaċi jwettqu l-kompiti li ġejjin.

1. TESTIJIET U KONTROLLI QABEL IT-TLUQ

Is-sewwieqa għandhom ikunu kapaċi:

— jiġbru d-dokumentazzjoni u t-tagħmir meħtieġ,

— jikkontrollaw il-kapaċitajiet ta' l-unità lokomotiva,

— jikkontrollaw l-informazzjoni mdaħħla fid-dokumenti abbord l-unità tal-ġbid,

— jiżguraw, billi jwettqu l-kontrolli u t-testijiet speċifikati, li l-unità lokomotiva tkun kapaċi tipprovdi l-qawwa lokomotiva meħtieġa, u li t-tagħmir tas-sigurtà jaħdem,

— jikkontrollaw id-disponibbiltà u l-funzjonalità tat-tagħmir ta' protezzjoni u ta' sigurtà preskritti fil-ħin tal-konsenja ta' lokomotiva jew fil-bidu ta' vjaġġ;

— iwettqu kwalunkwe operazzjoni ta' rutina ta' manutenzjoni preventiva.

2. KONOXXENZA TAT-TAGĦMIR MOBBLI

Sabiex joperaw lokomotiva, is-sewwieqa għandhom ikunu familjari mal-kontrolli u l-indikaturi kollha mqiegħda għad-dispożizzjoni tagħhom, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw:

— il-lokomozzjoni,

— l-ibbrejkjar,

— l-elementi marbuta mas-sigurtà tat-traffiku.

Sabiex jinstabu u jiġu identifikati anomaliji fit-tagħmir mobbli, sabiex dawn jiġu rappurtati u jiġi determinat x'inhu meħtieġ sabiex jissewwew, u f'ċerti każijiet, sabiex tittieħed azzjoni, is-sewwieqa għandhom ikunu familjari ma':

— l-istrutturi mekkaniċi,

— it-tagħmir ta' sospensjoni u ta' rbit,

— it-tagħmir tar-roti,

— it-tagħmir ta' sigurtà,

— it-tankijiet tal-karburant, is-sistema ta' l-alimentazzjoni tal-karburant, it-tagħmir ta' l-egżost,

— it-tifsira tal-marki fuq ġewwa u fuq barra tat-tagħmir mobbli, b'mod partikolari s-simboli użati għat-trasport ta' merkanzija perikoluża,

— is-sistemi ta' reġistrazzjoni tal-vjaġġ,

— is-sistemi elettriċi u pnewmatiċi,

— is-sistemi tal-kurrent u ta' tensjoni għolja,

— it-tagħmir ta' komunikazzjoni (bejn stazzjonijiet fissi u l-ferrovija, eċċ.),

— arranġamenti ta' vjaġġi,

— il-partijiet kostitwenti tat-tagħmir mobbli, l-iskop tagħhom, u l-apparat speċifiku tal-materjal miġbud, b'mod partikolari s-sistema sabiex twaqqaf il-ferrovija permezz tal-ftuħ tal-pajp tal-brejkijiet,

— is-sistema ta' l-ibbrejkjar,

— il-partijiet speċifiċi għall-unitajiet lokomotivi,

— il-katina lokomotiva, il-muturi u t-trasmissjoni.

3. IL-KONTROLLI TAL-BREJKIJIET

Is-sewwieqa għandhom ikunu kapaċi:

— jikkontrollaw u jikkalkolaw, qabel it-tluq, li l-qawwa tal-brejk tal-ferrovija tikkorrispondi għall-qawwa tal-brejk meħtieġa għal-linja kif speċifikat fid-dokumenti tal-vettura,

— jikkontrollaw il-funzjonament tal-komponenti varji tas-sistema tal-brejkijiet ta' l-unità lokomotiva u tal-ferrovija, skond il-każ, qabel it-tluq, meta tiġi startjata l-ferrovija u waqt is-sewqan.

4. MOD OPERATTIV U VELOĊITÀ MASSIMA TAL-FERROVIJA FIR-RIGWARD TAL-KARATTERISTIĊI TAL-LINJA

Is-sewwieqa għandhom ikunu kapaċi:

— jieħdu nota ta' l-informazzjoni li tingħatalhom qabel it-tluq,

— jiddeterminaw il-mod ta' l-operazzjoni u l-limitu ta' veloċità tal-ferrovija abbażi tal-varjabili bħal-limiti ta' veloċità, kondizzjonijiet tat-temp jew bidliet fis-senjaletika.

5. IS-SEWQAN TAL-FERROVIJA B'MOD LI MA JAGĦMILX ĦSARA LILL-INSTALLAZZJONIJIET U LILL-VETTURI

Is-sewwieqa għandhom ikunu kapaċi:

— jużaw is-sistemi ta' kontroll kollha disponibbli skond ir-regoli applikabbli,

— jistartjaw il-ferrovija b'kont meħud tar-rabtiet ta' aderenza u qawwa,

— jużaw il-brejkijiet sabiex inaqqsu l-veloċità u jieqfu, b'kont meħud tat-tagħmir mobbli u l-installazzjonijiet.

6. ANOMALIJI

Is-sewwieqa għandhom:

— ikunu kapaċi li jkunu attenti għal okkorrenzi mhux normali fl-atteġġjament tal-ferrovija,

— ikunu kapaċi li jispezzjonaw il-ferrovija u jidentifikaw sinjali ta' anomaliji, jiddistingwu bejniethom, jirreaġixxu skond l-importanza relattiva tagħhom u jippruvaw jirrimedjawhom, filwaqt li jagħtu dejjem prijorità lis-sigurtà tat-traffiku tal-ferroviji u tal-persuni,

— jkunu jafu l-mezzi disponibbli ta' protezzjoni u komunikazzjoni.

7. IMPREVISTI U INĊIDENTI OPERATTIVI, NIRIEN U INĊIDENTI LI JINVOLVU PERSUNI

Is-sewwieqa għandhom:

— ikunu kapaċi li jieħdu passi sabiex jipproteġu u jsejħu għall-għajnuna f'każ ta' inċident li jinvolvi persuni fuq il-ferrovija,

— ikunu kapaċi li jiddeterminaw jekk il-ferrovija tkunx qiegħda ġġorr merkanzija perikoluża u jidentifikawha abbażi tad-dokumenti tal-ferrovija u l-listi tal-vaguni,

— jkunu jafu il-proċeduri marbuta ma' l-evakwazzjoni ta' ferrovija f'każ ta' emerġenza.

8. KONDIZZJONIJIET SABIEX JITKOMPLA L-VJAĠĠ WARA INĊIDENT LI JINVOLVI T-TAGĦMIR MOBBLI

Wara inċident, is-sewwieqa għandhom ikunu kapaċi jivvalutaw jekk il-vettura tistax tkompli ssuq u taħt liema kondizzjonijiet, sabiex jinfurmaw lill-amministratur ta' l-infrastruttura b'dawk il-kondizzjonijiet kemm jista' jkun malajr.

Is-sewwieqa għandhom ikunu kapaċi jiddeterminaw jekk hix meħtieġa valutazzjoni ta' espert qabel ma l-ferrovija tkompli l-vjaġġ.

9. IMMOBBILIZZAZZJONI TAL-FERROVIJA

Is-sewwieqa għandhom ikunu kapaċi jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li l-ferrovija, jew partijiet minnha, ma tistartjax jew ma tiċċaqlaqx għall-għarrieda, anki fl-aktar kondizzjonijiet diffiċli.

Barra minn hekk, is-sewwieqa għandhom ikollhom konoxxenza tal-miżuri li jistgħu jwaqqfu l-ferrovija jew partijiet minnha f'każ li din tistartja jew tiċċaqlaq għall-għarrieda.

*ANNESS VI*

# KONOXXENZA PROFESSJONALI TA' L-INFRASTRUTTURA U REKWIŻITI DWAR IĊ-ĊERTIFIKAT

## Materji relatati ma' l-infrastruttura

1. L-ITTESTJAR TAL-BREJKIJIET

Is-sewwieqa għandhom ikunu kapaċi jikkontrollaw u jikkalkolaw, qabel it-tluq, li l-qawwa tal-brejk tal-ferrovija tikkorrispondi għall-qawwa tal-brejk meħtieġa għal-linja kif speċifikat fid-dokumenti tal-vettura.

2. TIP TA' OPERAZZJONI U VELOĊITÀ MASSIMA TAL-FERROVIJA SKOND IL-KARATTERISTIĊI TAL-LINJA

Is-sewwieqa għandhom ikunu kapaċi:

— jieħdu nota ta' l-informazzjoni li tingħatalhom, bħal-limiti ta' veloċità u kwalunkwe bidla fis-senjaletika,

— jiddeterminaw il-mod ta' l-operazzjoni u l-limitu ta' veloċità tal-ferrovija abbażi tal-karatteristiċi tal-linja.

3. KONOXXENZA TAL-LINJA

Is-sewwieqa għandhom ikunu kapaċi jantiċipaw problemi u jirreaġixxu b'mod adegwat f'termini ta' sigurtà u prestazzjonijiet oħrajn, bħall-puntwalità u l-aspetti ekonomiċi. Għalhekk għandhom ikollhom konoxxenza tajba tal-linji tal-ferrovija u ta' l-installazzjonijiet fuq ir-rotta tagħhom u ta' kwalunkwe rotta alternattiva miftiehma.

L-aspetti li ġejjin huma importanti:

— il-kondizzjonijiet operattivi (bdil tal-linji, sewqan unidirezzjonali, eċċ.),

— isir kontroll tar-rotta u jiġu kkonsultati d-dokumenti relevanti,

— l-identifikazzjoni tal-linji li jistgħu jintużaw għal ċertu tip ta' ċirkolazzjoni,

— ir-regoli applikabbli tat-traffiku u t-tifsira tas-sistema tas-senjaletika.

— ir-reġim ta' l-operazzjonijiet,

— is-sistema ta' blokk u r-regolamenti marbuta magħha,

— l-ismijiet ta' l-istazzjonijiet u l-pożizzjoni u l-avvistament mill-bogħod ta' stazzjonijiet u kaxxi tas-senjaletika sabiex jirregolaw is-sewqan skond il-ħtieġa,

— is-senjaletika ta' transizzjoni bejn sistemi operattivi jew ta' provvista ta' enerġija differenti,

— il-limiti ta' veloċità għall-kategoriji differenti ta' ferroviji misjuqa,

— il-profili topografiċi,

— il-kondizzjonijiet partikolari għall-ibbrejkjar, per eżempju fuq linji b'niżla qawwija,

— il-karatteristiċi operattivi partikolari: senjaletika speċjali, sinjali, kondizzjonijiet tat-tluq, eċċ.

4. REGOLAMENTI TAS-SIGURTÀ

Is-sewwieqa għandhom ikunu kapaċi:

— jistartjaw il-ferrovija biss meta l-kondizzjonijiet preskritti kollha jkunu sodisfatti (l-iskeda ta' ħin, l-ordni jew is-sinjal tat-tluq, l-operazzjoni tas-senjaletika jekk ikun meħtieġ, eċċ.),

— jimxu mas-senjaletika, mal-ġenb tal-linja u fil-kabina, jinterpretawha immedjatament u mingħajr żball, u jaġixxu magħha,

— imexxu l-ferrovija b'mod mingħajr periklu skond il-modi speċifiċi ta' operazzjoni: japplikaw modi speċjali jekk jingħadilhom, restrizzjonijiet temporanji ta' veloċità, jimxu fid-direzzjoni opposta, permess sabiex ma jiġux segwiti sinjali f'każ ta' periklu, jaqilbu operazzjonijiet, tidwir, jimxu ġewwa siti ta' bini, eċċ

— jirrispettaw waqfiet skedati jew supplimenatri, u jekk jeħtieġ jagħmlu operazzjonijiet supplimentari għall-passiġġieri waqt dawn il-waqfiet, l-aktar jiftħu u jagħlqu l-bibien.

5. IS-SEWQAN TAL-FERROVIJA

Is-sewwieqa għandhom ikunu kapaċi li:

— jkunu jafu l-ħin kollu l-pożizzjoni tal-ferrovija fuq il-linja,

— jużaw il-brejkijiet sabiex inaqqsu l-veloċità u jieqfu, b'kont meħud tat-tagħmir mobbli u l-installazzjonijiet.

— jirregolaw il-mixi tal-ferrovija skond il-programm tal-ħin u kwalunkwe ordni mogħti sabiex tiġi ffrankata l-enerġija, b'kont meħud tal-karatteristiċi ta' l-unità tal-ġbid, il-ferrovija, il-linja u l-ambjent.

6. ANOMALIJI

Is-sewwieqa għandhom ikunu kapaċi:

- jkunu attenti, sakemm tippermetti l-ħidma tal-ferrovija, għal okkorrenzi mhux normali fir-rigward ta' l-infrastruttura u l-ambjent: senjaletika, linji, provvista ta' l-enerġija, qsim min-naħa għall-oħra, l-inħawi tal-linja, traffiku ieħor,
- jkunu jafu d-distanzi partikolari sabiex jevitaw ostakli,
- jinfurmaw malajr kemm jista' jkun lill-amministratur ta' l-infrastruttura bil-post u n-natura ta' l-anomaliji osservati, filwaqt li jiżguraw li l-informazzjoni nftiehmet,
- b'kont meħud ta' l-infrastruttura, jiżguraw jew jieħdu miżuri sabiex jiżguraw, meta meħtieġ, is-sigurtà tat-traffiku u l-persuni.

7. IMPREVISTI U INĊIDENTI OPERATTIVI, NIRIEN U INĊIDENTI LI JINVOLVU PERSUNI

Is-sewwieqa għandhom ikunu kapaċi:

- jieħdu passi sabiex jipproteġu u jsejħu għall-għajnuna f'każ ta' inċident li jinvolvi persuni,
- jiddeċiedu dwar fejn iwaqqfu l-ferrovija f'każ ta' nar u jiffaċilitaw, jekk tkun meħtieġa, l-evakwazzjoni tal-passiġġieri,
- jipprovdu malajr kemm jista' jkun informazzjoni utli dwar in-nar jekk dan ma jistax jiġi kkontrollat mis-sewwieq waħdu,
- jinfurmaw lill-amministratur ta' l-infrastruttura malajr kemm jista' jkun b'dawn il-kondizzjonijiet,
- jivvalutaw jekk l-infrastruttura tippermettix lill-vettura tkompli timxi u taħt liema kondizzjonijiet.

8. TESTIJIET TAL-LINGWA

Is-sewwieqa li jridu jikkomunikaw ma' l-amministratur ta' l-infrastruttura dwar kwistjonijiet essenzjali ta' sigurtà għandhom ikollhom kompetenzi lingwistiċi fil-lingwa indikata mill-amministratur ta' l-infrastruttura kkonċernat. Il-kompetenzi lingwistiċi tagħhom għandhom ikunu tali li jistgħu jikkomunikaw attivament u effettivament f'sitwazzjonijiet ta' rutina, avversi u ta' emerġenza.

Għandhom jkunu kapaċi jużaw il-messaġġi u l-metodu ta' komunikazzjoni speċifikat fl-"Operazzjonijiet" tat-TSI. Is-sewwieqa għandhom ikunu kapaċi jikkomunikaw fil-livell 3 tat-tabella li ġejja:

Livell tal-Lingwa u tal-Komunikazzjoni

Il-kwalifika orali f'lingwa tista' tiġi suddiviża f'ħames livelli:

| Livell | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 5 | — kapaċi tadatta meta titkellem ma' kwalunkwe interlokutur<br>— kapaċi tagħti opinjoni<br>— kapaċi tinnegozja<br>— kapaċi tipperswadi<br>— kapaċi tagħti parir |
| 4 | — kapaċi taffronta sitwazzjonijiet totalment imprevisti<br>— kapaċi tassumi<br>— kapaċi tesprimi opinjoni argumentata |
| 3 | — kapaċi taffronta sitwazzjonijiet prattiċi li jinvolvu element imprevist<br>— kapaċi tiddeskrivi<br>— kapaċi tkompli konversazzjoni sempliċi |
| 2 | — kapaċi taffronta sitwazzjonijiet sempliċi prattiċi<br>— kapaċi ssaqsi<br>— kapaċi twieġeb għall-mistoqsijiet |
| 1 | — kapaċi titkellem bl-użu ta' sentenzi memorizzati |

*ANNESS VII*

## FREKWENZA TA' L-EŻAMIJIET

Il-frekwenza minima tal-kontrolli perjodiċi għandha tkun kif ġejja:

a) konoxxenza lingwistika (għal min ma jkunx imwieled fil-pajjiż konċernat): kull tliet snin jew wara kwalunkwe assenza ta' aktar minn sena;

b) konoxxenza ta' l-infrastruttura (inkluża l-konoxxenza tar-rotot u r-regoli operattivi): kull tliet snin jew wara kwalunkwe assenza mir-rotta relevanti ta' aktar minn sena;

ċ) konoxxenza tat-tagħmir mobbli: kull tliet snin.

# DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

## I. DAĦLA

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal Direttiva dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità fit-3 ta' Marzu 2004 bħala waħda mill-erba' proposti tat-Tielet Pakkett dwar it-Trasport bil-Ferroviji ([1]).

Fit-28 ta' Settembru 2005, il-Parlament Ewropew ivvota l-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari.

Fl-14 ta' Settembru 2006, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni tiegħu skond l-Artikolu 251 tat-Trattat.

Fit-twettiq tal-ħidma tiegħu, il-Kunsill ħa kont ukoll ta' l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]) u tal-Kumitat tar-Reġjuni ([3]).

## II. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI KOMUNI

### 1. Ġenerali

In-negozjati dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' persunal tal-ferroviji twettqu f'kuntest politiku ffurmat bil-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-politika Ewropea dwar it-trasport għall-2010 ([4]), kif ukoll bl-Ewwel u t-Tieni Pakkett dwar it-Trasport Ferrovjarju. Fil-White Paper il-Kummissjoni ssottolinjat il-ħtieġa għal "sewwieqa ta' magni li jistgħu jsuqu kullimkien fuq in-network trans-Ewropew." L-Ewwel u t-Tieni Pakkett dwar it-Trasport Ferrovjarju jinkludu dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-aċċess għall-infrastruttura, l-interoperabbiltà u s-sigurtà tal-ferroviji f'livell nazzjonali u Ewropew, u b'hekk jipprovdu l-kwadru meħtieġ biex is-suq jinfetaħ għal servizzi ta' merkanzija u għal servizzi ta' passiġġieri internazzjonali.

Għal dak li jirrigwarda l-ftuħ tas-suq, sar ċar li regoli komuni kellhom jiġu adottati maċ-ċertifikazzjoni tas-sewwieqa tal-ferroviji biex jiffaċilitaw l-interoperabbiltà tagħhom u biex jiggarantixxu kondizzjonijiet għall-moviment ħieles ta' ħaddiema fis-settur ferrovjarju.

Il-Pożizzjoni Komuni kif maqbula mill-Kunsill tistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni tas-sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja fil-Komunità. Hija tispeċifika l-kompiti li għalihom huma responsabbli l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, is-sewwieqa tal-ferroviji u l-partijiet interessati l-oħra fis-settur, b'mod partikolari l-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi ta' l-infrastruttura u ċ-ċentri ta' taħriġ. Flimkien ma' dan, il-proposta tistabbilixxi ħtiġiet minimi għas-saħħa fiżika u mentali, testijiet perjodiċi obbligatorji u d-deskrizzjoni ta' ħiliet li sewwieq għandu jkollu. L-abbozz tad-Direttiva se japplika għas-sewwieqa tal-ferroviji biss. Persunal ieħor tal-ferrovija abbord lokomotivi jew ferroviji li jipparteċipa direttament jew indirettament fis-sewqan u/jew f'kompiti oħra kritiċi ta' sigurtà mhux se jkun kopert b'dawn id-dispożizzjonijiet. Hi tinkludi wkoll proċedura speċifika għal eżenzjoni temporanja mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha ta' sewwieqa domestiċi li jiċċirkolaw biss fi ħdan il-fruntiera ta' l-Istati Membri.

### 2. Kwistjonijiet ewlenin ta' politika

(i) *Esklużjoni ta' persunal ieħor*

Il-proposta tal-Kummissjoni pprevediet kamp ta' applikazzjoni li jkopri ċ-ċertifikazzjoni tas-sewwieqa u ta' persunal ieħor tal-ferrovija abbord lokomotivi u ferroviji li jipparteċipaw direttament jew indirettament fis-sewqan u/jew f'kompiti oħra kritiċi ta' sigurtà. L-inklużjoni ta' "persunal ieħor" ġejja minn impenn mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' negozjati li jappartjenu għat-Tieni Pakkett ta' Trasport Ferrovjarju ([5]).

---

([1]) It-3 proposti leġislattivi l-oħra jikkonċernaw:
— Ir-Regolament dwar id-drittijiet u l-obbligi għal passiġġieri li jużaw trasport ferrovjarju internazzjonali id-dok. 7149/04 TRANS109 CODEC 337);
— Ir-Regolament dwar obbligi ta' kwalità għal servizzi ta' merkanzija bil-ferroviji (id-dok. 7150/04 TRANS 110 CODEC 338);
— Id-Direttiva li temenda d-Direttiva 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tas-Sistemi Ferrovjarji tal-Komunità (id-dok. 7147/04 TRANS 107 CODEC 335).

([2]) ĠU C 221, 9.9.2005, p. 20.

([3]) ĠU C 71, 22.03.2005, p. 26.

([4]) id-dok. 11932 01 TRANS 131 AVIATION 70 MAR 76.

([5]) *ara* d-Direttiva 2004/49/KE dwar il-linji ferrovjarji tal-Komunità (Direttiva dwar is-Sigurtà) (ĠU L 220, 21/06/2004, p. 16-31 (premessa 21)).

Il-Kunsill eżamina b'attenzjoni l-pożizzjoni ta' l-ewwel qari tal-Parlament Ewropew li tissuġġerixxi l-inklużjoni ta' persunal tal-ferroviji fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-abbozz tad-Direttiva u ż-żieda ta' mekkaniżmu għaċ-ċertifikazzjoni fl-Artikolu 27.

Madankollu, fil-Pożizzjoni Komuni tiegħu, il-Kunsill xorta jillimita l-kamp ta' applikazzjoni ta' l-abbozz tad-Direttiva għal sewwieqa tal-ferroviji. Waqt li ma jopponix il-prinċipju ta' ċertifikazzjoni ta' "persunal ieħor", il-Kunsill jikkonsidra tali kamp ta' applikazzjoni estiż bħala prematur għax la hu magħruf liema persunal se jaqa' f'tali kategorija u lanqas liema kompiti huma għandhom iwettqu. Konsegwentement, ġiet miżjuda dispożizzjoni ma' l-abbozz tad-Direttiva li tagħti lill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea l-kompitu li tfassal rapport li jidentifika l-profil u l-kompiti ta' tali persunal ieħor. Dan ir-rapport għandu jiġi ppreżentat sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva (ara l-Artikolu 27).

Il-Kunsill inkluda wkoll dispożizzjoni speċjali li tissalvagwardja ċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' ferroviji ta' merkanzija madwar it-territorju ta' l-Unjoni Ewropea (*ara* l-Artikolu 2(2)).

ii) *Ċertifikazzjoni ta' "sewwieqa domestiċi"*

Wara l-proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill iddeċieda li japplika d-dispożizzjoni ta' dan l-abbozz ta' Direttiva għas-sewwieqa tal-ferroviji kollha fi ħdan il-Komunità. Dan jimplika li sewwieqa domestiċi li jiċċirkolaw biss fi ħdan il-fruntiera ta' Stat Membru huma wkoll inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

Madankollu, il-Kunsill iddeċieda li Stat Membru jista' jitlob mill-Kummissjoni li l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea twettaq analiżi ta' kost/benefiċċju ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni fid-Direttiva għal sewwieqa ta' ferroviji li joperaw esklussivament fit-territorju ta' dak l-Istat Membru. Jekk din l-analiżi turi li l-kosti ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni miżmuma f'din id-Direttiva għal tali sewwieqa ta' ferroviji huma ikbar mill-benefiċċji, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni f'temp ta' 6 xhur wara s-sottomissjoni tar-riżultati ta' din l-analiżi kost/benefiċċju. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni bbażata fuq din l-analiżi jista' jkollha l-effett li d-Direttiva m'għandux ikollha tiġi applikata għal sewwieqa ta' ferroviji domestiċi għal perijodu sa 10 snin fuq it-territorju ta' l-Istat Membru konċernat. Jekk ikun hemm bżonn, jista' jingħata perijodu ġdid ta' eżenzjoni taħt proċedura simili. (ara l-Artikolu 36.5)

Il-Parlament Ewropew jikkondividi l-opinjonijiet tal-Kunsill f'dak ir-rigward u adotta proċedura simili fit-tieni parti ta' l-emenda 40 tiegħu.

iii) *Dħul gradwali*

Fil-proposta tagħha l-Kummissjoni tissuġġerixxi perijodu ta' dħul gradwali fi tliet stadji, imqassam fuq is-snin 2006 sa 2015.

Fl-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari (l-ewwel parti mill-emenda 40), il-Parlament Ewropew segwa l-approċċ tal-Kummissjoni, imma ddeċieda li javvanza d-dati b'sena.

Fil-Pożizzjoni Komuni tiegħu l-Kunsill isegwi fi prinċipju l-approċċ fi tliet passi tal-Kummissjoni, imma ma jorbotx l-istadji individwali ma' dati fissi. Id-dħul gradwali (l-għoti ta' liċenzji "ġodda" u/jew ċertifikati f'konformità ma' din id-Direttiva), li l-Kunsill adotta, tippreżenta lilha nnifisha kif ġej:

Tibda mid-data li fiha r-reġistri nazzjonali neċessarji jkunu ġew stabbiliti:

1. wara sena: applikazzjoni għal sewwieqa ġodda — involuti f'servizzi trans-konfini, servizzi ta' kabotaġġ jew merkanzija fi Stat Membru ieħor, jew jaħdmu f'iżjed minn Stat Membru wieħed — *u* għal sewwieqa li diġà ħadmu fuq dawk is-servizzi, imma li jeħtieġu liċenzja jew ċertifikat ġdid;

2. wara 3 snin: applikazzjoni għas-sewwieqa kollha li għandhom bżonn liċenzja jew ċertifikat ġdid;

3. wara 8 snin: applikazzjoni għas-sewwieqa kollha.

Dispożizzjoni laterali miżmuma fl-Artikolu 36.3 tiżgura li sewwieq jista' jkompli jsuq abbażi ta' l-intitolamenti eżistenti tiegħu, sakemm japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 36.2 a), b) jew ċ).

## III. EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Kunsill seta' jaċċetta b'mod sħiħ l-emendi 27, 36 u 44 tal-Parlament Ewropew. Kif diġà spjegat hawn fuq, il-Kunsill irrifjuta l-emendi 7, 9, 11, 34, 35 u 40 (l-ewwel parti). Għal dak li jikkonċerna l-emendi 15, 24, 25, 26, 32, 38, 39 u 45 il-Kunsill iddeċieda li jsegwi lill-Kummissjoni Ewropea u jirrifjutahom. L-emendi 1, 2, 3, 4, 5, 6, 8, 10, 12, 13, 14, 17, 18, 19, 21, 22, 23, 28, 29, 30, 31, 33, 37, 40 (it-tieni parti) 41, 42, 43, 46 u 47 huma simili għall-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill jew qrib l-ispirtu li fih ġiet abbozzata.

## IV. KONKLUŻJONI

Fl-istabbiliment tal-Pożizzjoni Komuni tiegħu, il-Kunsill ħa kont sħiħ tal-proposta tal-Kummissjoni u ta' l-opinjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari. Fir-rigward ta' l-emendi proposti mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill osserva li numru konsiderevoli ta' emendi ġew — fl-ispirtu, parzjalment jew kompletament — diġà koperti fil-Pożizzjoni Komuni tiegħu.

Għal dak li jikkonċerna ż-żewġ kwistjonijiet ewlenin ta' nuqqas ta' qbil — l-inklużjoni ta' persunal tal-ferroviji fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-abbozz tad-Direttiva u l-mument tad-dħul gradwali tagħha (dati) — il-Kunsill jikkonsidra s-soluzzjonijiet tiegħu bħala li huma reazzjoni bilanċjata u xierqa.

# POŻIZZJONI KOMUNI (KE) Nru 22/2006

## adottata mill-Kunsill fil-25 ta' Settembru 2006

## bil-ħsieb li tadotta Regolament (KE) Nru …/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'… dwar il-liġi applikabbli fuq obbligazzjonijiet non-kontrattwali ("ROME II")

(2006/C 289 E/04)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 61(ċ) u 67 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Il-Komunità stabbilixxiet għaliha stess l-objettiv li żżomm u tiżviluppa żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Għall-istabbiliment progressiv ta' tali żona, il-Komunità għandha tadotta miżuri relatati mal-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li jkollhom impatt trans-konfinali sa fejn ikun neċessarju għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

(2) Skond l-Artikolu 65(b) tat-Trattat, dawn il-miżuri għandhom jinkludu dawk li jippromwovu l-kompatibbiltà tar-regoli applikabbli fl-Istati Membri li jikkonċernaw il-konflitti ta' liġijiet u ta' ġurisdizzjoni.

(3) Il-Kunsill Ewropew li ltaqa' f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999 ikkonferma l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet oħra ta' awtoritajiet ġudizzjarji bħala l-pedament tal-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u stieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jadottaw programm ta' miżuri sabiex jimplementaw dak il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku.

(4) Fit-30 ta' Novembru 2000, il-Kunsill adotta programm konġunt tal-Kummissjoni u l-Kunsill ta' miżuri għall-implementazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet f'materji ċivili u kummerċjali ([3]). Il-programm jidentifika miżuri li jirrelataw ma' l-armonizzazzjoni ta' regoli tal-konflitt ta' liġijiet bħala dawk li jiffaċilitaw ir-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi.

(5) Il-Programm ta' l-Aja ([4]), adottat mill-Kunsill Ewropew fil-5 ta' Novembru 2004, sejjaħ sabiex titwettaq ħidma b'mod attiv dwar ir-regoli tal-konflitt ta' liġijiet fir-rigward ta' obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali ("Ruma II").

(6) Il-funzjonament tajjeb tas-suq intern jeżiġi li r-regoli tal-konflitt ta' liġijiet fl-Istati Membri jindikaw l-istess liġi nazzjonali irrispettivament mill-pajjiż tal-qorti li fih tkun saret il-kawża, u dan sabiex jittejbu l-prevedibbiltà tar-riżultat tal-kawżi, iċ-ċertezza dwar il-liġi applikabbli u l-moviment liberu tas-sentenzi.

(7) L-ambitu materjali u d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u infurzar ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ([5]) ("Brussel I") u l-Konvenzjoni ta' Ruma dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali ([6]).

(8) Dan ir-Regolament għandu japplika irrispettivament min-natura tal-qorti jew tat-tribunal li quddiemhom tressqet it-talba.

(9) It-talbiet li jirriżultaw minn *"acta iure imperii"* għandhom jinkludu talbiet magħmula kontra uffiċjali li jaġixxu f'isem l-Istat u r-responsabbiltà għal atti ta' awtoritajiet pubbliċi, inkluża r-responsabbiltà ta' funzjonarji pubbliċi. Għalhekk, dawn il-kwistjonijiet għandhom ikunu esklużi mill-ambitu ta' dan ir-Regolament.

(10) Ir-relazzjonijiet familjari għandhom ikopru relazzjonijiet bejn axxendenti u dixxendenti, żwieġ, affinità u qraba kollaterali. Ir-referenza fl-Artikolu 1(2) għal relazzjonijiet b'effetti komparabbli ma' dawk ta' żwieġ u relazzjonijiet familjari oħrajn għandha tiġi interpretata skond il-liġi ta' l-Istat Membru li fih tkun il-qorti li quddiemha tressqet it-talba.

(11) Il-kunċett ta' obbligazzjoni mhux kuntrattwali jvarja minn Stat Membru għal ieħor. Għalhekk għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kunċett ta' obbligazzjoni mhux kuntrattwali għandu jinftiehem bħala kunċett awtonomu.

([1]) ĠU C 241, 28.9.2004, p. 1.

([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2005 (ĠU C 157 E, 6.7.2006, p. 371), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' 25 ta' Settembru 2006 u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' … (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) ĠU C 12, 15.1.2001, p.1.

([4]) ĠU C 53, 3.3.2005, p. 1.

([5]) ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2245/2004 (ĠU L 381, 28.12.2004, p. 10).

([6]) ĠU C 27, 26.1.1998, p. 34.

(12) Regoli uniformi, applikati irrispettivament mil-liġi li huma jinvokaw, jistgħu jevitaw ir-riskju ta' distorzjonijiet tal-kompetizzjoni bejn litiganti Komunitarji.

(13) Il-prinċipju ta' "*lex loci delicti commissi*" huwa s-soluzzjoni bażika għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali fi kważi l-Istati Membri kollha, iżda l-applikazzjoni prattika tal-prinċipju fejn l-elementi tal-każ ikunu mifruxa f'diversi pajjiżi tvarja. Din is-sitwazzjoni hija sors ta' inċertezza dwar il-liġi applikabbli.

(14) Regoli uniformi għandhom itejbu l-prevedibbiltà tad-deċiżjonijiet tal-qrati u jiżguraw bilanċ raġonevoli bejn l-interessi tal-persuna allegatament responsabbli u dawk tal-persuna li ġarrbet id-dannu. Konnessjoni mal-pajjiż fejn seħħ id-dannu dirett (*lex loci damni*) toħloq bilanċ ġust bejn l-interessi tal-persuna miżmuma responsabbli u tal-persuna li ġġarrab id-dannu, u tirrifletti wkoll l-approċċ modern tar-responsabbiltà ċivili u l-iżvilupp ta' sistemi ta' responsabbiltà oġġettiva.

(15) Il-liġi applikabbli għandha tiġi determinata abbażi ta' fejn iseħħ id-dannu, irrispettivament mill-pajjiż jew pajjiżi fejn jistgħu jseħħu l-konsegwenzi indiretti. Għaldaqstant, f'każijiet ta' korriment personali jew ta' dannu lill-proprjetà, il-pajjiż fejn seħħ id-dannu għandu jkun il-pajjiż fejn kien sostnut il-korriment jew fejn sar dannu lill-proprjetà rispettivament.

(16) Ir-regola ġenerali f'dan ir-Regolament għandha tkun il-"*lex loci damni*" prevista fl-Artikolu 4(1). L-Artikolu 4(2) għandu jitqies bħala eċċezzjoni għal dan il-prinċipju ġenerali, li joħloq konnessjoni speċjali fejn il-partijiet ikollhom ir-residenza abitwali fl-istess pajjiż. L-Artikolu 4(3) għandu jinftiehem bħala "klawżola ta' salvagwardja" mill-Artikolu 4(1) u (2) fejn ikun ċar miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li d-delitt/kważi-delitt ċivili jkun b'mod ċar iżjed marbut mill-qrib ma' pajjiż ieħor.

(17) Għandhom jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għal delitti/kważi-delitti ċivili speċjali fejn ir-regola ġenerali ma tippermettix li jintlaħaq bilanċ raġonevoli bejn l-interessi litigati.

(18) Ir-regola ta' konflitt, għal dak li jirrigwarda r-responsabbiltà għal dannu minn prodotti, għandha tilħaq l-objettivi li r-riskji inerenti f'soċjetà moderna ta' teknoloġija avvanzata jinfirxu b'mod ġust, li tiġi protetta s-saħħa tal-konsumaturi, li tiġi stimulata l-innovazzjoni, li tiġi ggarantita l-kompetizzjoni mhux distorta u li jiġi ffaċilitat il-kummerċ. Il-ħolqien ta' sistema kaskata ta' fatturi ta' konnessjoni, flimkien ma' klawżola ta' prevedibbiltà, hija soluzzjoni bbilanċjata fir-rigward ta' dawn l-objettivi. L-ewwel element li jrid jittieħed kont tiegħu huwa l-liġi tal-pajjiż li fih il-persuna li ssofri d-dannu jkollha r-residenza abitwali tagħha meta jsir id-dannu, jekk il-prodott kien kummerċjalizzat f'dak il-pajjiż. L-elementi l-oħra tal-kaskata jiskattaw jekk il-prodott ma kienx kummerċjalizzat f'dak il-pajjiż, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(2) u għall-possibbiltà ta' konnessjoni manifestament aktar stretta ma' pajjiż ieħor.

(19) Ir-regola speċjali fl-Artikolu 6 mhijiex eċċezzjoni għar-regola ġenerali fl-Artikolu 4(1) iżda hija pjuttost kjarifika tagħha. Fi kwistjonijiet ta' kompetizzjoni żleali, ir-regola ta' konflitt għandha tipproteġi l-kompetituri, il-konsumaturi u l-pubbliku ġenerali u tiżgura li l-ekonomija tas-suq tiffunzjona sew. Il-konnessjoni mal-liġi tal-pajjiż fejn ir-relazzjonijiet kompetittivi jew l-interessi kollettivi tal-konsumaturi ikunu, jew probabbilment jiġu, milquta ġeneralment tissodisfa dawn l-objettivi.

(20) L-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li jiġu mir-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni fl-Artikolu 6(3) għandhom ikopru ksur kemm tal-liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni kif ukoll tal-liġi Komunitarja tal-kompetizzjoni. Il-liġi applikabbli għal tali obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali għandha tkun il-liġi tal-pajjiż li fis-suq tiegħu r-restrizzjoni jkollha, jew probabbilment ikollha, effett, sakemm l-effett ikun dirett u sostanzjali. Fejn id-dannu jiġi subit f'aktar minn pajjiż wieħed, l-applikazzjoni tal-liġi ta' kwalunkwe wieħed minn dawk il-pajjiżi għandha tkun limitata għad-dannu li seħħ f'dak il-pajjiż.

(21) L-eżempji ta' każijiet koperti bl-Artikolu 6(3) jinkludu projbizzjonijiet ta' ftehim bejn impriżi, ta' deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi u ta' prattiċi miftiehma li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri u li jkollhom bħala oġġett jew effett il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorzjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan Stat Membru jew fi ħdan is-suq intern, kif ukoll projbizzjonijiet ta' l-abbuż ta' pożizzjoni dominanti fi ħdan Stat Membru jew fi ħdan is-suq intern.

(22) Rigward danni ambjentali, l-Artikolu 174 tat-Trattat, li jipprovdi li għandu jkun hemm livell għoli ta' protezzjoni bbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u l-prinċipju li għandha tittieħed azzjoni preventiva, il-prinċipju ta' prijorità għal azzjoni korrettiva fis-sors u l-prinċipju li min iniġġes iħallas, jiġġustifika bi sħiħ l-użu tal-prinċipju ta' diskriminazzjoni favur il-persuna li ssofri d-dannu. Il-kwistjoni dwar meta l-persuna li tfittex il-kumpens tista' tagħmel l-għażla tal-liġi applikabbli għandha tiġi determinata skond il-liġi ta' l-Istat Membru fejn tkun il-qorti li quddiemha tressqet it-talba.

(23) Rigward ksur ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali, għandu jinżamm il-prinċipju ta' *lex loci protectionis* rikonoxxut universalment. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "drittijiet ta' proprjetà intellettwali" għandu jiġi interpretat bħala li jfisser, per eżempju, id-dritt ta' l-awtur, id-drittijiet relatati, id-dritt *sui generis* għall-protezzjoni ta' *databases* u d-drittijiet ta' proprjetà industrijali.

(24) Il-kunċett preċiż ta' azzjoni industrijali, bħal azzjoni ta' "strike" jew ta' qfil tal-ħaddiema barra mill-post tax-xogħol, ivarja minn Stat Membru għal ieħor u huwa regolat mir-regoli interni ta' kull Stat Membru. Għalhekk,

dan ir-Regolament jassumi bħala prinċipju ġenerali li għandha tapplika l-liġi tal-pajjiż fejn tittieħed l-azzjoni industrijali, bil-għan li jiġu protetti d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem.

(25) Ir-regola speċjali dwar azzjoni industrijali fl-Artikolu 9 hija mingħajr preġudizzju għall-kondizzjonijiet relatati ma' l-eżerċizzju ta' tali azzjoni skond il-liġi nazzjonali u mingħajr preġudizzju għall-istatus legali ta' l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-ħaddiema jew tat-*trade unions* kif previst fil-liġijiet ta' l-Istati Membri.

(26) Għandhom jiġu stabbiliti regoli speċjali għal meta d-dannu jirriżulta minn att divers minn delitt jew kważi-delitt ċivili, bħal fil-każijiet ta' arrikkiment inġust, *negotiorum gestio* u *culpa in contrahendo*.

(27) Il-kunċett ta' *culpa in contrahendo* għall-finijiet ta' dan ir-Regolament huwa kunċett awtonomu u m'għandux neċessarjament jiġi interpretat fis-sens tal-liġi nazzjonali. Huwa għandu jinkludi l-vjolazzjoni ta' l-obbligu ta' l-iżvelar u l-falliment ta' negozjati kuntrattwali. L-Artikolu 12 ikopri biss obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li jippreżentaw konnessjoni diretta ma' relazzjonijiet qabel il-konklużjoni ta' kuntratt. Dan ifisser li jekk, waqt li qiegħed jiġi negozjat kuntratt, persuna ssofri dannu personali, għandu japplika l-Artikolu 4 jew dispożizzjonijiet relevanti oħra ta' dan ir-Regolament.

(28) Sabiex jiġu rispettati l-intenzjonijiet tal-partijiet u tittejjeb iċ-ċertezza ġuridika, il-partijiet għandhom jitħallew jagħmlu għażla espliċita rigward il-liġi applikabbli għal obbligazzjoni mhux kuntrattwali. Għandha tingħata protezzjoni lill-partijiet l-iżjed dgħajfa billi jiġu imposti ċerti kondizzjonijet fuq l-għażla.

(29) Il-konsiderazzjonijiet ta' l-interess pubbliku jiġġustifikaw il-possibbiltà mogħtija lill-qrati ta' l-Istati Membri li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, japplikaw eċċezzjonijiet ibbażati fuq il-prinċipju ta' l-ordni pubbliku u fuq dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti.

(30) Sabiex jintlaħaq bilanċ raġonevoli bejn il-partijiet, għandu jittieħed kont, safejn ikun xieraq, tar-regoli ta' sigurtà u ta' kondotta fis-seħħ fil-pajjiż li fih twettaq l-att dannuż, anke fejn l-obbligazzjoni mhux kuntrattwali tkun regolata minn liġi ta' pajjiż ieħor. It-terminu "regoli ta' sigurtà u ta' kondotta" għandu jiġi interpretat fis-sens li jirreferi għar-regolamenti kollha li jkollhom kwalunkwe relazzjoni mas-sigurtà u l-kondotta, inklużi, per eżempju, ir-regoli tas-sigurtà fit-triq f'każ ta' aċċident.

(31) Għandha tiġi evitata s-sitwazzjoni fejn ir-regoli tal-konflitt ta' liġijiet ikunu dispersi fost diversi strumenti u fejn ikunu jeżistu differenzi bejn dawk ir-regoli. Dan ir-Regolament, madankollu, ma jeskludix il-possibbiltà ta' inklużjoni ta' regoli tal-konflitt ta' liġijiet relatati ma' obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali f'dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja fir-rigward ta' materji partikolari.

Dan ir-Regolament m'għandux jippreġudika l-applikazzjoni ta' strumenti oħra li jistabbilixxu dispożizzjonijiet imfasslin sabiex jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern sa fejn ma jkunux jistgħu jiġu applikati flimkien mal-liġi indikata mir-regoli ta' dan ir-Regolament.

(32) Ir-rispett għall-impenji internazzjonali li assumew l-Istati Membri jfisser li dan ir-Regolament m'għandux jinċidi fuq il-konvenzjonijiet internazzjonali li għalihom ikunu partijiet xi Stat Membru wieħed jew iżjed fid-data meta dan ir-Regolament jiġi adottat. Sabiex tagħmel ir-regoli aktar aċċessibbli, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista tal-konvenzjonijiet relevanti fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* abbażi ta' l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri.

(33) Il-Kummissjoni sejra tagħmel proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fir-rigward tal-proċeduri u l-kondizzjonijiet skond liema l-Istati Membri jkunu intitolati jinnegozjaw u jikkonkludu f'isimhom ftehim ma' pajjiżi terzi f'każi individwali u eċċezzjonali, li jikkonċernaw kwistjonijiet settorjali, li jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali.

(34) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri, u jista' għalhekk, minħabba l-iskala ta' azzjoni u l-effetti tar-Regolament, jintlaħaq aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, konformement mal-prinċipju ta' sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.

(35) Ir-Renju Unit u l-Irlanda, konformement ma' l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, taw avviż dwar ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(36) Konformement ma' l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

## AMBITU TA' APPLIKAZZJONI

### *Artikolu 1*

### L-ambitu materjali

1. Dan ir-Regolament għandu japplika, f'sitwazzjonijiet li jinvolvu konflitt ta' liġijiet, għall-obbligazzjonijiet mhux

kuntrattwali f'materji ċivili u kummerċjali. Huwa ma għandux japplika, b'mod partikolari, għal materji fiskali, doganali u amministrattivi jew għar-responsabbiltà ta' l-Istat għal atti u ommissjonijiet fl-eżerċizzju ta' l-awtorità ta' l-Istat ("*acta iure imperii*").

2. Dawn li ġejjin għandhom ikunu esklużi mill-ambitu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament:

(a) obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li jirriżultaw minn relazzjonijiet familjari u relazzjonijiet li skond il-liġi applikabbli għal tali relazzjonijiet ikollhom effetti komparabbli, inklużi obbligazzjonijiet ta' manteniment;

(b) obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li jirriżultaw minn reġimi matrimonjali, minn reġimi patrimonjali ta' relazzjonijiet li skond il-liġi applikabbli għal tali relazzjonijiet għandhom effetti komparabbli ma' dawk taż-żwieġ, u mis-suċċessjoni;

(ċ) obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li jirriżultaw minn kambjali, ċekkijiet u noti promissorji u strumenti negozjabbli oħra sa fejn l-obbligazzjonijiet taħt tali strumenti negozjabbli oħra jirriżultaw mill-karattru negozjabbli tagħhom;

(d) obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li jirriżultaw mil-liġi dwar il-kumpanniji u dwar korpi oħra, ġuridiċi jew mhux inkorporati, li jirrigwardaw materji bħall-ħolqien, permezz tar-reġistrazzjoni jew b'mod ieħor, il-kapaċità ġuridika, l-organizzazzjoni interna jew l-istralċ ta' kumpanniji u ta' korpi oħra ġuridiċi jew mhux inkorporati, ir-responsabbiltà personali ta' uffiċjali u ta' membri simili għall-obbligazzjonijiet tal-kumpannija jew tal-korp u r-responsabbiltà personali ta' awdituri lejn kumpannija jew lejn il-membri tagħha fil-verifiki statutorji ta' dokumenti ta' kontabbiltà;

(e) obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li jirriżultaw minn relazzjonijiet bejn is-*settlors*, it-*trustees* jew il-benefiċjarji ta' *trust* maħluq volontarjament;

(f) obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li jirriżultaw minn dannu nukleari,

(g) obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li jirriżultaw minn vjolazzjonijiet tal-privatezza u tad-drittijiet relatati mal-personalità, inkluża d-diffamazzjoni.

3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-prova u għall-proċedura, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 21 u 22.

4. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "Stat Membru" għandha tfisser kwalunkwe Stat Membru minbarra d-Danimarka.

*Artikolu 2*

**Obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, dannu għandu jkopri kwalunkwe konsegwenza li tirriżulta minn delitt/kważi-delitt ċivili, arrikkiment inġust, *negotiorum gestio* jew *culpa in contrahendo*.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li probabbilment jirriżultaw.

3. Kwalunkwe referenza f'dan ir-Regolament għal:

(a) avveniment li jwassal għal dannu għandu jinkludi avvenimenti, li jwasslu għal dannu, li probabbilment iseħħu; u

(b) dannu għandu jinkludi dannu li probabbilment iseħħ.

*Artikolu 3*

**Applikazzjoni universali**

Kwalunkwe liġi speċifikata minn dan ir-Regolament għandha tiġi applikata kemm jekk tkun l-liġi ta' Stat Membru kif ukoll jekk ma tkunx.

KAPITOLU II

**DELITTI JEW KWAŻI-DELITTI ĊIVILI**

*Artikolu 4*

**Regola ġenerali**

1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, il-liġi applikabbli għal obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirriżulta minn delitt jew kważi-delitt ċivili għandha tkun il-liġi tal-pajjiż fejn iseħħ id-dannu irrispettivament mill-pajjiż fejn seħħ l-avveniment li wassal għad-dannu u irrispettivament mill-pajjiż jew pajjiżi fejn iseħħu l-konsegwenzi indiretti ta' dak l-avveniment.

2. Madankollu, fejn kemm l-persuna allegatament responsabbli kif ukoll il-persuna li ssofri d-dannu ikollhom ir-residenza abitwali tagħhom fl-istess pajjiż fil-mument meta jseħħ id-dannu, il-liġi applikabbli għandha tkun il-liġi ta' dak il-pajjiż.

3. Fejn ikun jidher ċar miċ-ċirkustanzi kollha tal-każ li d-delitt jew kważi-delitt ċivili huwa manifestament konness aktar mill-qrib ma' pajjiż divers minn dak indikat fil-paragrafi 1 jew 2, għandha tapplika l-liġi ta' dak il-pajjiż l-ieħor. Konnessjoni manifestament aktar mill-qrib ma' pajjiż ieħor tista' tkun ibbażata b'mod partikolari fuq relazzjoni pre-eżistenti bejn il-partijiet, bħal kuntratt, li tkun konnessa mill-qrib mad-delitt jew kważi-delitt ċivili in kwistjoni.

*Artikolu 5*

**Responsabbiltà għal dannu minn prodotti**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(2), il-liġi applikabbli għal obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirriżulta minn dannu kawżat minn prodott għandha tkun:

(a) il-liġi tal-pajjiż fejn il-persuna li ssofri d-dannu kellha r-residenza abitwali tagħha meta seħħ id-dannu, jekk il-prodott kien kummerċjalizzat f'dak il-pajjiż; jew, fin-nuqqas ta' din,

(b) il-liġi tal-pajjiż minn fejn kien akkwistat il-prodott, jekk il-prodott kien kummerċjalizzat f'dak il-pajjiż; jew, fin-nuqqas ta' din,

(ċ) il-liġi tal-pajjiż fejn ikun seħħ id-dannu, jekk il-prodott kien kummerċjalizzat f'dak il-pajjiż.

Madankollu, il-liġi applikabbli għandha tkun il-liġi tal-pajjiż fejn il-persuna allegatament responsabbli tkun abitwalment residenti jekk ma setgħetx raġonevolment tipprevedi l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott, jew ta' prodott ta' l-istess tip, fil-pajjiż li l-liġi tiegħu tkun applikabbli taħt (a), (b) jew (ċ).

2. Fejn ikun jidher ċar miċ-ċirkustanzi kollha tal-każ li d-delitt jew kważi-delitt ċivili huwa manifestament konness aktar mill-qrib ma' pajjiż divers minn dak indikat fil-paragrafu 1, għandha tapplika l-liġi ta' dak il-pajjiż l-ieħor. Konnessjoni manifestament aktar mill-qrib ma' pajjiż ieħor tista' tkun ibbażata b'mod partikolari fuq relazzjoni pre-eżistenti bejn il-partijiet, bħal kuntratt, li tkun konnessa mill-qrib mad-delitt jew kważi-delitt ċivili in kwistjoni.

*Artikolu 6*

## Kompetizzjoni żleali u atti li jirrestrinġu l-kompetizzjoni libera

1. Il-liġi applikabbli għal obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirriżulta minn att ta' kompetizzjoni żleali għandha tkun il-liġi tal-pajjiż fejn ir-relazzjonijiet ta' kompetittività jew l-interessi kollettivi tal-konsumaturi ikunu, jew probabbilment jiġu, milquta.

2. Fejn att ta' kompetizzjoni żleali jolqot esklussivament l-interessi ta' kompetitur speċifiku, għandu japplika l-Artikolu 4.

3. Il-liġi applikabbli għal obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirriżulta minn restrizzjoni ta' kompetizzjoni għandha tkun il-liġi tal-pajjiż li fis-suq tiegħu r-restrizzjoni jkollha, jew probabbilment ikollha, effett.

4. Il-liġi applikabbli taħt dan l-Artikolu ma tistax tiġi derogata b'xi ftehim skond l-Artikolu 14.

*Artikolu 7*

## Dannu ambjentali

Il-liġi applikabbli għal obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirriżulta minn dannu ambjentali jew dannu sostnut minn persuni jew proprjetà bħala riżultat ta' tali dannu għandha tkun il-liġi stabbilita skond l-Artikolu 4(1), sakemm il-persuna li titlob kumpens għad-dannu ma tagħżilx li tibbaża t-talba tagħha fuq il-liġi tal-pajjiż li fih ikun seħħ l-avveniment li wassal għad-dannu.

*Artikolu 8*

## Ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali

1. Il-liġi applikabbli għal obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirriżulta minn ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali għandha tkun il-liġi tal-pajjiż li għalih tkun intalbet il-protezzjoni.

2. Fil-każ ta' obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirriżulta minn ksur ta' dritt Komunitarju unitarju ta' proprjetà intellettwali, il-liġi applikabbli għandha tkun, għal kwalunkwe kwistjoni mhux regolata mill-istrument Komunitarju relevanti, il-liġi tal-pajjiż fejn ikun seħħ il-ksur.

3. Il-liġi applikabbli taħt dan l-Artikolu ma tistax tiġi derogata b'xi ftehim skond l-Artikolu 14.

*Artikolu 9*

## Azzjoni industrijali

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(2), il-liġi applikabbli għal obbligazzjoni mhux kuntrattwali fir-rigward tar-responsabbiltà ta' persuna fil-kapaċità ta' ħaddiem jew ta' persuna li tħaddem jew ta' l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi professjonali tagħhom għal danni kawżati b'azzjoni industrijali, pendenti jew eżegwita, għandha tkun il-liġi tal-pajjiż fejn l-azzjoni tkun sejra titwettaq jew diġà twettqet.

KAPITOLU III

## ARRIKKIMENT INĠUST, *NEGOTIORUM GESTIO* U *CULPA IN CONTRAHENDO*

*Artikolu 10*

## Arrikkiment inġust

1. Jekk obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirriżulta minn arrikkiment inġust, inkluż il-pagament ta' ammonti indebitament riċevuti, tikkonċerna relazzjoni eżistenti bejn il-partijiet, bħal waħda li tirriżulta minn kuntratt jew delitt jew kważi-delitt ċivili, li tkun konnessa mill-qrib ma' dak l-arrikkiment inġust, dik l-obbligazzjoni għandha tkun regolata mil-liġi li tirregola dik ir-relazzjoni.

2. Fejn il-liġi applikabbli ma tistax tkun determinata abbażi tal-paragrafu 1 u l-partijiet għandhom ir-residenza abitwali tagħhom fl-istess pajjiż meta jseħħ l-avveniment li jwassal għall-arrikkiment inġust, il-liġi applikabbli għandha tkun il-liġi ta' dak il-pajjiż.

3. Fejn il-liġi applikabbli ma tistax tiġi determinata abbażi tal-paragrafi 1 jew 2, il-liġi applikabbli għandha tkun il-liġi tal-pajjiż li fih ikun seħħ l-arrikkament inġust.

4. Fejn ikun jidher ċar miċ-ċirkustanzi kollha tal-każ li l-obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirriżulta minn arrikkament inġust hija manifestament konnessa aktar mill-qrib ma' pajjiż divers minn dak indikat fil-paragrafi 1, 2 u 3, għandha tapplika l-liġi ta' dak il-pajjiż l-ieħor.

*Artikolu 11*

## Negotiorum gestio

1. Jekk obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirriżulta minn att imwettaq mingħajr l-awtorità debita b'konnessjoni ma' l-affarijiet ta' persuna oħra, tikkonċerna relazzjoni eżistenti bejn il-partijiet, bħal waħda li tirriżulta minn kuntratt jew delitt jew kważi-delitt ċivili, li tkun konnessa mill-qrib ma' dik l-obbligazzjoni mhux kuntrattwali, din għandha tkun regolata mil-liġi li tirregola dik ir-relazzjoni.

2. Fejn il-liġi applikabbli ma tistax tiġi determinata abbażi tal-paragrafu 1, u l-partijiet ikollhom ir-residenza abitwali tagħhom fl-istess pajjiż meta jseħħ l-avveniment li jwassal għad-dannu, il-liġi applikabbli għandha tkun il-liġi ta' dak il-pajjiż.

3. Fejn il-liġi applikabbli ma tistax tiġi determinata abbażi tal-paragrafi 1 jew 2, hija għandha tkun il-liġi tal-pajjiż fejn twettaq l-att.

4. Fejn ikun jidher ċar miċ-ċirkustanzi kollha tal-każ li l-obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirriżulta minn att imwettaq mingħajr l-awtorità debita b'konnessjoni ma' l-affarijiet ta' persuna oħra hija manifestament konnessa aktar mill-qrib ma' pajjiż divers minn dak indikat fil-paragrafi 1, 2 u 3, għandha tapplika l-liġi ta' dak il-pajjiż l-ieħor.

*Artikolu 12*

**Culpa in contrahendo**

1. Il-liġi applikabbli għal obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirriżulta minn relazzjonijiet qabel il-konklużjoni ta' kuntratt, irrispettivament minn jekk il-kuntratt kienx fil-fatt ġie konkluż jew le, għandha tkun il-liġi li tapplika għall-kuntratt jew li kienet tkun applikabbli għalih kieku ġie konkluż.

2. Fejn il-liġi applikabbli ma tistax tiġi determinata abbażi tal-paragrafu 1, hija għandha tkun:

(a) il-liġi tal-pajjiż li fih iseħħ id-dannu, irrispettivament mill-pajjiż li fih seħħ l-avveniment li wassal għad-dannu u irrispettivament mill-pajjiż jew pajjiżi li fihom seħħew il-konsegwenzi indiretti ta' dak l-avveniment, jew

(b) fejn il-partijiet ikollhom ir-residenza abitwali tagħhom fl-istess pajjiż meta jseħħ l-avveniment li jwassal għad-dannu, il-liġi ta' dak il-pajjiż, jew

(ċ) ikun jidher ċar miċ-ċirkustanzi kollha tal-każ li l-obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirriżulta minn relazzjonijiet qabel il-konklużjoni ta' kuntratt hija manifestament konnessa aktar mill-qrib ma' pajjiż divers minn dak indikat fil-punti (a) u (b), il-liġi ta' dak il-pajjiż l-ieħor.

*Artikolu 13*

**L-applikabbiltà ta' l-Artikolu 8**

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, l-Artikolu 8 għandu japplika għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li jirriżultaw minn ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali.

KAPITOLU IV

**IL-LIBERTÀ TA' L-GĦAŻLA**

*Artikolu 14*

**Il-libertà ta' l-għażla**

1. Il-partijiet jistgħu jiftiehmu li jissottoponu obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali għal liġi magħżula minnhom:

(a) bi ftehim konkluż wara li jkun seħħ l-avveniment li wassal għad-dannu li sar;

jew

(b) fejn il-partijiet kollha jeżerċitaw attività kummerċjali, ukoll bi ftehim liberament negozjat qabel ma jkun seħħ l-avveniment li wassal għad-dannu li sar.

L-għażla għandha tkun espressa jew manifestata b'mod raġonevolment ċert miċ-ċirkostanzi tal-każ u m'għandhiex tippreġudika d-drittijiet ta' partijiet terzi.

2. Fejn l-elementi kollha pertinenti għas-sitwazzjoni fil-mument meta jseħħ l-avveniment li jwassal għad-dannu jkunu jinsabu f'pajjiż divers mill-pajjiż li tiegħu ġiet magħżula l-liġi, l-għażla tal-partijiet ma għandhiex tippreġudika l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-liġi ta' dak il-pajjiż li minnhom dik il-liġi ma tippermettix deroga permezz ta' ftehim.

3. Fejn l-elementi kollha pertinenti għas-sitwazzjoni fil-mument meta jseħħ l-avveniment li jwassal għad-dannu jkunu jinsabu fi Stat Membru wieħed jew f'aktar, l-għażla tal-partijiet ta' liġi applikabbli li ma tkunx dik ta' Stat Membru ma għandiex tippreġudika l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja, fejn ikun il-każ, kif implementata fl-Istat Membru tal-forum, li minnhom ma tkunx permessa deroga permezz ta' ftehim.

KAPITOLU V

**REGOLI KOMUNI**

*Artikolu 15*

**L-ambitu tal-liġi applikabbli**

Il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali taħt dan ir-Regolament għandha tirregola b'mod partikolari:

(a) il-bażi u l-medda tar-responsabbiltà, inkluża d-determinazzjoni ta' persuni li jistgħu jinżammu responsabbli għal atti mwettqa minnhom;

(b) ir-raġunijiet għal eżenzjoni mir-responsabbiltà, kwalunkwe limitazzjoni tar-responsabbiltà u kwalunkwe diviżjoni tar-responsabbiltà;

(ċ) l-eżistenza, in-natura u l-istima tad-danni jew ir-rimedju mitlub;

(d) fil-limiti tas-setgħat mogħtija lill-qorti mil-liġi proċedurali tagħha, il-miżuri li qorti tista' tieħu għall-prevenzjoni jew għat-terminazzjoni ta' leżjoni jew dannu jew sabiex jiġi żgurat l-għoti ta' kumpens;

(e) il-kwistjoni dwar jekk jistax jiġi trasferit jedd għal indenniz jew riparazzjoni, anke permezz ta' wirt;

(f) il-persuni intitolati għal kumpens għal dannu subit personalment;

(g) ir-responsabbiltà għall-atti ta' persuna oħra;

(h) il-mod li bih tista' tispiċċa obbligazzjoni u r-regoli ta' preskrizzjoni u limitazzjoni, inklużi regoli relatati mal-bidu, ma' l-interruzzjoni u mas-sospensjoni ta' perjodu ta' preskrizzjoni jew limitazzjoni.

*Artikolu 16*

**Dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti**

F'dan ir-Regolament xejn m'għandu jirrestrinġi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-forum f'sitwazzjoni fejn huma jkunu obbligatorji irrispettivament mil-liġi li diversament kienet tkun applikabbli għall-obbligazzjoni mhux kuntrattwali.

*Artikolu 17*

**Regoli ta' sigurtà u ta' kondotta**

Fl-eżami tal-komportament tal-persuna allegatament responsabbli, għandu jittieħed kont, bħala fatt u sa fejn ikun xieraq, tar-regoli ta' sigurtà u ta' kondotta li kienu fis-seħħ fil-post u fil-mument ta' l-avveniment li wassal għar-responsabbiltà.

*Artikolu 18*

**Azzjoni diretta kontra l-assiguratur tal-persuna responsabbli**

Il-persuna li tkun sofriet id-dannu tista' tressaq it-talba tagħha direttament kontra l-assiguratur tal-persuna responsabbli sabiex jipprovdi l-kumpens jekk hekk ikun previst mill-liġi applikabbli għall-obbligazzjoni mhux kuntrattwali jew mill-liġi applikabbli għall-kuntratt ta' assigurazzjoni.

*Artikolu 19*

**Surroga**

Fejn persuna ("il-kreditur") ikollha talba mhux kuntrattwali kontra oħra ("id-debitur"), u persuna terza jkollha dmir li tissodisfa lill-kreditur, jew tkun fil-fatt issodisfat lill-kreditur fit-twettiq ta' dak id-dmir, il-liġi li tirregola d-dmir tal-persuna terza li tissodisfa lill-kreditur għandha tiddetermina jekk, u sa liema punt, il-persuna terza tkun intitolata teżerċita kontra d-debitur id-drittijiet li l-kreditur kellu kontra d-debitur taħt il-liġi li tirregola r-relazzjoni tagħhom.

*Artikolu 20*

**Responsabbiltà multipla**

Jekk kreditur ikollu talba kontra diversi debituri li jkunu responsabbli għall-istess talba, u wieħed mid-debituri diga' ssodisfa t-talba totalment jew parzjalment, il-kwistjoni tal-jedd ta' dak id-debitur li jitlob kumpens mid-debituri l-oħra għandha tkun regolata mill-liġi applikabbli għall-obbligazzjoni mhux kuntrattwali ta' dak id-debitur lejn il-kreditur.

*Artikolu 21*

**Validità formali**

Att unilaterali maħsub sabiex ikollu effett ġuridiku u relattiv għal obbligazzjoni mhux kuntrattwali għandu jkun formalment validu jekk jissodisfa r-rekwiżiti formali tal-liġi li tirregola l-obbligazzjoni mhux kuntrattwali in kwistjoni jew il-liġi tal-pajjiż fejn isir l-att.

*Artikolu 22*

**L-oneru tal-prova**

1. Il-liġi li tirregola obbligazzjoni mhux kuntrattwali taħt dan ir-Regolament għandha tapplika sa fejn, f'materji ta' obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali, hija tipprovdi regoli li jistabbilixxu preżunzjonijiet tal-liġi jew li jiddeterminaw l-oneru tal-prova.

2. Atti attribwiti effett ġuridiku jistgħu jiġu provati bi kwalunkwe mezz ta' prova rikonoxxut mil-liġi tal-forum jew minn kwalunkwe waħda mil-liġijiet imsemmija fl-Artikolu 21 li taħtha dak l-att ikun formalment validu, sakemm tali prova tkun tista' tinġieb fil-forum.

KAPITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET OĦRA**

*Artikolu 23*

**Residenza abitwali**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ir-residenza abitwali ta' kumpanniji u ta' korpi oħra, ġuridiċi jew mhux inkorporati, għandha tkun il-post ta' l-amministrazzjoni ċentrali.

Fejn l-avveniment li jirriżulta fid-dannu jseħħ, jew id-dannu jirriżulta, waqt l-eżerċizzju ta' l-attività ta' fergħa, aġenzija jew kwalunkwe stabbiliment ieħor, il-post fejn il-fergħa, l-aġenzija jew kwalunkwe stabbiliment ieħor ikunu jinsabu għandu jitqies bħala l-post tar-residenza abitwali.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ir-residenza abitwali ta' persuna fiżika li taġixxi fl-eżerċizzju ta' l-attività ta' negozju tagħha għandha tkun il-post prinċipali ta' negozju tagħha .

*Artikolu 24*

**Esklużjoni ta' renvoi**

L-applikazzjoni ta' liġi, ta' kwalunkwe pajjiż, speċifikata minn dan ir-Regolament tfisser l-applikazzjoni tar-regoli tal-liġi fis-seħħ f'dak il-pajjiż diversi mir-regoli tad-dritt internazzjonali privat tiegħu.

*Artikolu 25*

**Stati b'aktar minn sistema legali waħda**

1. Fejn Stat jinkludi diversi unitajiet territorjali, b'kull waħda minnhom bir-regoli legali tagħha fir-rigward ta' obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali, kull unità territorjali għandha titqies bħala pajjiż għall-finijiet ta' l-identifikazzjoni tal-liġi applikabbli taħt dan ir-Regolament.

2. Stat Membru li fih unitajiet territorjali differenti ikollhom ir-regoli legali proprji tagħhom fir-rigward ta' obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali ma għandux ikun meħtieġ li japplika dan ir-Regolament għal konflitti bejn il-liġijiet ta' tali unitajiet biss.

*Artikolu 26*

**L-ordni pubbliku tal-forum**

L-applikazzjoni ta' dispożizzjoni ta' liġi, ta' kwalunkwe pajjiż, speċifikata minn dan ir-Regolament tista tiġi eskluża biss jekk tali applikazzjoni tkun manifestament inkompatibbli ma' l-ordni pubbliku tal-forum.

*Artikolu 27*

**Ir-relazzjoni ma' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi Komunitarja**

Dan ir-Regolament ma għandux jippreġudika l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja li, relattivament għal materji partikolari, jistabbilixxu regoli tal-konflitt ta' liġijiet fir-rigward ta' obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali.

*Artikolu 28*

**Ir-relazzjoni ma' konvenzjonijiet internazzjonali eżistenti**

1. Dan ir-Regolament ma għandux jippreġudika l-applikazzjoni ta' konvenzjonijiet internazzjonali li għalihom Stat Membru wieħed jew aktar ikunu Partijiet fiż-żmien meta jiġi adottat dan ir-Regolament u li jistabbilixxu regoli tal-konflitt ta' liġijiet fir-rigward ta' obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali.

2. Madankollu, bejn l-Istati Membri, dan ir-Regolament għandu jipprevalixxi fuq konvenzjonijiet konklużi esklussivament bejn tnejn jew aktar minnhom sa fejn tali konvenzjonijiet jikkonċernaw materji regolati minn dan ir-Regolament.

KAPITOLU VII

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 29*

**Lista ta' konvenzjonijiet**

1. Sa … (*), l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-lista ta' konvenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 28(1). Wara dik id-data, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-denunzji kollha ta' tali konvenzjonijiet.

2. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur mir-riċezzjoni, tippubblika fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*:

(i) lista tal-konvenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1;

(ii) id-denunzji msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 30*

**Klawsola ta' reviżjoni**

Mhux aktar tard minn … (**), il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jekk ikun meħtieġ, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti għall-adattament ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, ir-rapport għandu jikkunsidra l-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li jirriżultaw minn inċidenti tat-traffiku u minn vjolazzjonijiet tal-privatezza u tad-drittijiet relatati mal-personalità, inkluża d-diffamazzjoni.

*Artikolu 31*

**Regola temporali relattiva għall-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu japplika għal avvenimenti li jwasslu għal dannu li jseħħu wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

*Artikolu 32*

**Id-data ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu japplika minn … (***), ħlief għall-Artikolu 29, li għandu japplika … (*).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussel,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

…

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

…

(*) 12-il xahar wara d-data ta' l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

(**) Erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(***) 18-il xahar wara d-data ta' l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

# DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

## I. INTRODUZZJONI

Il-Kunsill laħaq ftehim ġenerali dwar it-test ta' l-abbozz ta' Regolament dwar il-liġi applikabbli għal obbligi mhux kuntrattwali fl-1-2 ta' Ġunju 2006. Dan wassal għall-adozzjoni ta' pożizzjoni komuni fil-25 ta' Settembru 2006 taħt il-proċedura ta' kodeċiżjoni.

Il-Kunsill ħa d-deċiżjoni tiegħu b'maġġoranza kwalifikata. Id-delegazzjoni Estonjana u dik tal-Latvja vvutaw kontra minħabba r-riżervi tagħhom dwar l-Artikolu 9 rigward azzjoni industrijali u l-implikazzjonijiet tiegħu għal-libertà li jingħataw servizzi ([1]).

Meta adotta l-pożizzjoni tiegħu, il-Kunsill ħa kont ta' l-opinjoni tal-Parlament Ewropew mogħtija fl-ewwel qari fis-6 ta' Lulju 2005 ([2]).

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi stabbilit sett uniformi ta' regoli tal-liġi applikabbli għal obbligi mhux kuntrattwali, irrispettivament mill-pajjiż tal-qorti fejn tinġieb azzjoni. Dan għandu jżid ċertezza rigward il-liġi applikabbli u jtejjeb il-prevedibbiltà ta' tilwim legali u l-moviment liberu ta' ġudizzji.

## II. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI KOMUNI

### 1. Ġenerali

Il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill issegwi fil-biċċa l-kbira l-istess linja tal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni kif modifikata bil-proposta emendata ppreżentata lill-Kunsill fit-22 ta' Frar 2006 ([3]).

Il-bidliet prinċipali li saru għat-test huma kif ġej:

1. Meta mqabbel mal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni l-kamp ta' applikazzjoni ta' l-istrument ġie kkjarifikat u elaborat aktar. Kwistjonijiet ċivili u kummerċjali ma jkoprux responsabbiltà ta' l-Istat għal atti u ommissjonijiet fl-eżerċizzju ta' l-awtorità ta' l-istat ("acta iure imperii"). Ġiet miżjuda esklużjoni addizzjonali għall-Artikolu 1(2) (g) biex tirrifletti d-diskussjonijiet u l-kompromess finali dwar vjolazzjonijet tal-privatezza u tad-drittijiet relatati mal-personalità.

2. Ir-Regolament isegwi l-istess loġika bħal dik tal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni fis-sens li r-Regolament jistabbilixxi regola ġenerali għal-liġi applikabbli għal delitt/kważi delitt ċivili. Ir-regola ġenerali tikkonsisti fl-applikazzjoni tal-liġi tal-pajjiż fejn seħħ id-dannu. Dan ma nbidilx meta mqabbel mal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni. L-Artikolu 4(2) jistabbilixxi eċċezzjoni mill-prinċipju ġenerali, billi joħloq konnessjoni speċjali fejn il-partijiet ikollhom ir-residenza abitwali tagħhom fl-istess pajjiż. L-Artikolu 4(3) għandu jinftiehem bħala "klawżola ta' salvagwardja" mill-Artikoli 4(1) u 4(2), fejn ikun ċar miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li d-delitt/kważi-delitt ċivili jkun b'mod ċar iżjed marbut mill-qrib ma' pajjiż ieħor.

   Bħala prinċipju, din ir-regola ġenerali għandha tkun applikabbli għall-obbligi mhux kuntrattwali kollha koperti mir-Regolament. Huwa biss f'ċerti ċirkostanzi debitament iġġustifikati u limitati li għandu jkun hemm deroga mir-regola ġenerali u jiġu applikati regoli speċjali. Skond il-kondizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 14 il-partijiet jistgħu jiftiehmu li jissottomettu obbligi mhux kuntrattwali għal-liġi magħżula minnhom.

3. Meta mqabbel mal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli speċjali ġie kkjarifikat aktar sabiex jiffaċilita l-applikazzjoni prattika tagħhom. Ir-Regolament attwalment fih regoli speċjali fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-prodott, kompetizzjoni inġusta, dannu ambjentali, ksur ta' proprjetà intellettwali u azzjoni industrijali.

4. Negozjati dwar vjolazzjonijiet ta' privatezza u drittijiet relatati mal-personalità kkawżaw diffikultajiet lil bosta delegazzjonijiet. Il-Kunsill eżamina din il-kwistjoni f'diversi okkażjonijiet u kkunsidra bil-galbu l-għażliet kollha fuq il-mejda tan-negozjati, inkluż il-proposta mill-Parlament Ewropew.

---

([1]) Ara r-referenza għan-nota punt-I/A 12219/2006 CODEC 838 JUSTCIV 181;
([2]) Ara 10812/05 CODEC 590 JUSTCIV 132;
([3]) Ara 6622/06 JUSTCIV 32 CODEC 171;

Minkejja dan, bħala kompromess finali u biex ikun hemm tentattiv ta' rikonċiljazzjoni ta' l-interessi konfliġġenti, il-Kunsill iddeċieda li jħassar ir-regola speċjali dwar il-vjolazzjonijiet tal-privatezza u d-drittijiet relatati mal-personalità f'dan l-istadju. Kif indikat hawn fuq, tali kwistjonijiet huma attwalment esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament bl-Artikolu 1(2) g.

Madankollu, dan għandu jinqara flimkien ma' l-Artikolu 30. Il-klawżola ta' reviżjoni, proposta mill-Parlament Ewropew u li attwalment tinsab fl-Artikolu 30, tagħmel provvediment għal rapport li għandu jiġi sottomess mill-Kummissjoni mhux aktar tard minn erba' snin wara d-data taddħul fis-seħħ tar-Regolament. Dan ir-rapport għandu jikkunsidra b'mod partikolari obbligi mhux kuntrattwali li jirriżultaw minn vjolazzjonijiet tal-privatezza u tad-drittijiet relatati mal-personalità, inkluża d-diffamazzjoni.

5. B'mod differenti mill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, ir-Regolament issa fih ukoll regola dwar azzjoni industrijali b'mod konformi mal-proposta tal-Parlament Ewropew. Bil-għan li jiġu bilanċjati l-interessi ta' ħaddiema u ta' min iħaddem, din ir-regola tikkonsisti f'li tiġi applikata l-liġi tal-pajjiż fejn ittieħdet l-azzjoni industrijali. Madankollu, din id-dispożizzjoni kkawżat tali diffikultajiet lil żewġ delegazzjonijiet li vvutaw kontra l-pożizzjoni komuni.

6. Il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni kien fiha dispożizzjoni għal obbligi mhux kuntrattwali li joħorġu minn atti li mhumiex delitti/kważi delitti ċivili. Ir-Regolament issa jinkludi kapitolu speċifiku b'dispożizzjonijiet separati dwar arrikkament inġust, *negotiorum gestio* u *culpa in contrahendo*.

7. L-Artikoli dwar id-dispożizzjonijiet obbligatorji, ir-relazzjoni ma' dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi Komunitarja u r-relazzjoni ma' konvenzjonijiet internazzjonali eżistenti ġew simplifikati aktar.

8. Ir-Regolament issa fih, kif mitlub mill-Parlament Ewropew, klawżola ta' reviżjoni, li tobbliga lill-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament. B'mod partikolari, ir-rapport għandu jikkunsidra l-obbligi mhux kuntrattwali li joħorġu minn inċidenti tat-traffiku u minn vjolazzjonijiet tal-privatezza u tad-drittijiet relatati mal-personalità, inkluża d-diffamazzjoni.

Emendi oħrajn huma ta' natura aktar formali u saru biex jagħmlu t-test aktar faċli biex jinqara.

Wara r-reviżjoni mill-esperti Ġuristi/Lingwisti, it-test u l-premessi issa ġew innumerati mill-ġdid. Tabella fl-Anness tniżżel in-numri rispettivi kif stabbiliti fil-pożizzjoni komuni u kif kienu indikati fil-proposta oriġinali.

## 2. L-emendi tal-Parlament

Il-Kunsill aċċetta bosta mill-emendi tal-Parlament Ewropew. F'xi każijiet, madankollu, id-diskussjonijiet fil-Kunsill u r-reviżjoni tat-test mill-Esperti Ġuristi/Lingwisti wrew il-ħtieġa għal ċerti kjarifiki tekniċi. Sabiex tiġi żgurata korrispondenza għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament, il-premessi ġew adattati u aġġornati.

Il-bidliet li saru għall-Artikoli 1, 2, 4, 9, 10, 11, 12, 28 u 30 jeħtieġu l-inklużjoni ta' premessi addizzjonali.

Il-premessi 1-5 ġew aġġornati sabiex jieħdu kont ta' l-aħħar żviluppi fuq livell politiku. Għaldaqstant, ir-referenza għall-Pjan ta' Azzjoni ta' l-1988 ġiet sostitwita b'linji gwida li jinsabu fil-Programm ta' l-Aja adottat mill-Kunsill Ewropew fl-2004.

a) *Emendi aċċettati bis-sħih*

L-emendi 12, 17, 21, 22, 35, 37, 39, 40, 45, 51, 52 u l-emendi orali jistgħu jiġu aċċettati kif preżentati mill-Parlament Ewropew peress li jikkontribwixxu għall-kjarezza u l-konsistenza ta' l-istrument jew għal kwistjonijiet ta' dettall.

b) *Emendi aċċettati fis-sustanza*

L-emendi 2, 15, 18, 19, 20, 23, 24, 28, 31, 34, 38, 45 u 54 jistgħu jiġu aċċettati fis-sustanza soġġett għal abbozzar mill-ġdid.

L-emenda 2 hija koperta mill-premessi attwali (29) u (31).

Is-sustanza ta' l-emenda 15 ġiet inkorporata mill-premessa (24).

Il-bidliet proposti mill-emenda 18 huma riflessi fis-sustanza fl-Artikoli 2 u 1(1).

L-emendi 19 u 20 huma inklużi fit-test ta' l-Artikoli 1(2) b u 1(2) d. Madankollu, l-abbozzar ġie simplifikat, b'mod partikolari minħabba l-inklużjoni ta' l-Artikolu 2.

L-emenda 23 hija aċċettata fis-sustanza. Madankollu, il-Kunsill jikkunsidra li minħabba l-bidliet li saru għall-premessa (9) u l-Artikolu 1(1) din l-emenda hija inutli.

Il-Kunsill jikkunsidra li l-bidliet proposti mill-emenda 24 huma koperti fis-sustanza mill-bidliet li saru għall-Artikoli 16, 26 u 27, kif ukoll il-premessa (31).

Il-Kunsill jista' jaċċetta l-prinċipju ta' l-emendi 28 u 34, li jkunu jbiddlu l-istruttura u t-titolu tat-taqsimiet. Il-Kunsill jikkunsidra li dan huwa rifless fl-istruttura attwali tar-Regolament, li huwa maqsum f'Kapitolu I — Kamp ta' applikazzjoni, Kapitolu II — Delitti/kważi delitti ċivili, Kapitolu III — Arrikkament Inġust, *negotiorum gestio* u *culpa in contrahendo*, Kapitolu IV — Libertà ta' l-għażla u Kapitolu V — Dispożizzjonijiet komuni, li jkunu jservu l-istess għan.

L-emenda 31 tintroduċi dispożizzjoni ġdida dwar azzjoni industrijali. Dan huwa konformi mannegozjati fil-Kunsill. Madankollu, is-sustanza tar-regola ġiet kjarifikata aktar fl-Artikolu 9 u bil-premessi (24) u (25).

Is-sustanza ta' l-emenda 38 ġiet inkorporata mill-Artikolu 14. Madankollu, il-Kunsill prova jissimplifika l-formulazzjoni u jagħmilha aktar flessibbli.

Is-sustanza ta' l-emenda 46 ġiet inkorporata mill-Artikolu 18.

ċ) *Emendi aċċettati parzjalment*

L-emendi 3, 14, 44, 25, 26, 36, 44, 53 u 54 jistgħu jiġu aċċettati parzjalment.

L-emenda 3 hija aċċettabbli parzjalment biss peress li l-premessi jirrelataw ma' l-Artikolu 4 u l-emenda 26 dwar l-Artikolu 4 mhijiex aċċettata bis-sħiħ. L-ewwel sentenza ta' l-emenda hija riflessa fis-sustanza fit-test attwali tal-premessi (13) u (14). L-aħħar parti ta' l-emenda hija riflessa fit-test attwali tal-premessa (28).

L-emenda 14 tipproponi, l-ewwelnett, li jiżdiedu l-kliem 'safejn huwa xieraq' sabiex tiżdied enfażi fuq id-diskrezzjoni tal-qorti u, it-tieninett, biex tiġi eskluża din il-possibbiltà fi kwistjonijiet ta' vjolazzjonijiet tal-privatezza u l-kompetizzjoni inġusta. Filwaqt li l-Kunsill jista' jaċċetta l-ewwel parti ta' l-emenda, kwistjonijiet ta' vjolazzjonijiet tal-privatezza jistgħu jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni, u l-Kunsill ma jara l-ebda ġustifikazzjoni biex issir eċċezzjoni għal każijiet ta' kompetizzjoni inġusta.

L-Emenda 25 hija aċċettabbli fil-prinċipju. Madankollu, il-kondizzjonijiet biex tiġi espressa għażla *ex ante* fil-fehma tal-Kunsill għandhom jiġu stabbiliti f'termini ċari u inekwivokabbli.

L-emenda 26 hija marbuta mar-regola ġenerali li tinsab fl-Artikolu 4.

Rigward l-Artikolu 4(1) il-Kunsill jista' jaċċetta l-bidliet proposti.

Minn naħa l-oħra, il-Kunsill ma jistax jaċċetta l-bidliet għall-paragrafu 2. Il-paragrafu 2 jintroduċi regola speċifika dwar l-inċidenti tat-traffiku li tkun tissoġġetta l-obbligu mhux kuntrattwali u l-ammont ta' danni għal żewġ liġijiet differenti. Kif il-Kummissjoni ddikjarat fil-proposta [1] riveduta tagħha din is-soluzzjoni titbiegħed mil-liġi fis-seħħ fl-Istati Membri u għalhekk ma tistax tiġi adottata mingħajr analiżi profonda. Għaldaqstant hemm proposta li l-kwistjoni tiġi kkunsidrata fid-dettall fir-rapport previst mill-Artikolu 30.

[1] Ara 6622/06 JUSTCIV 32 CODEC 171;

Rigward l-Artikolu 4(3), dan għandu jinftiehem bħala klawżola ta' salvagwardja mill-Artikoli 4(1) u (2) fejn ikun ċar miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li d-delitt/kważi-delitt ċivili jkun b'mod ċar iżjed marbut mill-qrib ma' pajjiż ieħor. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill ma jara l-ebda ħtieġa biex jiġu elenkati fatturi speċifiċi.

L-emenda 36 tirrelata ma' l-Artikolu 10 l-ġdid. Filwaqt li fil-prinċipju l-bidliet proposti huma aċċettabbli, il-Kunsill jikkunsidra li l-liġi tal-pajjiż fejn seħħ l-arrikkiment huwa fattur ta' konnessjoni aktar xieraq fil-każ li l-liġi applikabbli ma tistax tiġi determinata abbażi ta' l-Artikolu 10(1) jew (2).

L-ewwel parti ta' l-emenda 44 hija aċċettabbli għall-Kunsill. Madankollu, matul in-negozjati ġie miftiehem li jitħassar il-paragrafu (2) li jkun joħloq problemi fundamentali għal ċerti Stati Membri u għalhekk il-Kunsill ma jistax jaċċetta din il-parti ta' l-emenda.

L-emenda 53 hija aċċettata parzjalment. Il-Kunsill jikkunsidra li jkun aktar xieraq li r-Regolament awtomatikament jieħu preċedenza fuq konvenzjonijiet konklużi esklussivament bejn żewġ Stati Membri jew aktar safejn tali konvenzjonijiet jikkonċernaw kwistjonijiet irregolati mir-Regolament. L-emenda proposta għall-Artikolu 28(3) mhix aċċettata peress li l-Konvenzjoni ta' l-Aja tipprevedi reġim speċifiku dwar l-inċidenti tat-traffiku u bosta Stati Membri li huma partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni esprimew ix-xewqa tagħhom li jżommu dan ir-reġim. F'dan il-kuntest, għandu jingħata rigward lil klawżola ta' reviżjoni fl-Artikolu 30, li tagħmel referenza speċifika għal inċidenti tat-traffiku.

Il-Kunsill jilqa' l-klawżola ta' reviżjoni kif proposta bl-emenda 54. Madankollu, il-Kunsill jissuġġerixxi li reviżjoni aktar ġenerika hija aktar xierqa biex tiżgura evalwazzjoni effettiva fil-qafas tal-kompetenzi eżistenti (ara l-Artikolu 30).

d) *Emendi rifjutati*

L-emendi 1, 4, 5, 6, 8, 10, 11, 13, 16, 27, 29, 32, 33, 41, 42, 43, 47, 49, 50, 56 u 57 huma rifjutati.

L-emenda 1 tirreferi għar-Regolament Ruma I. Madankollu, sakemm jiġi adottat ir-Regolament, huwa aktar xieraq li jkun hemm referenza għall-Konvenzjoni eżistenti Ruma I ta' l-1980 dwar il-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali.

L-emenda 4 tirrelata għall-bidliet proposti għar-regola ġenerali (emenda 26). Peress li l-emenda 26 kienet rifjutata parzjalment, il-bidliet korrispondenti għall-premessa jkollhom jiġu rifjutati.

Minħabba l-bidliet li saru għall-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, il-Kunsill ma jara l-ebda ħtiea għall-emenda 5.

L-emenda 6, 8, 11 u 13 ikunu jadattaw il-premessi biex jirriflettu t-tħassir ta' diversi regoli speċjali mir-Regolament kif propost bl-emendi 27 (reponsabbiltà għall-prodott), 29 (kompetizzjoni inġusta u atti li jirrestrinġu l-kompetizzjoni libera) u 33 (vjolazzjonijiet ta' l-ambjent). Il-Kunsill ma jistax jaċċetta t-tħassir ta' dawn ir-regoli speċjali, għalhekk l-emendi korrispondenti għall-premessi jkollhom jiġu rifjutati wkoll. Madankollu, il-Kunsill għamel sforz biex jiddefinixxi b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regoli speċjali sabiex jiffaċilita l-applikazzjoni prattika tagħhom.

L-emendi 10 u 56 jkollhom jiġu rifjutati peress li obbligi mhux kuntrattwali li joħorġu minn vjolazzjonijiet tal-privatezza u tad-drittijiet relatati mal-personalità, inkluż id-diffamazzjoni, ġew esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

L-emenda 16 mhix aċċettabbli għall-Kunsill, peress li l-Kunsill jirrifjuta l-emenda 42 li għaliha tikkorrispondi din l-emenda.

L-emenda 27 tkun tħassar ir-regola speċjali dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti. Il-Kunsill jikkunsidra li l-applikazzjoni tar-regoli ġenerali f'każijiet ta' responsabbiltà għall-prodotti ma tkunx tippermetti li l-liġi applikabbli tiġi prevista b'ċertezza raġonevoli. Il-ħolqien ta' sistema kaskata ta' fatturi ta' konnessjoni, flimkien ma' klawżola ta' prevedibbiltà, tidher li hija soluzzjoni bilanċjata fid-dawl ta' dan l-objettiv.

L-emenda 29 tipproponi li titħassar ir-regola speċjali dwar kompetizzjoni inġusta. Il-Kunsill ma jistax jaċċetta dak. Ir-regola speċjali fl-Artikolu 6 mhijiex eċċezzjoni għar-regola ġenerali li tinsab fl-Artikolu 4(1) iżda pjuttost tikkjarifikaha sabiex tiddetermina fejn jinqala' d-dannu. Fi kwistjonijiet ta' kompetizzjoni inġusta, ir-regola għandha tipproteġi l-kompetituri, il-konsumaturi u l-pubbliku ġenerali u tiżgura li l-ekonomija tas-suq tiffunzjona sew. Il-konnessjoni mal-post fejn ir-relazzjonijiet kompetittivi jew l-interessi kollettivi tal-konsumaturi jiġu affettwati, jew fil-każ ta' restrizzjonijiet ta' kompetizzjoni, il-pajjiż fejn ir-restrizzjoni jkollha jew x'aktarx li jkollha effett, ġeneralment tissodisfa dawn l-objettivi. L-obbligi mhux kuntrattwali li joħorġu minn restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni fl-Artikolu 6(3) għandhom ikopru ksur kemm tal-liġi Komunitarja tal-kompetizzjoni kif ukoll dik nazzjonali.

L-emenda 32 hija relatata ma' l-emenda 26 li hija rifjutata mill-Kunsill sal-punt li tirrelata ma' inċidenti tat-traffiku. Għall-istess raġunijiet kif indikat hawn fuq, din l-emenda hija rifjutata.

Il-Kunsill ma jistax jaċċetta t-tħassir tar-regola speċjali għal dannu ambjentali kif propost bl-emenda 33. Ir-regola proposta tirrifletti l-prinċipju 'min iniġġes iħallas' promoss mill-Komunità u diġà applikat f'diversi Stati Membri.

Il-Kunsill ma jistax jaċċetta l-emenda 41 peress li jidher li tkun f'kontradizzjoni mal-bidliet proposti bl-emenda 40 li l-Kunsill jaċċetta.

L-emendi 42 u 43 jittrattaw il-kwistjoni ta' l-applikazzjoni tal-liġi barranija mill-qorti. Il-Qorti tirrifjuta dawn l-emendi peress li din il-kwistjoni għandha tiġi ttrattata f'kuntest differenti.

Peress li l-emenda 22 kienet aċċettata, l-emenda 47 fil-fehma tal-Kunsill hija inutli.

Il-Kunsill jikkunsidra li l-kjarifika li tinsab fl-Artikolu 23(2) hija biżżejjed għall-finijiet ta' persuni fiżiċi matul l-attivitajiet ta' negozju tagħhom. Għaldaqstant l-emenda 49 hija rifjutata.

L-Emenda 50 timmira li tikkjarifika l-kunċett ta' politika pubblika. Ikun diffiċli għalissa li jiġu stabbiliti kriterji komuni u strumenti ta' referenza għall-finijiet ta' definizzjoni tal-politika pubblika. Għal dawn ir-raġunijiet l-emenda 50 hija rifjutata.

L-emenda 57 tirrelata ma' l-Artikolu 6 tal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni. Il-Kunsill eżamina din il-kwistjoni f'diversi okkażjonijiet u kkunsidra bil-galbu l-għażliet kollha fuq il-mejda tan-negozjati, inkluż is-soluzzjoni proposta mill-Parlament Ewropew. Madankollu, bħala kompromess finali u biex ikun hemm tentattiv ta' rikonċiljazzjoni ta' l-interessi konfliġġenti, il-Kunsill jipproponi li jħassar ir-regola speċjali dwar il-vjolazzjonijiet tal-privatezza u tad-drittijiet relatati mal-personalità f'dan l-istadju. Għalhekk l-emenda 57 għandha tiġi rifjutata. Minflok ir-Regolament jipprevedi esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni fl-Artikolu 1(2) (g).

Madankollu, dan għandu jinqara flimkien ma' l-Artikolu 30. Il-klawżola ta' reviżjoni li tinsab fl-Artikolu 30, tagħmel provvediment għal rapport li għandu jiġi sottomess mill-Kummissjoni mhux aktar tard minn erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Ir-rapport għandu jikkunsidra b'mod partikolari obbligi mhux kuntrattwali li joħorġu minn vjolazzjonijiet tal-privatezza u tad-drittijiet relatati mal-personalità, inkluża d-diffamazzjoni.

## III. KONKLUŻJONI

Il-Kunsill jikkunsidra li t-test tal-pożizzjoni komuni rigward ir-Regolament dwar il-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali joħloq sistema bilanċjata ta' regoli dwar konflitt bejn il-liġijiet fil-qasam ta' obbligi mhux kuntrattwali u jikseb l-uniformità mixtieqa ta' regoli tal-liġi applikabbli. Barra minn hekk, il-pożizzjoni komuni hija fil-biċċa l-kbira konformi mal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni u l-opinjoni tal-Parlament Ewropew.

*ANNESS*

**TABELLA TA' KORRISPONDENZA**

| Il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni | Il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill |
|---|---|
| Premessa (1) | Premessa (1) |
| ġdida | Premessa (2) |
| Premessa (2) | imħassra |
| Premessa (3) | Premessa (3) |
| ġdida | Premessa (4) |
| ġdida | Premessa (5) |
| Premessa (4) | Premessa (6) |
| Premessa (5) | Premessa (7) |
| ġdida | Premessa (8) |
| ġdida | Premessa (9) |
| ġdida | Premessa (10) |
| ġdida | Premessa (11) |
| Premessa (6) | Premessa (12) |
| Premessa (7) | Premessa (13) |
| Premessa (8) | Premessa (14) |
| ġdida | Premessa (15) |
| ġdida | Premessa (16) |
| Premessa (9) | Premessa (17) |
| Premessa (10) | Premessa (18) |
| Premessa (11) | Premessa (19) |
| ġdida | Premessa (20) |
| ġdida | Premessa (21) |
| Premessa (12) | imħassra |
| Premessa (13) | Premessa (22) |
| Premessa (14) | Premessa (23) |
| ġdida | Premessa (24) |
| ġdida | Premessa (25) |
| Premessa (15) | Premessa (26) |
| ġdida | Premessa (27) |
| Premessa (16) | Premessa (28) |
| Premessa (17) | Premessa (29) |
| Premessa (18) | Premessa (30) |
| Premessa (19) | Premessa (31) |

| Il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni | Il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill |
|---|---|
| Premessa (20) | Premessa (32) |
| ġdida | Premessa (33) |
| Premessa (21) | Premessa (34) |
| Premessa (22) | Premessa (35) |
| Premessa (23) | Premessa (36) |
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| ġdid | Artikolu 2 |
| Artikolu 2 | Artikolu 3 |
| Artikolu 3 | Artikolu 4 |
| Artikolu 4 | Artikolu 5 |
| Artikolu 5 | Artikolu 6 |
| Artikolu 6 | imħassar |
| Artikolu 7 | Artikolu 7 |
| Artikolu 8 | Artikolu 8 |
| ġdid | Artikolu 9 |
| Artikolu 9 (1) | Artikolu 12 |
| Artikolu 9(2) | Artikolu 10(2), 11(2), 12(2)b |
| Artikolu 9(3) | Artikolu 10 |
| Artikolu 9(4) | Artikolu 11 |
| Artikolu 9(5) | Artikolu 10(4), 11(4), 12(2)c |
| Artikolu 9(6) | Artikolu 13 |
| Artikolu 10 | Artikolu 14 |
| Artikolu 11 | Artikolu 15 |
| Artikolu 12 | Artikolu 16 |
| Artikolu 13 | Artikolu 17 |
| Artikolu 14 | Artikolu 18 |
| Artikolu 15(1) | Artikolu 19 |
| Artikolu 15(2) | Artikolu 20 |
| Artikolu 16 | Artikolu 21 |
| Artikolu 17 | Artikolu 22 |
| Artikolu 18 | imħassar |
| Artikolu 19 | Artikolu 23 |
| Artikolu 20 | Artikolu 24 |

| Il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni | Il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill |
|---|---|
| Artikolu 21 | Artikolu 25 |
| Artikolu 22 | Artikolu 26 |
| Artikolu 23 | Artikolu 27 |
| Artikolu 24 | imħassar |
| Artikolu 25 | Artikolu 28 |
| Artikolu 26 | Artikolu 29 |
| ġdid | Artikolu 30 |
| Artikolu 27 it-tieni taqsima | Artikolu 31 |
| Artikolu 27 l-ewwel u t-tielet aqsima | Artikolu 32 |